# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Jannar 2010 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 65 SENA * Nru. 914



# Gżira "Ekoloġika"?

# TERRY'S FABRICS

***The one-stop shop for ALL your fabric and crafting needs!***

We cater in fabrics for all occassions be it Carnival, Easter, Christmas, etc. Find a wide selection of *crafts for kids, scrapbooking, haberdashery, card making accessories* and *embellishments, quilting, bucilla, ganutell, jewellery making* and *lots* more! We also manufacture and sell uniforms and embroidered badges.

*Sole agents and distributors for* **Darice**, **Cranston** *and* **DCWV** *craft products.*

Visit us at:
**Tigrija Palazz, Level 2,**
**Republic Street,**
**Victoria,**
**Gozo**

Opening hours: Mon-Fri from 08.30-12.00
16.30-19.00
Saturdays mornings only
Closed on Sundays and Public Holidays

Tel: 21559329
Fax: 21561498
Email: ddts1279@gmail.com

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 914***
***Jannar 2010***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni*: Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 5
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku • 16
Kummenti mil-Lajċi • 19
Għawdex fil-Parlament • 20
Għawdex fil-Ġurnali • 21
Kummentarju (2) • 22
Picture Story (7) • 24
Letteratura Għawdxija • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Solidarjetà Nisranija (6) • 28
Snajja Qodma (26) • 30
Kummentarju (3) • 31
Ftit Fatti u Kummenti • 32
Kif Naf lil Għawdex • 34
Mil-Lenti tat-Telekamera • 36
Passiġġata Biblika • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (21) • 39
Għawdex 300 sena ilu (179) • 40
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (15) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (14) • 44
Kotba minn Għawdex • 46
Apprezzament • 47
Esperjenza: Berlin • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
L-Għoljiet ta' Għawdex (1) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joe Attard, Charles Spiteri, Kurja ta'l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.*
**Qoxra:** *Ħajr lil Ted Attard.*




# *L-Iskola saret Mera tas-Soċjetà Moderna?*

*Għal ħafna żmien, konna nqisu s-soċjetà bħala riflessjoni tal-edukazzjoni mogħtija fl-iskejjel. U bir-raġun, għaliex l-iskola kienet il-forza ewlenija li tħejji u trawwem iċ-ċittadini tal-għada. Konvinti minn dan il-fatt, l-Ingliżi kienu jgħidu li "the battle of Waterloo was won on the playingfields of Eton," – il-battalja li bidlet il-mixja tal-Istorja intrebħet fl-iskola.*

*Hekk kien dakinhar; u hekk baqa' sa ftit diċenni ilu. Iżda llum m'għadux hekk.* ***Ir-relazzjoni skola – soċjetà nqalbet. L-iskola m'għadhiex l-aktar forza qawwija fl-edukazzjoni sħiħa u fit-trawwim tat-tfal u ż-żgħażagħ. U dan jgħodd l-aktar fejn jidħlu l-valuri. Forzi oħra fis-soċjetà ħafna drabi jirnexxilhom jieħdu s-sopravvent fuq l-iskola tant li l-mikrokosmu tal-iskola sar jirrifletti s-soċjetà. Issa l-iskola saret hi l-mera tas-soċjetà. Dak li ġara, dan l-aħħar, fi skola tal-bniet f'Għawdex, hu xhieda ta' dan.***

*Forsi ma nintebħux bil-bullying li hawn fis-soċjetà tagħna għaliex sar tant komuni li issa ndara. Biżżejjed wieħed jagħti ħarsa riflessiva lejn it-traffiku: l-ipparkjar fejn u kif jaqbel b'inkonvenjenza u periklu għal ħaddieħor, is-sewqan "a la gran prix", kultant ukoll kontra l-linja, it-tvenvin tal-magna ta' xi 'cowboy' fuq il-mutur biex min ma jarahx jisimgħu...min jgħaddi bil-mixi fit-triq wara xi ħalba xita jissogra ħasla minn min mingħajr l-iċken kas (ngħid hekk biex nagħti l-benefiċċju tad-dubju) minn min jgħaddi mgħaġġel fuq l-erba' roti. Dawn huma kollha atti, żgħar jew kbar, ta' prepotenza u 'bullying'.*

***Mhux ukoll 'bullying' li tokkupa mingħajr permess spazju pubbliku? L-istatistika tal-MEPA turi li 20% tal-iżvilupp illegali sar f'Għawdex (1573 każ mill-1992 'l hawn). U l-awtoritajiet jidhru dgħajfin quddiem reati żgħar ... u mdaqqsa. Possibbli huma wkoll sfaw matul iż-żmien vittma tal-'bullying', u għaldaqstant daħlu f'qoxrithom?***

*Min-naħa l-oħra, fis-soċjetà tagħna, wkoll, il-ħażen sar spettaklu. It-tfal huma esposti għall-pornografija – xi drabi wkoll għall-pornografija fejn l-aggressjoni sesswali tkun impinġiha bħallikieku tintgħoġob mill-vittma. L-istatistika fl-Istati Uniti turi korrelazzjoni qawwija bejn il-bejgħ tar-rivisti erotiċi u l-aggressjoni sesswali. U l-pornografija fostna mhix biss fl-istampi, fuq it-televixin, fil-websites, fid-divertiment kultant meqjus bħala arti, iżda ukoll, per eżempju, fil-Karnival tan-Nadur b'imġieba skandaluża.*

*F'dan il-kuntest soċjali jiġri li t-'teenagers' jisfaw vittmi ta' din il-kultura biex imbagħad, kultant imiss lilhom li jagħmlu vittmi minn 'teenagers' oħra. Is-soċjetà għal ftit min-naħa tmesken u min-oħra tiskandalizza ruħha. Iżda, għax ma tridx tassew terfa' r responsabbiltajiet tagħha, hi soċjetà li tinsa malajr. Mal-ġimgħa ta' wara, 'business as usual'...!*

***Minn żmien għall-ieħor, fil-politika Maltija tinstama' l-għajta li "is-sewwa jirbaħ". Is-sewwa kellu bżonn jirbaħ dejjem u mhux fil-politika biss, iżda fl-oqsma kollha tas-soċjetà. Għalkemm bħalma qal C.S.Lewis; "Soċjetà marida trid tirrifletti dwar il-politika daqskemm persuna marida trid tieħu ħsieb id-diġestjoni". Il-biċċa hi li din l-indiġestjoni soċjali-ċivili-morali ħafna qegħdin isejħulha 'progress'!***

**Joseph W. Psaila**




Hekk kif joqrob tmiem Novembru, l-parroċċi tagħna jibdew jippreparaw għal żmien l-Avvent u n-novena tal-Milied. Ħafna familji jingħabru fil-knejjes tagħna matul id-disat ijiem qabel il-Milied.

• Il-KDZ organizzat għal darba oħra katekeżi ndirizzata liż-żgħażagħ matul il-Ħdud tal-Avvent. Dawn kienu qed jiġu organizzati fis-sala tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Numru sabiħ ta' żgħażagħ kienu qed jattendu għal din l-attività li serviethom ta' preparazzjoni vera u ġenwina għall-festi sbieħ tal-Milied.



• Nhar il-Ħadd 6 ta' Diċembru fil-parroċċa ta' San Lawrenz, Mons. Isqof Mario Grech mexxa quddiesa li fiha ta l-ministeru tal-Akkolitat lil ħames seminaristi; Trevor Sultana u Franklin Vella mill-parroċċa tax-Xewkija, Krystof Buttiġieġ mill-parroċċa tal-Qala, Samuel Grech mill-parroċċa ta' Għajnsielem u John Mejlak mill-parroċċa tal-Katidral. Permezz ta' dan il-ministeru, dawn is-seminaristi jistgħu jibdew jgħinu fit-tqarbin fil-parroċċi tagħna. Nawgurawlhom u nitolbu għalihom.

• Nhar it-8 ta' Diċembru il-Knisja Universali fakkret is-sollennità tal-Immakulat Konċepiment tal-Verġni Marija. F'Għawdex din il-festa tiġi ċċelebrata fis-Santwarju tal-Qala u fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali fi Pjazza San Franġisk fil-Belt Victoria. Nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru 2009 ġiet iċċelebrata wkoll il-Festa ta' Santa Luċija Verġni u Martri, fl-inħawi ta' Santa Luċija f'Ta' Kercem. F'din l-okkazjoni Mons. Isqof Mario Grech tkellem dwar il-vera dinjità tal-mara l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt tal-ħajja, kif promulgata mit-tagħlim tal-Knisja Kattolika.



• Nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru Bro. Stephen Magro ġie ordnat Djaknu minn Mons. Isqof Mario Grech, waqt quddiesa fil-knisja ta' Sant'Antnin tal-Patrijiet Minuri ġewwa Għajnsielem. L-okażjoni tal-ordinazzjoni tiegħu, kif qal l-Isqof Mario Grech, hija grazzja, mhux biss għall-Knisja Universali u għall-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, imma grazzja wkoll għall-Knisja f'Malta u Għawdex tagħna. Nawgurawlu mill-qalb u nitolbu għalih u għall-Ordni Franġiskan.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "L-EWKARISTIJA U L-PASTORALI TAL-ĦSIEB"



***Diskors tal-E.T. Mons Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-Festa ta' Kristu Re u fl-Għeluq tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, il-Ħadd 22 ta' Novembru 2009.***

**Tkun irresponsabbiltà gravi tal-poplu t'Alla f'dawn il-gżejjer jekk ma joffrix sehmu fl-iżvilupp uman u sħiħ tas-soċjetà.** Għalkemm għandna ħafna tajjeb madwarna, huwa fatt li qed naraw ukoll ċerti esperjenzi li qed jirrendu l-ħajja ta' xi wħud tqila. Jekk mhux fil-familji tagħna stess, żgur li qrib tagħna hemm sitwazzjonijiet li jitolbu azzjoni biex il-bniedem jerġa' jibda jgħix! Ċerti traġedji umani fil-poplu tagħna ma jistgħux ma jqanqlux fina l-istess sentiment li ġarrab Alla meta ra l-poplu tiegħu fl-eżilju: "Ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu. Smajt il-karba tagħhom minħabba fl-argużini tagħhom u għaraft l-uġigħ tagħhom. Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani u biex intellagħhom minn din l-art (tal-eżilju) u neħodhom f'art tajba u wiesgħa, f'art li tnixxi ħalib u għasel" (Eż 3,7-8). Bħalma dakinhar Alla bagħat lil Mosè biex itaffi l-uġigħ, illum Alla qed jafda dan l-impenn lilna!

**Huwa fenomenu ta' żmienna li xi koppji miżżewġa qed jinfirdu.** Mhux il-waqt li nidħol fl-argument dwar min għandu t-tort ta' dan kollu; imma fil-komunità għandna koppji feruti, individwi bla futur, ulied bla familja. Il-karba ta' dawn tista' tibqa' fgata? Jew huwa dmir tagħna li nisimgħuhom, nakkumpanjawhom u nfittxu biex fir-rispett lejn il-verità naraw x'soluzzjonijiet nistgħu nipproponulhom?

Ladarba l-bniedem huwa dgħajjef, xi drabi jsib ruħu involut f'attività li mhux bilfors ikun konvint li hija l-aħjar għażla għalih! Eżempju ta' dan hu fejn hemm il-promiskwità. Persuna li proprju għax m'għandhiex biżżejjed kontroll fuqha nnifisha hija esposta għal ċertu mard, qed tgħajjat għall-għajnuna. Ma nistgħux inkunu insensibbli għal din it-tbatija, imma aħna fid-dmir li nfittxu x'rimedji nistgħu noffru, basta jkunu rimedji li jirrispettaw id-dinjità umana tal-persuna!

**Soċjetà organizzata ċivilment għandha s-sistema amministrattiva bl-iskop li taqdi liċ-ċittadin.** Proprju biex din is-sistema tgawdi l-fiduċja ta' kull ċittadin, mhix fin-natura tagħha li tippermetti ndħil politiku partiġġjan. Nassumu li l-politiċi huma serji biżżejjed li ma jindaħlux fiċ-ċivil; il-fatt biss li teżisti din l-impressjoni huwa ħażin. Barra mir-riformi amministrattivi, x'jista' jsir biex is-servizz pubbliku jkompli jitjieb u l-mentalità u l-prassi li semmejt jissaffew?

Dawn huma ftit eżempji ta' esperjenzi meħudin mill-ħajja ta' kuljum li għandhom jixprunaw lin-Nisrani biex, bħal bennej tajjeb, jgħin fil-bini ta' soċjetà li tixraq lil kull bniedem, ikun x'ikun it-twemmin tiegħu.

Qegħdin ngħixu f'epoka maħkuma minn dak li l-filosofu Gianni Vattimo sejjaħlu "il-ħsieb dgħajjef" fejn, fost ħwejjeġ oħra, il-bniedem jiddubita ħafna mill-verità oġġettiva u huwa konvint mill-verità suġġettiva. Dan il-"ħsieb dgħajjef" fetaħ il-bieb għar-relattiviżmu, mhux biss fl-etika imma f'kull qasam, bil-konsegwenza li fin-nuqqas ta' dawk iċ-ċertezzi bażiċi sar aktar diffiċli d-djalogu.

**Wisq agħar minn hekk, huwa dak li fl-enċiklika *Popolorum Progressio* il-Papa Pawlu VI jgħid li "d-dinja qed tbati minħabba nuqqas ta' ħsieb" (n. 85). Dan huwa faqar kbir. Meta l-bniedem jirrinunzja li jaħseb b'moħħu, jew jibda jaħseb b'moħħ ħaddieħor jew jaġixxi mingħajr ħsieb! Meta nagħżlu li ma naħsbux, jiddgħajjef l-għarfien tagħna tal-verità.** Il-Papa Pawlu VI kien fisser kif waħda mill-kawżi ta' nuqqas ta' żvilupp hija defiċjenza tal-għerf u tar-riflessjoni, peress li l-bniedem li ma jaħsibx ma jafx x'direzzjoni għandu jieħu f'ħajtu.

Huwa interessanti li l-Papa Benedettu XVI fl-aħħar enċiklika tiegħu *Caritas in Veritate* jgħid li llum **il-ħsieb huwa t-triq għall-veru progress** – il-bniedem intelliġenti għandu l-ħila li flimkien ma' oħrajn jiskopru x'inhi l-verità (ara n.53).

### *Il-"pastorali tal-ħsieb"*

Hija r-responsabbiltà storika tal-Kristjaniżmu llum li jindirizza dan il-bżonn li jkollna soċjetà li taħseb. Dan jgħiduh filosofi ta' valur, bħalma huma Habermas u Pera!

Huwa f'dan il-kuntest li llum, anke fil-Knisja lokali, neħtieġu dik li Antonio Rosmini, Pawlu VI u l-Papa attwali sejħu "appostolat tal-*caritas* intellettwali", fis-sens li ngħinu biex tinfirex aktar l-imħabba għall-għerf. Għax **biex tfittex il-verità, tiddefendiha u tesprimiha bl-umiltà u l-konvinzjoni u tagħti xhieda għaliha, irid ikollok doża qawwija ta' mħabba.**

Ikun żball jekk naħsbu li din ix-xorta ta' appostolat tinteressa biss lil xi kategorija ta' persuni, bħalma huma l-għorrief, il-professjonisti, l-għalliema, l-istudenti universitarji, eċċ. Filwaqt li dawn huma kategorija li m'għandhiex tiġi traskurata biex terġa' tkun irkuprata l-*intelligentia christiana* – li sfortunatament f'pajjiżna kważi tlifniha, u l-assenza tagħha tinħass f'ħafna kampijiet –, kull bniedem jista' jaħseb, kull bniedem jaf jaħseb, u kull bniedem għandu jaħseb.

Għalhekk din il-*pastorali tal-ħsieb* għandha tinteressa lil kulħadd. B'din ix-xorta ta' pastorali nifhmu li l-bniedem għandu jkollu dik l-għodda li biha jkun jaf janalizza l-



proċess kulturali li jkun għaddej minnu (per eżempju, familja, xjenza medika, is-servizz pubbliku), u wara li jkun ħaseb, ikun jista' jagħti s-sehem tiegħu biex jorjenta dan il-proċess f'direzzjoni li tkun verament ta' ġid għall-bniedem. **Nemmen li l-*caritas intellettwali* hija waħda mill-arterji prinċipali biex ir-rievanġelizzazzjoni tieħu sura konkreta fil-ħajja ta' kuljum. Din ix-xorta ta' pastorali terġa' toffri l-possibbiltà li jkun hemm id-djalogu bejn il-fidi u r-raġuni. Jekk tkun nieqsa din l-imħabba għall-verità, l-ebda waħda miż-żewġ għamliet ta' djakonija li għandha l-Knisja ma jirnexxu – la dik "sammaritana" u anqas dik "soċjali".**

### *L-Ewkaristija u l-*caritas *intellettwali*

Hemm rabta qawwija bejn l-Ewkaristija u l- *caritas intellettwali.* L-Ewkaristija hija s-sagrament tal-imħabba fejn Ġesù jagħtina lilu nnifsu. Dan Ġesù li niċċelebraw fl-Ewkaristija, huwa l-Kelma t'Alla – l-Għerf t'Alla li sar bniedem, biex mill-għerf tiegħu nistagħnu aħna! Għalhekk, kull meta aħna niltaqgħu biex niċċelebraw l-Ewkaristija, aħna għandna x-xorti li nagħmlu din l-esperjenza tal-verità (il-Kelma nkarnata u l-Kelma rivelata) f'kuntest ta' Mħabba. Din il-verità tistimola l-ħsieb tagħna biex bir-raġuni u bl-għajnuna tal-fidi naslu biex b'konvinzjoni nagħmlu tagħna dik il-verità.

**Sfortunatament għal xi wħud iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija saret biss "ritwal" jew possibbiltà oħra biex ikunu fil-preżenza tas-sagru; imma l-vera ċelebrazzjoni Ewkaristika għandha tkun esperjenza ta' Dak li daħal u għadu jidħol fl-istorja biex jerfa' fuqu u jagħti direzzjoni lill-ħajja tal-komunità. Fl-Ewkaristija Alla jiltaqa' mal-istorja attwali tal-bniedem** – Alla jiltaqa' mal-eżistenza storika u konkreta tal-bniedem u bl-iva tiegħu Huwa jibdel l-istorja. Imma biex waqt il-quddiesa n-nisrani jagħmel din l-esperjenza, huwa jrid jiltaqa' ma' Alla li huwa Mħabba, imma wkoll Għerf. "Jekk id-dinja tal-qedem kienet toħlom li fl-aħħar mill-aħħar l-ikel tassew tal-bniedem – dak li bih jgħix bħala bniedem – kien il-*Logos*, l-Għerf ta'dejjem, issa dan il-*Logos* sar tassew ikel għalina – bħala mħabba" (*Deus caritas est*, n. 13). **Huwa għalhekk meħtieġ li nagħtu aktar attenzjoni lill-Liturġija tal-Kelma, partikularment ix-xandir tal-Kelma t'Alla fil-quddiesa kif ukoll it-tifsira li tingħata mill-presbiteru fl-omelija.** Dawn huma mumenti sollenni daqs il-mument tal-konsagrazzjoni. It-tħabbira tal-Kelma mgħejuna bl-omelija, għandha ddawwal l-intelliġenza, tistimola l-ħsieb fin-Nisrani u tgħinu jkun dixxiplu matur.

**Hawnhekk inħossni fid-dmir li f'isem il-Knisja ngħid grazzi lil ħuti fis-saċerdozju li kull nhar ta' Ħadd – u xi wħud anke fil-quddies ferjali ta' kuljum – jaqsmu l-Kelma mal-poplu t'Alla: ministeru li huma jwettqu bil-qalb u b'dedikazzjoni minkejja li jimpenjahom b'ħafna sagrifiċċju.**

### *Il-quddiesa tal-Ħadd u l-formazzjoni Nisranija*

Billi għal ħafna mill-Insara l-Kelma ċċelebrata fil-quddiesa tal-Ħadd hija l-uniku mument ta' formazzjoni Nisranija, inħeġġiġhom biex dak il-ħin jgħożżuh, jaħsbu fuq dak li jkun qalilhom Alla ħalli hekk ikattru l-ħażna tal-verità li għandhom. Fl-istess ħin nistedinhom jikkunsidraw jistgħux jissieħbu ma' dawk il-komunitajiet, gruppi u għaqdiet li għandna fil-komunitajiet parrokkjali li matul il-ġimgħa jiltaqgħu madwar il-mejda tal-Kelma u tal-Ewkarstija. **Din l-esperjenza ta' katekeżi b'bażi biblika għall-adulti għandha ssib kull appoġġ, għax nemmen li hija t-triq tal-futur għan-Nisrani u għall-Knisja llum.** F'dawn l-għaqdiet in-Nisrani jħejji lilu nnifsu mhux biss biex il-profitt tiegħu personali mill-Ewkaristija jkun akbar, imma wkoll biex meta jiltaqa' mal-komunità parrokkjali huwa jkun jista' jwettaq xi ministeru **biex l-Ewkaristija tkun verament espressjoni oħra tal-*caritas intellettwali***, li hija meħtieġa ħafna biex inkomplu nsaħħu l-Knisja tagħna u fl-istess ħin nikkontribwixxu ħalli f'pajjiżna jkollna kultura li tagħmel ġieħ lil kulħadd.

Intemm dan il-messaġġ tiegħi bi twissija li għamel il-Papa Benedittu XVI fil-festa tal-*Corpus Domini* ta' din is-sena meta qal li mhix ħaġa skontata li ħafna għadhom jemmnu fil-preżenza reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Huwa kompla jgħid li "**illum jeżisti l-periklu li anke fil-Knisja hawn proċess ta' sekularizzazzjoni qawwija, li jista' jwassal biex il-kult ewkaristiku jsir wieħed formali u vojt**". Aħna m'aħniex meħlusin minn dan ir-riskju. Kien għalhekk li bil-għajnuna t'Alla ċċelebrajna l-Kungress Ewkaristiku Djoċesan b'impenn li nkomplu ngħożżu l-Jum tal-Ħadd bħala Jum il-Mulej, li rridu nqaddsuh bis-sehem attiv tagħna fl-Ewkaristija.

Kif għidt fil-bidu, tkun irresponsabbiltà gravi tal-poplu t'Alla f'dawn il-gżejjer jekk ma joffrix sehmu fl-iżvilupp uman u sħiħ tas-soċjetà. **Huwa fl-Ewkaristija li l-komunità Nisranija ssib il-qawwa li timbuttaha dejjem 'il quddiem biex tibni lilha nnifisha fl-istorja u tibni dinja aħjar.**

Kummentarju (1)

# Kungress Ewkaristiku: Tisħiħ, Tindifa jew ...?



kitba ta' MONS. SALV GRIMA

**Li tiċċelebra anniversarju jew ċentinarju permezz ta' Kungress u attivitajiet varji fuq medda ta' ġimgħat dwar suġġett tal-fidi nisranija bħalma hija l-Ewkaristija, mhix ħaġa daqshekk faċli. Mhux l-istess bħalma titfakkar xi ġrajja storika jew xi persunaġġ importanti marbuta ma' xi pajjiż jew belt fejn jixirqilhom ġieħ u għożża fil-memorja taċ-ċittadini. Lanqas tista' tobsor x'jista' jinqala' li jaljena jew ifixkel.**

Il-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, f'okkażjoni ta' għeluq it-80 sena li kien ġie ċċelebrat l-ewwel darba f'Għawdex fl-1929, inżamm f'Ottubru u Novembru 2009 meta nzertaw ġranet li fihom kienet għaddejja fl-aqwa tagħha polemika qalila soċjo-reliġjuża marbuta maċ-ċelebrazzjoni tal-festi esterni li laħqet l-inħawi kollha ta' pajjiżna permezz tal-midja lokali ta' kull xorta. Huma żewġ aspetti differenti fil-ħajja tal-Knisja, iżda faċli wieħed jintebaħ fejn għal ħafna tinsab il-prijorità!



Il-messaġġ tad-Djoċesi kien dwar wieħed mill-misteri ewlenin tal-fidi Nisranija, għax **aħna nemmnu li l-Ewkaristija hija l-preżenza reali ta' Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem, taħt ix-xbiha t tal-ħobż u tal-inbid. Hija realtà u verità li altru li tixirqilha l-ogħla ġieħ u għożża, ħafna iktar minn ħwejjeġ oħra li nħolqu matul is-sekli.** Għalhekk l-iskop tal-Kungress ma kienx biss tifkira storika tal-imgħoddi imma kien stedina għall-preżent kif stqarr l-E.T. Mons. Isqof M. Grech fiċ-ċirkulari tal-okkażjoni tal-10 ta' Ottubru: **"għax irridu nirriflettu, nitolbu u nieħdu azzjoni...."**

### *Prova ta' xhieda?*

Għal dan il-għan saret sejħa għal kull nisrani għad-diversi attivitajiet ta' natura biblika, liturġika, kateketika, pastorali u spiritwali, f'komunitajiet fejn saru ċelebrazzjonijiet ta' tifħir, kant u qima lill-istess Misteru Ewkaristiku. Iżda wieħed ma jistax ma jżommx quddiem għajnejh li l-attendenza tiddependi wisq fuq l-entużjażmu, iktar milli fl-apprezzament tal-verità nfisha. Huwa iktar dak ta' xejra viżibbli, tanġibbli u soċjali u forsi wkoll pompuż jew eċċitanti, li l-iktar jiġbed il-folol, għalkemm l-attendenza tal-Insara għall-konklużjoni nhar is-Sollennità ta' Kristu Sultan kienet waħda mill-ikbar. Kienet manifestazzjoni popolari bi stqarrija pubblika ta' Fidi Ewkaristika b'tama li jitwassal ukoll messaġġ ta' iktar tisħiħ fl-istess verità, ċentru tal-ħajja Nisranija.

Xeni simili ta' folol fil-ħajja pubblika ta' Ġesù lanqas kienu jonqsu, però deher ukoll x'kien l-iskop prinċipali meta ġrew warajh, għal xi ġid personali jew għajnuna f'xi problema. Eżempju ta' dan insibuh meta Ġesù tema' folla kbira u l-għada qalilhom: **"Intom qegħdin tfittxuni mhux għax rajtu s-sinjali, imma għax kiltu mill-ħobż u xbajtu. Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem, dak li Bin il-bniedem jagħtikom..."** *(Ġw 6, 26-27).*

Meta tahom l-ikel materjali, in-nies kienu ħerqanin li ma jitilquhx, tant li Ġesù "ntebaħ li kienu ġejjin biex jeħduh bilfors ħalli jagħmluh sultan" *(Ġw 26, 16).* Madankollu xhin semmielhom l-aħjar ikel li wegħidhom bħala Ġismu u Demmu għall-ħajja ta' dejjem, xi dixxipli l-ewwel bdew igergru fuqu, oħrajn tlewmu bejniethom, u bosta oħrajn telquh u ma baqgħux imorru warajh. Kien jaf li biex jaċċettaw il-kelma tiegħu u jibqgħu fidili lejha kellhom



bżonn għajnuna speċjali mis-Sema: "Dawk kollha li jagħtini Missieri jiġu għandi" *(Ġw 6, 37)*. L-istess stqarrija ta' Kristu tgħodd xejn inqas għal-lum għax ma tistenniex li kulħadd huwa l-istess.

### *Kungress Integrat*

Kienet ġrajja ta' providenza għad-Djoċesi meta wieħed jikkonsidra diversi fatturi, fosthom li bħala frott tal-Missjoni Djoċesana (2008 – 09) immedjatament inħass il-bżonn li tingħata **iktar importanza u tifsira tal-Jum tal-Ħadd bħala Jum l-Ewkaristija**, u dan kien suġġett li dwaru saret insistenza ripetuta anki permezz tal-omelija. Is-suġġett kien trattat ukoll fl-Ittra Ċirkulari ta' Mons. Isqof kif ukoll fid-diskors tal-għeluq tal-Kungress. Dan ħabat ukoll fis-Sena Saċerdotali u għalhekk diversi attivitajiet kienu indirizzati lill-kleru kollu f'rabta maċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, billi wieħed jirrifletti wkoll fuq l-eżempju li ħalla l-Kurat ta' Ars, ippreżentat lilna mill-Q. T. il-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni tal-150 sena mill-mewt tiegħu, u li tant ħadem biex nissel devozzjoni u fidi fil-preżenza ewkaristika ta' Kristu.

**Jum il-Ħadd u l-Ewkaristija ma jistgħux ma jkunux integrati flimkien b'mod sħiħ mal-ħajja tas-saċerdot anki minħabba d-dmir li dan għandu li bħala ministru ordnat jevanġelizza u jxandar il-Kelma ta' Alla waqt li jiċċelebra l-misteri qaddisa. Fid-dawl ta' dan, il-kleru kellu waħda mill-istediniet tiegħu biex jirrifletti iktar dwar il-valur u l-post tal-Kelma u r-responsabbiltà kbira li jikkomunikaha mal-insara ħalli dawn jagħrfu aħjar kif jiġu f'komunikazzjoni ma' Alla u hekk jistagħnew aħjar biha sabiex twassalhom u tgħaqqadhom iktar mal-Ewkaristija.** It-tema kienet f'idejn Dun Renè Camilleri li spjega fiex jikkonsisti d-dinamiżmu tal-Kelma ta' Alla li tnissel, tlaqqa' u tqanqal lis-semmiegħa b'tali mod li l-Ewkaristija tieħu dehra iktar kredibbli.

Issa mas-sena l-ġdida pajjiżna għandu sejħa oħra marbuta mal-1950 anniversarju tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl u li għal din l-okkażjoni hemm il-pjan ta' żjara mill-Q. T. il-Papa fostna. Għax m'għandhiex tkun din ukoll prova oħra ta' **xhieda ta' fidi fl-Ewkaristija**, bħala l-qofol ta' dil-ġrajja storika għall-Knisja lokali, li tgħaqqadna propju mal-ewwel darba li f'pajjiżna saret l-istess ċelebrazzjoni tal-Misteri Qaddisa? **Jista' min għandu għal qalbu din it-tifkira jibqa' bla ma jieħu azzjoni bis-serjetà, favur il-Jum tal-Ħadd u l-Ewkaristija?**


GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN
GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Jum ir-Repubblika ċċelebrat f'Għawdex*

Jum ir-Repubblika f'Għawdex ġie ċċelebrat permezz ta' kunċert mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Mark Gauci. Il-kunċert li sar fis-Sala tal-Wirjiet fi Pjazza San Franġisk ir-Rabat Għawdex nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru, inżamm taħt il-patroċinju ta' l-E.T. il-President ta' Malta Dr George Abela u s-Sinjura Margaret Abela. Preżenti għal dan il-kunċert kien hemm il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Dr Chris Said, il-Membri Parlamentari, Dr Justin Caruana u Frederick Azzopardi, iċ-*Chairman* tal-Kumitat Festi Nazzjonali, Vincent Grech, iċ-*Chairman* tal-Kumitat Kulturali, Kevin Sciberras u mistiedna oħra distinti.



*L-Eċċ. Tiegħu l-President u martu jidhru flimkien mal-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, il-Maġistrat Paul Coppini u l-President tal-Għaqda Ħbieb tal-Morda u Anzjani f'Għawdex, il-Kirurgu Dr John B. Pace*

## *Mario Mifsud jingħata l-Premju Ħaddiem tas-Sena fit-Turiżmu*

Mario Mifsud, mix-Xagħra u li joqgħod ir-Rabat, Għawdex, li għandu 56 sena u li għamel 36 sena minnhom jaħdem fis-settur turistiku, rebaħ il-Premju Ħaddiem tas-Sena fit-Turiżmu f'Għawdex, it-tieni edizzjoni ta' dan il-premju organizzat mill-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu f'Għawdex (GTA). Illum Mario huwa nkarigat mit-taqsima tal-manutenzjoni mal-aġenzija, *Gozo Farm Houses*, aġenzija ewlenija fis-settur tal-kiri tal-*farmhouses* f'Għawdex.

Kif spjegat fir-rapport ippubblikat mill-bord tal-għażla, id-deċiżjoni ta' din is-sena ma kinetx waħda faċli, peress li d-disa' persuni nominati, kollha għandhom kwalitajiet tajbin u permezz tas-servizzi tagħhom qed jagħtu kontribut siewi fil-qasam tat-turiżmu. Il-premju ġie ppreżentat mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, waqt ċerimonja fil-Lukanda Grand, f'Għajnsielem, nhar it-Tnejn 21 ta' Diċembru, filgħaxija.



*Mario Mifsud jidher jirċievi mingħand il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, il-premju Ħaddiem tas-Sena fit-Turiżmu f'Għawdex*

Waqt is-serata ġie mfakkar ukoll għeluq l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-*Gozo Tourism Association* fejn ingħatat ħarsa lura lejn ix-xogħol imwettaq matul dawn is-snin.

F'din is-serata ħa sehem ukoll il-*Chorus Urbanus*, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu Mario de Marco, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, l-ewwel Ministru għal Għawdex Anton Tabone u l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu (MTA) Josef Formosa Gauci.

## *It-12-il Edizzjoni tal-Kunċert tal-Milied mill-"Chorus Urbanus"*

Għat-tieni sena konsekuttiva, nhar il-Ħadd, 20 ta' Diċembru, il-*Chorus Urbanus* ippreżenta l-Kunċert tal-Milied fil-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex. Din kienet it-Tnax-il Edizzjoni ta' dan il-kunċert tal-Milied li issa daħal sew fil-kalendarju kulturali ta' dawn iż-żminijiet tal-Milied.

Għall-kunċert ta' din is-sena, il-Kor kien akkumpanjat mill-*Island Brass Ensemble*, iffurmat minn uħud mill-aqwa mużiċisti lokali. Il-kunċert ta' din is-sena ħa dehra xi ftit differenti mill-edizzjonijiet passati peress li l-arranġament mużikali għall-kor u għall-istrumenti tar-ram ta dimensjoni aktar kontemporanja tal-għanjiet popolari tal-Milied. Kien proġett li rnexxa u li ġie apprezzat ħafna mill-udjenza numeruża li ħonqot il-bażilika.



*Il-Chorus Urbanus waqt il-Kunċert tal-Milied fil-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex*

Il-programm fetaħ bi *Christmas Fanfare* mill-*Island Brass Ensemble* li nterpretaw ukoll *Coventry Carol* u *The First Nowell*. Mro. Mark Gauci fuq l-Althorn ta interpretazzjoni eċċellenti ta' *Neath the Dublin Skies* akkumpanjat mill-*ensemble*. Il-kantanta magħrufa Pamela Bezzina, eks-membru tal-*Chorus Urbanus* interpretat *Have Yourself a Merry Little Christmas*.

Min-naħa tiegħu, il-*Chorus Urbanus*, akkumpanjat mill-*Island Brass Ensemble*, ippreżenta numru ta' *carols* tradizzjonali u popolari li kienu jinkludu *Christmas Lullaby*, *Joy to the World*, *Zither Carol*, *O Holy Night* u *Away in a Manger*. Noel Galea (baxx) flimkien mal-kor interpretaw *Adeste Fideles* filwaqt li l-kor ippreżenta verżjoni *a cappella* ta' l-għanja *While Shepherds Watched*.

Però, interpretazzjoni eċċellenti u sentimentali ta' l-għanja tradizzjonali Maltija *Ninni La Tibkix Iżjed* uriet is-sbuħija ta' din l-għanja li tfakkrek fis-sempliċità tat-tfal ikantaw waqt il-purċissjoni tal-Milied. Għal din l-għanja, il-kor kien akkumpanjat biss mill-arpa li ndaqqet tant tajjeb minn Jacob Portelli.

Għall-kunċert ta' din is-sena, il-Kor interpreta l-għanja *Gloria de Noel* wara introduzzjoni qasira dwarha mill-President tal-Kor, il-Perit Edward Scerri. Bħala għeluq għal dan il-kunċert, il-*Chorus Urbanus* ippreżenta *Ukranian Bell Carol*, għanja tant popolari mal-udjenza li ta' kull sena tattendi għal dan il-kunċert. Matul il-kunċert, il-Kav. Joe M. Attard, li kien *compere* matul il-kunċert, qara poeżija dwar il-Milied filwaqt li saret ġabra b'risq il-Fondazzjoni Arka. Għall-kunċert ta' din is-sena, il-Kor u l-*ensemble* kienu taħt id-direzzjoni ta' Dr. John Galea, surmast direttur tal-kor.

Fost dawk li attendew għal dan il-kunċert kien hemm Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru ta' Malta u s-Sinjura Gonzi, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari, Chris Said, is-Sindku tar-Rabat, Dr Samuel Azzopardi, Mons Pawl Cardona, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, membri tal-Kapitlu Ġorġjan kif ukoll numru sabiħ ta' mistednin distinti. Wara l-kunċert sar riċeviment għall-mistednin preżenti.

## *Il-Milied f'Għajnsielem*



*Il-purċissjoni tal-Bambin f'Għajnsielem*

It-temp sabiħ ta' lejliet il-Milied ġiegħel ħafna Għajnselmiżi jħallu djarhom u jgawdu l-purċissjoni ta' Ġesù Bambin, li tiġi organizzata kull sena mill-fergħat tas-Soċjetà tal-MUSEUM f'Għawdex b'mod speċjali f'Għajnsielem.

Din is-sena l-purċissjoni bdiet minn Piazza Tolfa. Tfal u adulti, flimkien mal-Banda San Ġużepp, akkumpanjaw lil Ġesù Bambin li għadda minn Triq Bengħażi għall-Pjazza Indipendenza u finalment spiċċa fil-pjazza prinċipali. Wara l-istess fergħa tas-Soċjetà tellgħet programm imżewwaq ħafna fil-Knisja Parrokkjali.



*L-Arċipriet il-Kan. Frankie Bajada ibierek is-Salib li ser jittella' fuq il-lanterna tal-koppla tal-Knisja Parrokkjali*

Il-purċissjoni tradizzjonali kienet introdotta mill-fundatur tas-Soċjetà tal-MUSEUM, Dun Ġorġ Preca, illum Qaddis, fl-1921, fil-Ħamrun. Tradizzjoni oħra tal-Milied Malti hija l-priedka li normalment issir minn tifel waqt il-quddiesa ta' nofs-il-lejl u li din is-sena fil-Knisja Arċipretali t'Għajnsielem, spiċċa biex għamilha Jeremy Galea.

Il-Konċelebrazzjoni tmexxiet mill-Arċipriet il-Kanonku Frankie Bajada, li bdiet bil-purċissjoni ta' Ġesù tarbija akkumpanjati mill-

kant tal-innu popolari *Adeste Fidelis*. Waqt din il-quddiesa ttella' fuq it-taraġ tal-artal maġġur is-Salib li se jitpoġġa fuq il-lanterna tal-koppla tal-knisja, wara li din ġiet restawrata mill-ġdid. Saret ukoll iċ-ċerimonja tat-tberik ta' dan is-Salib.

## *Fundazzjoni Arti Fontana*



Fundazzjoni Arti Fontana dan l-aħħar preżentat Kunċert strumentali fis-Sala tal-Esibizzjonijiet, Ministeru għal Għawdex, Victoria. Fl-ewwel parti, studenti tal-*Piano Class* tal-Fundazzjoni daqqew żewġ biċċiet kull wieħed, waħda akkumpanjati mill-għalliem tagħhom Mro. Stephen Attard, li kien ukoll il-ko-ordinatur mużikali tal-Kunċert. Fit-tieni parti, mistiedna iktar t'esperjenza tal-Fundazzjoni, tnejn minnhom imħarrġin barra minn Malta, ħadu sehem. Il-programm ikkonsista f'*Medleys* tal-Milied, irranġati minn Colin Attard, Stephen Attard u Joseph Vella, kif ukoll f'xi xogħlijiet profani, bħat-*"Tico-tico ne fuba"*, li ġabet fi tmiem klimattiku il-Kunċert li ħa 80 minuta.

## *Il-"Gaulitanus Choir" jagħlaq l-istaġun tal-festi*

Il-*Gaulitanus Choir* għalaq l-inizjattivi kulturali tiegħu għall-festi tal-Milied b'kunċert nhar il-Ħadd tal-Epifanija. Dan kien il-ħames edizzjoni tal-*End-of-Festive Season Concert*. Dan kien ukoll l-ewwel kunċert minn programm sħiħ inizjattivi mużikali għall-2010 – is-sena meta l-kor qiegħed jiċċelebra l-20 anniversarju.



Din is-sena l-kor ippreżenta *Carols from the British Isles*, taħlita ta' għanjiet tal-Milied b'arranġament għall-okkażjoni tal-fundatur-direttur tal-Kor, Colin Attard. Is-Surmast Colin Attard akkompanja fuq il-pjanu disa' solisti, ilkoll vuċijiet ġodda li trawmu fost il-membri tal-Kor. Il-klarinettista Josef Debrincat interpreta *Reminiscences of 'A Ceromony of Carols'*, adattament għall-klarinett u l-pjanu minn Colin Attard, ta' erba' temi f'kuntrast mix-xogħol magħruf ta' Benjamin Britten.

Il-kunċert laħaq il-qofol tiegħu bil-*Christmas Cantata* ta' Geoffrey Bush, xogħol tas-seklu 20 għal *soprano solo* u kor. Is-*soprano* Stephanie Portelli ddebuttat b'suċċess f'dan il-ġeneru ta' mużika. L-udjenza numeruża apprezzat ukoll l-arti u s-sengħa tal-pjanista tal-Kor, Stephen Attard u l-klarinettista Josef Debrincat li mas-*soprano* u l-Kor taw lil din il-*cantata* l-awra li jistħoqqilha. Bħas-soltu Mro Colin Attard iddirieġa din il-*cantata* li kienet qed tkun esegwita għall-ewwel darba f'Għawdex.

## *Restawrati numru ta' irdieden tar-riħ tradizzjonali*



Il-Ministeru għal Għawdex irrifonda tmintax-il persuna Għawdxija li matul l-2009 għamlu xogħol ta' restawr fuq irdieden tar-riħ li għandhom fl-egħlieqi tagħhom. Dan ix-xogħol kien relatat ma skema li nieda l-Ministeru għal Għawdex bħala inizjattiva marbuta mal-viżjoni eko-Għawdex f'Mejju 2009. L-għajnuna li ngħatat tirrappreżenta 75% ta' l-ispejjeż marbuta max-xiri ta' tagħmir u xogħol konness mar-riabilitazzjoni tal-makkinarju jew l-istruttura ta' l-irdieden.

Waqt il-preżentazzjoni ta' l-għotjiet, il-Ministru għal Għawdex, l-Onor Giovanna Debono, spjegat kif din kienet waħda mill-ewwel inizjattivi meħuda mill-Ministeru għal Għawdex fir-rigward ta' dik li ser tkun il-ħidma biex Għawdex isir gżira ekoloġika. Il-Ministru spjegat li din il-ħidma hija ndirizzata biex Għawdex isir Għawdex aħjar fl-oqsma soċjo ekonomiċi kollha. Il-qasam agrikolu hu wieħed minn dawn l-oqsma li jirrappreżenta qasam primarju għaliex għandu wkoll relevanza ambjentali li hija riflessa f'dak li hu l-ambjent rurali tipiku tal-gżira.

## Iċ-Chief Scout tal-iScouts f'Malta iżur lil Victoria Scout Group

Iċ-*Chief Scout* tal-Assoċjazzjoni tal-i*Scouts* f'Malta, Kenneth De Martino għamel żjara uffiċjali fil-kwartieri tal-*Victoria Scout Group*.



*Iċ-Chief Scout tal-Assoċjazzjoni tal-iScouts f'Malta, Kenneth De Martino jidher f'ritratt tal-okkażjoni fiż-żjara uffiċjali fil-kwartieri tal-Victoria Scout Group.*

Mal-wasla tiegħu ġie milqugħ mill-*Group Scout Leader*, Lorrie Saliba u l-membri tal-Kunsill. Wara ltaqgħa mal-membri tal-*Group*, mal-iżgħar membri, il-*Cubs*, mal-membri tat-Truppa, l-i*Scouts* u mal-ikbar membri, l-*Venture Scouts* flimkien mal-*leaders* tagħhom. Kulħadd iltaqgħa fis-sala fejn is-Sur Saliba għamel diskors ta' merħba. Tkellem fuq il-ħbiberija u l-istima li ilha teżisti bejn il-*Group* tal-Victoria u dak ta' tas-Sliema fejn is-Sur De Martino kien *leader* tat-Truppa. Heġġeġ lill-membri kollha biex din l-istima reċiproka tkompli fis-snin li ġejjin. Fakkar lil dawk preżenti fis-Sinjura Ġorġa Grech li kienet tat id-dar tagħha lil *Group* biex jużaha bħala kwartieri tiegħu għal 27 sena sakemm bena l-kwartieri preżenti. Irringrazzja b'mod speċjali lill-membri u lis-*supporters* li matul is-snin ħadmu bi sħiħ għall-ġid tal-*Group*.

Il-*Cubs* kantaw żewġ kanzunetti ta' merħba. Il-*Kestrel Patrol*, ippreżentaw xi informazzjoni fuq il-Ġappun u offrew xi ikel tipiku Ġappuniż lill-mistiedna. Il-*Ventures* bnew pont tal-injam mingħajr ma użaw ħbula biex jorbtu l-biċċiet ma' xulxin. Wieħed minnhom imbagħad qasam minn fuqu.

Iċ-*Chief Scout* irringrazzja lill-*Group* tal-istedina u lill-membri tal-merħba. Qal li dawn il-membri komplew it-tradizzjoni li dak li jagħmlu, jagħmluh sew. Tkellem fuq ir-rispett li għandu għall-*Group* tal-Victoria u fuq kif il-ħbiberija tiegħu kompliet tiġġedded fis-snin li matulhom kien segretarju taċ-*Chief Commissioner* tal-Assoċjazzjoni, l-Għawdxi, Joseph G. Grech. Awgura lill-membri biex jieħdu vantaġġ mill-esperjenzi varji li l-ħajja fi *Scout Group* toffri. Heġġiġhom biex fil-futur huma wkoll jagħtu xi ħaġa lura lill-*Group* li trabbew fih. L-aħħar kliem kien indirizzat lill-membri tal-Kunsill. Hu qal li l-*Group* tal-Victoria kien iffortunat għax matul is-snin dejjem kellu membri tal-Kunsill ħabrieka li stinkaw biex ġabu 'l quddiem lill-*Group*.

Is-Sur De Martino għalaq id-diskors tiegħu billi wera t-tama li din ma tkunx l-ewwel u l-aħħar żjara lill-*Group*. Awgura li meta jerġa' jżur lill-*Group* jara lill-*Cubs* li jsiru *Ventures* u lill-*Ventures* li jsiru *leaders* biex b'hekk il-*Group* ikompli jissaħħaħ.

## Servizz ta' kant u talb ekumeniku fil-Fontana



Fi żmien il-Milied, il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex organizza servizz ta' kant ta' għanjiet tal-Milied kif ukoll qari ta' siltiet mill-Iskrittura relatati mat-tħabbira u t-twelid ta' Ġesù. Din is-sena dan sar fil-knisja parrokkjali tal-Fontana. Is-servizz tmexxa mill-Isqof t'Għawdex , Mons. Mario Grech waqt li ħa sehem ukoll il-*Pastor* tal-Anglikani f'Malta, *Canon* Simon Godfrey.

Fil-messaġġi li taw, it-tnejn fakkru t-twelid tal-Messija fil-għar ta' Betlem elfejn sena ilu, b'enfasi għal dak li qed jiġri fid-dinja materjalista tal-lum. Il-kant u d-daqq tmexxa minn David Fenech u sħabu, waqt li grupp ta' residenti barranin bl-isem ta' *Għawdex Hand Bell Ringers* ukoll daqqew diversi *carols* fuq il-qniepen intonati tagħhom.

Wara, dawk kollha preżenti kienu mistiedna għal riċeviment ipprovdut mill-Kunsill Lokali tal-Fontana fis-Sala tal-Kunsill li tinsab ħdejn il-knisja.

## *'Skruġ' - il-musical*

Il-Museum tan-Nadur ippreżenta l-*Musical* Skruġ fit-teatru MBC in-Nadur nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru quddiem sala mballata binnies. B'kast ta' iktar minn ħamsin attur fosthom ħafna żgħażagħ u tfal, l-udjenza ċapċpet bil-qalb fi tmiem kull att b'sens ta' apprezzament u approvazzjoni.



*L-atturi tal-*musical *Skruġ fit-teatru MBC in-Nadur*

B'direzzjoni ta' Mark Azzopardi, b'mużika ta' Antoie Theuma u bil-lirika miktuba minn Joe Camilleri l-atturi kollha ħadmu flimkien biex jagħtuna din is-serata verament sabiħa. L-istess produzzjoni reġgħet saret fl-Oratorju Don Bosco, il-Ħadd 27 ta' Diċembru.

## *Attività tal-Milied għat-tfal*




L-Għaqda Mużikali San Girgor, Kerċem, organizzat attività tal-Milied, għat-tfal kollha, f'waħda mis-swali tal-Każin tal-Banda, nhar il-Ħadd, 27 ta' Diċembru. Waqt din l-okkażjoni saret sorpriża kbira għat-tfal fejn minbarra *Father Christmas* li qassam ir-rigali lit-tfal preżenti kien hemm ukoll presepju ħaj b'San Ġużepp, il-Madonna bil-Bambin u l-ħmara li ntlaqgħu b'ferħ kbir.

## *Iżuru l-Għassa Ċentrali tal-Pulizija*

Is-Sindku tal-Lokalità ta' Sannat, Philip Vella flimkien ma' għadd ta' tfal Sannatin żaru l-Għassa Ċentrali tal-Pulizija fir-Rabat, fejn ġew imdawra mal-post illi għadu kif ġie rinovat, mill-iSpettur Josric Mifsud u s-surġent Ray Mifsud.

F'kelmtejn l-iSpettur Josric qal lit-tfal illi l-pulizija qegħdin hemm biex jgħinu liċ-ċittadini u biex jaraw illi l-liġijiet tal-pajjiż jiġu osservati minn kulħadd.



*It-Tfal Sannatin flimkien mas-Sindku Philip Vella, fil-Ġnien tal-Għassa Ċentrali tal-Pulizija, fir-Rabat, Għawdex.*

## *Attività tal-Milied fin-Nadur*



Taħt tinda kbira fi Pjazza San Pietru u San Pawl, in-Nadur, imżejna għall-ġranet festivi, il-Kunsill Lokali organizza diversi attivitajiet tal-Milied.

Minn diversi postijiet inbiegħu oġġetti differenti bħal ġugarelli, dekorazzjonijiet, kotba u varjetà sħiħa ta' ħelu, kejkijiet, ċikkulati, *doughnuts* u inbid. Ħafna mill-postijiet kienu mmexxija mill-gruppi lokali differenti li jaħdmu fil-komunità tan-Nadur. Iljieli mimlija divertiment f'atmosfera vivaċi. Santa Claus kien akkumpanjat mill-Banda Mnarja tan-Nadur, li telaq minn Triq Diċembru 13, bl-għan prinċipali kien li jiltaqa' ma' ħafna tfal.

Kantanti mistiedna kienu jinkludu fost l-oħrajn l-Alessia, David Azzopardi, *St Monica Choir*, *Gozo Boy* u Keith Buttigieg.

Kien hemm ukoll *entairtainment* għat-tfal li kien jinkludi dimostrazzjoni tat-tisjir, pittura, il-kastell u l-*go carts*. Għall-okkażjoni x-xelter ta' żmien il-gwerra, li hemm fil-Pjazza, kien miftuħ għall-pubbliku, fejn James Azzopardi, artist stabbilit, għamel Bambin b'messaġġ magħżul "Kristu imla' il-qlub tagħna bil-paċi u l-imħabba".

## *Ġieħ lill-artist Wistin Camilleri*



Fiċ-Ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri ġewwa Għawdex, saret ċerimonja kommemorattiva li fakkret l-20 sena mill-ftuħ ta' l-iskola, kif ukoll it-tletin sena mill-mewt ta' Wistin Camilleri li għalih issemma l-istess Ċentru.

Matul din iċ-ċerimonja, l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex inawgurat monument f'ġieħ Wistin Camilleri, li wara tbierek mill-E.T. Mons. Mario Grech, l-Isqof ta' Għawdex. Il-monument inħadem u ġie mogħti lill-iskola, mill-iskultur il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, li jiġi iben l-artist Wistin Camilleri, filwaqt li l-pedestall tal-monument inħadem minn Manuel Saliba fuq disinn ta' Camilleri Cauchi nnifsu. Il-monument inħadem taħt is-sorveljanza ta' Josef Camilleri, li jiġi n-neputi ta' Wistin Camilleri.

Dawk preżenti għall-inawgurazzjoni setgħu jżuru l-parti l-ġdida ta' l-iskola li nbniet permezz ta' proġett ko-finanzjat minn fondi Ewropej. Huma setgħu jsegwu dak li kien għaddej fid-diversi *workshops* biex b'hekk orjentaw ruħhom mas-suġġetti li kienu qegħdin jiġu mgħallma.

## *Spettaklu mill-"Helping Hands Group"*



Għal darba oħra l-*Helping Hands Group* flimkien mal-*Gozo Youth Wind Band & Orchestra* ppreżentat l-ispettaklu *Christmas with the Musicals* nhar l-Erbgħa fl-għaxija 30 ta' Diċembru 2009 f'Misraħ San Ġorġ Victoria fit-8.30pm. Ġew ippreżenati arranġamenti mużikali ġodda flimkien ma' oħrajn li ġew esegwiti fil-passat u li tant ntlaqgħu tajjeb minn dawk li attendew. Flimkien ma' *The Gozo Youth Wind Band*, ħa sehem ukoll il-Kor tal-kbar tal-*Helping Hands* kif ukoll il-*Helping Hands Theatre Experience Children Choir* flimkien ma' diversi kantanti popolari. Dione Lautier tal-*Grapes Wine Bar* serva ikel u xorb waqt is-serata.

## *Il-Kunċert Annwali tal-Milied fix-Xagħra*



Nhar it-Tlieta 22 ta' Diċembru 2009, il-Knisja Kolleġġjata u Bażilika tat-Twelid ta' Marija Bambina ospitat il-ħdax-il edizzjoni tal-Kunċert annwali tal-Milied li din is-sena ġab l-isem '*Et Incarnatus Est*' (U sar bniedem). Din is-sena, dan l-avveniment mużikali kien ippreżentat mis-Sur John Demanuele, preżentatur regolari fuq diversi stazzjonijiet televiżivi lokali, u wera lill-udjenza li attendiet it-talenti kbar li bihom huwa mogħni l-Kor LaudatePueri.
Fil-prezent, id-Direttur ta' dan il-Kor huwa l-W.R. Dun Ġorġ Frendo filwaqt li l-*leader* tal-Kor hija Dr. Maria Frendo. Flimkien mal-Kor ħadu sehem is-solisti Dr. Maria Frendo (sopran) u Rev. Joseph Mercieca (tenur), l-organista Xagħri Dr. Joseph Camilleri u l-arpista Jacob Portelli.

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 9.00pm*





*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*

**RIFLESSI** **Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard**

# Kemm rajt Presepji sbieħ!

Kienet tassew idea sabiħa u ta' min ifaħħarha dik tas-Sezzjoni tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li jgħin finanzjarjament lil dawk li xtaqu jibnu u jesebixxu xi presepju matul il-jiem li għaddew għax b'hekk stajna ngawdu presepji tassew sbieħ imxerrdin ma' parti kbira mill-gżira tagħna. Sa minn meta kont għadni tifel f'dar ommi jien trabbejt bil-presepju d-dar u kbirt b'din l-imħabba lejn dan il-wirt li nemmen qed ikompli jieħu l-ħajja anke bis-sehem li qed tagħti l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta 1985.

Għamilt mezz li ma nitlifx iċ-ċans li mmur inżur dawn il-presepji u veru ma ddispjaċinix. Rajt kif għamilt u ksibt lista tagħhom u ta' kull fl-għaxija kont naqbad il-karozza u nara xi ftit minnhom għax ngħid is-sewwa ma kinux ftit. B'kollox inkitbu tmien presepji mekkaniċi u wieħed u għoxrin statiċi. Żgur li kien hemm iżjed imma ppreferew li ma jintrabtux bil-ħin tal-wiri. Wieħed minnhom kien żgur dak tal-presepista bravu Frankie Mizzi li joqgħod fil-bidu tal-Fontana li għandu presepju trid seba' għajnejn biex tarah, presepju li ddur miegħu dawramejt waqt li tisma' wkoll kummentarju bil-Malti, bl-Ingliż jew bit-Taljan.

Intant il-mekkaniċi li rajt kollha għoġbuni. Bdejt billi rajt dak ta' Giovann Cassar fi Triq il-Belliegħa Victoria li issa ilu jagħmel il-presepju għal bosta snin. Bieb ma' bieb il-knisja ta' San Franġisk fil-Victoria rajt ukoll presepju mekkaniku li għoġobni ħafna wkoll, waqt li fil-Qasam tas-Subien tal-Museum fix-Xagħra nsibu presepju armat is-sena kollha li ta' kultant tiżdiedlu wkoll xi ħaġa ġdida. Hawnhekk din id-dar tfur bl-attività dawn il-jiem qaddisa li kienu tant għal qalb il-Fundatur Dun Ġorġ Preca. Nibqgħu fix-Xagħra u l-presepju ta' Victor Agius ukoll jiġbed l-għajn; dan iż-żagħżugħ artist waqqaf ukoll għaqda f'raħlu biex tkompli tippromovi l-kultura tal-presepju. Fix-Xagħra wkoll Aaron Agius ta' Triq Gajdoru tana presepju sabiħ. Fil-Qala, wara li domt indur strappata biex sibtu, għoġobni ferm ukoll il-presepju ta' Anthony Bajada li ssuġġerieli li l-Kunsill tal-Kultura jibgħat kopja ta' dawn il-presepji kollha fid-djar ta' dawk li jkunu qed jesebixxu biex b'hekk kull min ikun qed idur dawn il-presepji, jkun jaf fejn għandu jmur. Din l-istess xewqa wriha wkoll Joe Schembri li fil-Munxar dis-sena wkoll tana presepju li mhux ta' min jitilfu. Veru li wieħed seta' jniżżel lista tagħhom minn fuq l-internet, imma mhux kulħadd jaf iħawwad bħali! Fl-aħħarnett fix-Xewkija, fil-każin tal-banda Prekursur daħħluni nara l-presepju b'għadd ta' movimenti fejn ta' kull fl-għaxija jinġabru għadd ta' żgħażagħ u ħbieb biex jgħidu kelma.

Ħa ngħaddi issa għal presepji statiċi u dawn kollha kienu sbieħ. Għoġobni mmens dak li bena fil-Bażilika ta' San Ġorġ iż-żagħżugħ Ġorġ Camilleri b'pasturi li nġabu minn Sqallija; sabiħ ukoll dak li rajt fl-Oratorju Don Bosco u ta' Ġorġ Cassar fil-qalba ta' Triq Vajringa. Bħas-soltu fil-*garage* ta' missieru (Alla jaħfirlu), Anton Sillato ma naqasx li jagħtina presepju sabiħ li bħalu għamel ieħor fuq wieħed mill-altari tal-knisja ta' San Franġisk; Emmanuel Grech kien responsabbli minn żewġ presepji – wieħed fit-teatru tal-Opra Aurora u ieħor f'daru fi Triq il-Kapuċċini Victoria, u hawnhekk ta'min iżid li Manwel jagħmel ukoll il-pasturi tiegħu. Fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet fix-Xagħra reġa' kien hemm presepju għal wiri flimkien ma' għadd sabiħ ta' presepji li jibnu t-tfal. Teddy Caruana mir-Rabat imma jgħix fix-Xagħra daħħalni nara l-presepju li bena fi Triq Vestru kif għamel ukoll Raymond Bonello li ħafna drabi ma jżarmax xogħlu qabel ma tkun daħlet sewwa s-sena l-ġdida. Lill-Qasam tas-Subien fin-Nadur li tant ikun imżejjen u armat sabiħ dawn il-jiem, mhux biss nifirħilhom għal Presepju kbir li jieħu kamra sħiħa imma wkoll għal *Musical Scrooge* li tawna fl-Oratorju Don Bosco fuq kitba ta' Joe Camilleri u mużika ta' Antoine Theuma. Fl-istess raħal rajt il-presepju ta' Silvan Theuma.

Inkomplu għaddejjin b'din il-karellata ta' presepji statiċi. Lejla waħda mort Għajnsielem fejn naħseb li marru wkoll bosta mill-qarrejja biex iżuru l-Presepju ħaj li dis-sena kompla jikber. Hawnhekk ukoll rajt żewġ presepji ta' valur, wieħed mibni mill-artist per eċċellenza Pawlu Stellini taħt il-knisja parrokkjali armat b'pasturi imprezzabbli li l-artist qed jixtri bil-mod mill-Italja (magħrufin bħala ta' *Landi*); il-presepju l-ieħor huwa ta' Herman Mifsud li ta' kull sena ma nonqosx li mmur narah. Fir-raħal ċkejkuni ta' Santa Luċija l-ħabib tiegħi Ġużepp Mizzi stedinni mmur nara żewġ presepji – xejn speċjali imma s-sempliċità u l-ambjent jisirqulek qalbek. Ħelu l-presepju li rajna marti u jien fix-Xlendi għand ir-rettur tal-knisja kif ukoll dak fi Triq San Bert fix-Xewkija. Fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar rajna għadd ta' presepji mit-tfal flimkien ma' wieħed imdaqqas. Żewġ presepji fi klassi għalihom kienu dawk li rajna wieħed iż-Żebbuġ għand David Xuereb u l-ieħor fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet fir-raħal ta' San Lawrenz magħruf għal *pageant* spettakulari li jippreżenta lejliet il-Milied.

Presepju ħaj li ma rridx inħalli barra kien dak li rajt mimli ħajja u moviment qrib il-knisja tan-Nazzarenu fix-Xagħra li rajt ħafna nies qed iżuruh. Fil-qrib taħt l-istess knisja rajt ieħor statiku sabiħ u interessanti li kien hemm snin kien ikun ukoll bix-xita nieżla.

Ħbieb, li kont minnkom dil-kitba ma nwarrabhiex fil-ġenb wara li tinqara, imma erfgħuha f'xi kexxun. Iż-żmien igerbeb u malli jerġa' jfeġġ Novembru tista' tkunilkom ta' gwida biex tmorru żżuru l-presepji. Qabel nagħlaq ninsab ċert li ħafna minnkom sabu ħin imorru jaraw il-Wirja Annwali ta' Presepji li tagħmel l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju f'Għawdex li qed tospita fostna matul Mejju li ġej, għadd sabiħ ta' Presepisti mill-Italja kollha biex jiġu jżuruna u jaraw il-presepji tagħna.

Kungress Ewkaristiku Djoċesan 2009



# F'għeluq it-80 anniversarju

*Kummenti tal-Kappillan Dun Nazju Borg*

Fl-okkażjoni tat-tmenin anniversarju mill-ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan Mons. Isqof Mario Grech wera x-xewqa li għal din l-okkażjoni jerġa' jsir dan il-kungress. Hu afda l-organizzazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni Liturġika. Bħala suġġett ta' dan il-kungress intgħażlet silta mill-ittra Appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II *Dies Domini*: "Jum il-Ħadd huwa s-sintesi tal-ħajja nisranija." Bħala suġġett kien wieħed attwali ħafna peress kulma jmur dejjem qed jonqos is-sens qaddis tal-Ħadd bħala jum il-Mulej. Maż-żmien jum il-Ħadd qed jitlef is-sens nisrani tiegħu. Dejjem qed jonqos minn dak li hu, bħala jum il-komunità parrokkjali, jum l-Ewkaristija, jum ta' mistrieħ, jum ta' ferħ, u jum il-familja. Kulma jmur jum il-Ħadd qed isir aktar sekularizzat, aktar profan bil-ftuħ tal-ħwienet u s-*supermarkets* nhar ta' Ħadd, jum il-Ħadd qed isir jum is-*shopping*. Għal din l-okkażjoni Mons. Isqof ħareġ ittra pastorali tassew interessanti u qawwija marbuta ma' dan is-suġġett. Fejn fost oħrajn jibda l-ittra tiegħu: *"Serqulna jum il-Ħadd..."* Bħala tħejjija saret ukoll talba biex tingħad qabel il-barka sagramentali.

Fost il-ħafna attivitajiet li saru tul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru fl-okkażjoni ta' dan il-kungress kien hemm ġimgħa ta' formazzjoni liturġika għal dawk kollha li jħaddnu xi ministeru liturġiku fil-parroċċa. Din il-ġimgħa ta' formazzjoni kienet organizzata mill-iskola tal-ministeri li għandha d-djoċesi. Din saret bejn it-Tnejn 19 u s-Sibt 24 ta' Ottubru. Għal din il-ġimgħa kienu mistiedna l-animaturi, letturi, kanturi, u organisti. Din il-ġimgħa ta' formazzjoni saret fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar. Din il-ġimgħa ntemmet b'quddiesa minn Mons. Isqof fis-Santwarju ta' Pinu fejn ta l-mandat lil dawk il-persuni li attendew għal dan il-kors. Fi tmien din l-Ewkaristija Mons. Isqof qassam ċertifikati ta' attendenza lil dawk kollha li attendew għal dan il-kors.

Il-Ħadd 25 ta' Ottubru bħala parti ta' dan il-kungress fil-quddies kollu tal-Ħadd fil-parroċċi u l-knejjes kollha sar tifsir tal-ġesti liturġiċi tal-quddiesa. Filwaqt li bejn it-30 ta' Ottubru u t-13 ta' Novembru kull nhar ta' Ġimgħa sar il-kant ta' l-għasar u katekeżi fuq jum il-Ħadd. L-Erbgħa 11 ta' Novembru saret quddiesa li fija ħadu sehem l-abbatini kollha tad-djoċesi. Din l-Ewkaristija kienet immexxija minn Mons. Isqof. Din saret fil-parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir f'Kerċem. Is-Sibt 14 ta' Novembru fil-knisja parrokkjali tax-Xewkija saret ċelebrazzjoni għat-tfal tal-iskejjel primarji t'Għawdex, din iċ-ċelebrazzjoni kienet immexxija minn Mons. Isqof. Din l-attività kienet organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana tat-tfal. Fl-istess jum fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb saret quddiesa mill-Vigarju Ġenerali Mons. Ġwanni Gauci għall-morda u l-anzjani. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni sar il-mandat tal-ministri straordinarji tal-Ewkaristija. Saru wkoll ċelebrazzjonijiet fl-iSptar Ġenerali t'Għawdex.

Fl-aħħar tlett ijiem qabel is-sollennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu fil-parroċċi kollha sar Tridu Ewkaristiku. Is-Sibt 21 ta' Novembru fid-Dar tal-Irtiri Manresa saret laqgħa tassew interessati dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u l-omelija għas-saċerdoti u r-reliġjużi kollha. Din il-laqgħa tmexxiet min Fr. Renè Camillieri. Fl-istess jum filgħaxija saret attività għaż-żgħażagħ. Din l-attività kienet tikkonsisti f'adorazzjoni fil-Bażilka ta' San Ġorġ ir-Rabat.

Il-kungress laħaq il-qofol tiegħu fis-sollenità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu. Il-kungress wasal fi tmiem tiegħu b'purċissjoni Ewkaristika li telqet minn Pjazza San Franġisk għall-Pjazza Savina fejn kien sar l-ewwel kungress tmenin sena ilu. Għal din il-purċissjoni attendew is-saċerdoti, is-seminaristi u l-abbatini kollha tad-djoċesi, flimkien mar-reliġjużi rġiel u nisa u l-fratellanzi kollha tas-sagrament tal-parroċċi t'Għawdex. Kien hemm ukoll rappreżentanża tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina tal-parroċċi t'Għawdex. Din il-purċissjoni kienet imexxija minn Mons. Isqof Mario Grech. Kien hemm attendenza numeruża tal-poplu Għawdxi. X'ħin il-purċissjoni waslet fi Pjazza Savina saret ċelebrazzjoni fejn Mons. Isqof għamel id-diskors tal-okkażjoni. Din iċ-ċelebrazzjoni ntemmet bil-Barka Sagramentali.

Biex f'dan il-kungress tintlaħaq kull kateġorija tad-djoċesi Għawdixija bejn Jannar sar -Randan ser jintwera *power point* dwar jum il-Mulej immirat għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Dan il-*power point* ser jintwera fl-iskejjel sekondarji u post sekondarji.

Jalla dan il-Kungress Ewkaristiku kien ta' għajnuna lil kull nisrani Għawdxi biex japprezza u jagħraf aktar l-importanza u l-kobor ta' jum il-Ħadd bħala jum il-Mulej. Jalla kull nisrani jkollu l-konvinzjoni li kellhom l-insara tar-raba' seklu, l-insara ta' Abitene fejn qalu: *"Ma nistgħux ngħixu mingħajr ma' niċċelebraw l-Ewkaristija ta' jum il-Mulej hi l-Ħajja tagħna."*

## B'Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, Ottubru-Diċembru 2009















## B'Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, Ottubru-Diċembru 2009















Kungress Ewkaristiku Djoċesan 2009

# Tliet Xhieda ta' Żewġ Kungressi Ewkaristiċi (1929 - 2009)

## Il-Kungress Ewkaristiku 1929




**Mikelangelo Saliba** li llum għandu l-età venerabbli ta' 93 sena stedinnieh biex jgħidilna x'jiftakar dwar il-Kungress Ewkaristiku li kien sar Għawdex fis-sena 1929. Dak inhar Ġanġu, għaliex hekk isibu min jafu, kellu tlettax-il sena.

Qalilna li jiftakar li kienu ġew Għawdex xi Isqfijiet u l-Għawdxin kienu kkonkorrew bi ħġarhom għall-funzjonijiet. In-nies tar-Rabat kienet żejnet it-triqat mnejn kienet se tgħaddi l-purċissjoni tal-Ewkaristija. Hu jiftakar lil ċertu Toni ta' Kwieta bi grupp żgħir ta' nies miegħu, taħt l-Għassa tal-Pulizija fi Triq it-Tiġrija, jaħdmu l-ħbula tal-friegħi u weraq tar-rand u tal-ħarrub sabiex idendluhom matul it-triq tal-purċissjoni. Ġanġu qalilna ukoll li kienu ħadu sehem iż-żewġ baned tal-Belt Vittoria. Hu kien għadu kif ħareġ idoqq mal-Banda ta' Ljun u jidhirlu li l-banda kienet laqgħet il-purċissjoni b'innijiet Ewkaristiċi minn fuq il-parapett ta' Mons. Pawl Cauchi fi Pjazza Savina. Kienet purċissjoni sabiħa u b'devozzjoni kbira fejn il-poplu ngħaqad mal-kleru u mal-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi.

Missier Ġanġu, Nazinu, kien ikanta mal-kor fil-knejjes u l-Katidral kien it-tieni dar tiegħu. Ġanġu jiftakar lil missieru jirrakkonta lill-familja li waħda mill-funzjonijiet kellha ssir fil-Katidral tard bil-lejl u ċ-ċelebrant kellu jkun Isqof barrani. Iżda Mons. Spir Gauci, li kien prokuratur, kien beda jitħasseb għaliex il-ħin tal-funzjoni kien riesaq ġmielu imma n-nies fil-knisja kienet skarsa. Nazinu kien issuġġerielu biex jagħmlu sejħa bil-qniepen. Hekk għamel Dun Spir. Daqqew mota... u sa ftit ħin wara l-knisja mtliet bin-nies!

## Il-Kungress Ewkaristiku 2009

"Għad li Alla ma jħalliniex narawh bħala bniedem, madankollu huwa preżenti fis-Sagrament tal-Ewkaristija u lest li jagħtina dak li aħna nitolbuh, basta jkun ta' ġid għalina. Għaldaqstant jgħidilna "Ejjew għandi inton ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom." (Mt 11. 28) Aħna l-Kappillani li naħdmu l-Isptar – id-dar tal-marid – ħadna l-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku biex fil-ministeru tal-pastorali tagħna nkomplu b'ħeġġa noffru u ngħallmu b'kelma li tfarraġ li Ġesù hu dejjem lest biex ikompli jagħtina kull għajnuna, lilna wliedu. Permezz tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, sa fejn kien possibbli għalina, pprovajna ngħallmu lill-pazjenti fdati lilna li mingħajr l-Ewkaristija ma nistgħux ngħixu sew għaliex ir-ruħ tagħna trid titmantna bl-ikel spiritwali, riflessjoni li l-marid x'aktarx jifhimha iżjed minn ħaddieħor".

***Kan Joseph Cardona***

"Fix-xahar ta' Ottubru 2009, eżattament bejn id-19 u t-23, b'konnessjoni mal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, kienet organizzata f'Għawdex ġimgħa ta' formazzjoni liturġika għal dawk li jieħdu sehem dirett fil-liturġija. Kull jum kellna saċerdoti, kelliema differenti. Sirna aktar nifhmu s-simboli, ir-riti, l-ġesti u s-sinjali waqt iċ-ċelebrazzjoni – elementi li jagħtu sinifikat profond lil-Liturġija. Bejnietna ddiskutejna kif nistgħu nqiegħdu fil-prattika tant tagħlim sabiħ dwar il-liturġija. Fil-parroċċa bdejna nagħtu sehmna waqt it-tħejjija liturġika, u nieħdu sehem bħala letturi u issa ukoll bħala animaturi. It-tħejjija li ħadna sservina wkoll biex fil-qari tal-Epistola nwasslu b'mod xieraq il-Kelma t'Alla."

***Joe u Lina Mizzi***



**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



# MILL-PARLAMENT

*Malta Enterprise - inċentiv*

**10829. L-Onorevoli ALFRED SANT staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma u liema huma l-inċentivi li qed toffri preżentament il-*Malta Enterprise* speċifikament lil kumpaniji Għawdxin? X'inhuma l-kriterji ta' eliġibbiltà għal kull inċentiv? Meta daħħlu fis-seħħ dawn l-inċentivi? Kemm kumpaniji bbenefikaw minnhom kull sena sal-lum? X'kien ir-riżultat ta' dawn l-inċentivi kull sena sal-lum? Kemm kien l-ammont mitlub għal kull sena mill-kumpaniji? Kemm minnhom ġew approvati u kemm minnhom tħallsu kull sena? *22/09/2009*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onorevoli Interpellant li l-*Malta Enterprise* toffri diversi skemi li huma miftuħa kemm għal intrapriżi Maltin kif ukoll dawk Għawdxin. Fosthom wieħed isib:

| | |
|---|---|
| LN 68 of 2008 | Għajnuna għall-Investiment (*Investment Tax Credits*) |
| LN 69 of 2008 | Assistenza lil Intrapriżi Żgħar jew ta' Daqs Medju |
| LN 70 of 2008 | Inċentivi għas-Sostenn ta' Intrapriża |
| LN 168 of 2009 | Għajnuna għar-Riċerka u Żvilupp u Innovazzjoni |

Att Dwar il-Promozzjoni tan-Negozju

Barra minn hekk il-Korporazzjoni għandha diversi skemi li huma speċifikament indirizzati għall-kumpaniji li joperaw minn Għawdex.

**1. Gozo Transport** '*Gozo Transport Grant*' – l-iskema hija amministrata taħt Artiklu 23(2) ta' l-Att Dwar il-Promozzjoni tan-Negozju, fejn tipprovdi għajnuna lill-kumpaniji tal-manifattura li joperaw minn Għawdex. Dawn jingħataw *cash grants* għall-ispejjeż ta' trasport bejn Malta u Għawdex. Dawn il-*cash grants* qegħdin itaffu mill-ispejjeż addizzjonali li għandhom kumpaniji Għawdxin minħabba l-iżolament tal-gżira mill-kumplament ta' Malta. B'din l-għajnuna dawn il-kumpaniji jistgħu jikkompetu ma' manifatturi li joperaw minn Malta.

Taħt din l-inċentiva, dan l-aħħar qed jibbenefikaw medja ta' għoxrin (20) il-kumpanija fis-sena. Bħalissa il-Korporazzjoni tapprova l-valur ta' l-għajnuna, imma il-ħlas isir mill-vot tal-Ministeru ta' Għawdex. Dan il-Ministeru għandu l-informazzjoni fuq kemm tħallsu *cash grants* kull sena. Il-*cash grants* ġew approvati kif ġej:

| **Sena** | **Numru ta' applikazzjonijiet** | **Valur ta' *cash grant* approvat** |
|---|---|---|
| 2006 | 11 | 490,511 |
| 2007 | 19 | 687,560 |
| 2008 | 24 | 619,830 |
| **Total** | 54 | **1,797,901** |

L-applikazzjoni *għat-transport grant* issir meta il-kumpanija jkollha f'idejha *l-audited financial statements* għal dik is-sena partikolari, għalhekk *Malta Enterprise*



għadha mhix f'pożizzjoni li tagħti l-figura għas-sena kurrenti.

**2. *Gozo Regeneration – Investment Aid Scheme*** Il-'*Gozo Regeneration – Investment Aid Scheme*' kienet immirata għas-settur tal-manifattura li joħolqu mpjiegi ġodda. Matul is-sena 2008 ġiet introdotta skema oħra amministrata bejn l-ETC u l-*Malta Enterprise*, il-'*Gozo Employment Aid Scheme*', illi effettivament ħadet post il-'*Gozo Regeneration – Investment Aid Scheme*' għaliex it-tieni skema tingħata anki fuq impjegat wieħed u tista' tingħata lis-setturi kollha. Dettalji dwar il-'*Gozo Employment Aid Scheme*' ingħataw fir-risposta għal Mistoqsija Parlamentari 5789.

Kumpaniji eliġibbli li jinvestu f'Għawdex għandhom il-possibbiltà li jikkonvertu l-krediti tat-taxxa fi ħlas. Dan il-ħlas ikopri porzjon mis-salarju tal-ewwel erba' u għoxrin xahar ta' l-impjegat sa' massimu ta' 11,650 ewro relatat ma' proġett ta' investiment li beda wara l-ewwel ta' Jannar 2007.

Minn din l-iskema bbenefikaw żewġ kumpaniji li rċevew is-somma ta' 711,448 ewro mis-sena 2007 sa Settembru tas-sena 2009 għar-rigward ta' erba' u sittin impjegat.

**3. *Gozo Employment Aid - ETC***

Fis-sena 2007, il-*Malta Enterprise* u l-*ETC* kienu ħabbru l-iskema *Gozo Employment Aid* fejn min iħaddem ħames impjegati li jkunu kklassifikati taħt il-kategorija ta' *Disabled and Disadvantaged* jingħata nofs il-paga ta' sena tal-impjegat imsemmi bħala inċentiv. Mis-sena 2008, dan l-inċentiv ġie mwessa' billi tneħħa l-limitu ta' ħames impjegati. Minn Jannar tas-sena 2009, din l-iskema għaddiet kompletament għand l-ETC. Filwaqt li l-iskema infetħet għall-kumpaniji Maltin u Għawdxin, issa qiegħda tiġi ffinanzjata parzjalment taħt il-*European Social Fund*.

Minn din l-iskema, bbenefikaw disgħa u disgħin kumpanija li mis-sena 2008 sa' Settembru 2009, bejniethom irċevew is-somma ta' 630,967 ewro. L-ammont totali ta' assistenza approvata fuq din l-iskema kien ta' 1,310,438 ewro fuq mitejn, erbgħa u sittin persuna. Billi dan l-inċentiv jitħallas lil min iħaddem wara sena minn meta jkun impjega l-persuna kkonċernata, il-bilanċ pendenti mistenni jitħallas fix-xhur li ġejjin. *30/09/2009*

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***L-Għawdxin huma differenti mill-Maltin?***

"L-istatistika tal-NSO kompliet turi li r-rata ta' persuni jaħdmu f'Malta hija ta' 53,4%. Bejn wieħed u ieħor ir-rata ta' persuni qegħda u Għawdex hija ndaqs, madankollu l-ammont ta' nisa qegħda f'Għawdex huwa konsiderevolment għola, b'10.8% meta mqabbel mas-7,5% ta' Malta."

**Michelle Lia**, *It-Torċa*, 29 ta' Novembru 2009

"Prof. Briguglio żied jgħid li m'hemmx spjegazzjoni ċara għalxiex Għawdex jikkonsma aktar dawl u ilma minn Malta filwaqt li l-Għawdxin idaħħlu anqas flus. Filwaqt li fil-każ ta' pagi anqas mill-Maltin, jifhem li la l-maġġoranza tax-xogħlijiet li jħallsu sew qegħdin f'Malta, il-Maltin jaqilgħu aktar. Pereżempju, semma' li għalkemm f'Għawdex issib il-banek, it-*top management* jinsab Malta."

*It-Torċa*, 29 ta' Novembru 2009

"Mark Anthony Falzon qal li l-istatistika li 'jaqilgħu inqas' mhux bilfors tgħin wisq. Għax jara li f'Għawdex it-tendenza hi li n-nies 'idawru lira' minn diversi xogħlijiet f'daqqa u jfisser ukoll li wħud ma jkunux dikjarati. Mhux qiegħed ngħid li l-Għawdxin jevitaw it-taxxi iktar mill-Maltin għax huma iktar makakki, jew xi ħaġa hekk, imma l-istruttura tax-xogħol f'Għawdex toħloq iktar opportunitajiet għall-evażjoni. Jekk inqabblu ma' raħal kbir Malti, probabbli nsibu li m'hemmx differenza sinifikattiva."

*It-Torċa,* 29 ta' Novembru 2009

"Biżżejjed jingħad li mat-22% tal-kunjomijiet tal-familji Maltin – l-aktar kunjomijiet ta' oriġini Ewropea – ma ssibhomx f'Għawdex. Dan jindika li l-firxa ġenetika f'Malta hija aktar wiesgħa u mħallta minn dik f'Għawdex... Għax Malta u Għawdex huma realtajiet differenti, ħafna drabi dak li jaqbel għal Malta ma jaqbilx daqstant għal Għawdex u dak li jaqbel għal Għawdex ma jaqbilx daqstant għal Malta. Pereżempju l-għajnuna tal-gvern lill-*low-cost airlines* biex joperaw għal Malta tagħmel lil Malta aktar kompetittiva fis-suq tat-turiżmu internazzjonali u lil Għawdex anqas kompetittiv fis-suq domestiku. Pereżempju wkoll, l-għajnuniet li l-gvern jagħti lill-kumpaniji l-kbar japplikaw tajjeb ħafna għal Malta iżda ma japplikaw assolutament xejn għal Għawdex għax m'hemm ebda kumpanija kbira f'Għawdex li tħaddem aktar minn 250 ruħ."

**Frank J. Psaila**, *It-Torċa,* 27 ta' Diċembru 2009

***It-Triq Ta' Pinu***

*"Work on the rebuilding of Ta' Pinu Road in Gozo has started in a project which also encompasses the reconstruction of Xlendi Road, involving 2.5 kms of road in all. The works will cost an estimated e9.5 million."*

*Report,* **The Malta Independent**, *2nd January 2010*




***Speed camera : ħtieġa urġenti !***

*" 'Mgarr Road is the area where most fatal accidents happen in Gozo... some form of accident happens nearly every day. The speed camera is very, very necessary. Without it accidents and deaths will keep recurring,' (Għajnsielem mayor) Mr Cauchi said.... 'There is a zebra crossing close to my house but drivers rarely stop for me to cross. Sometimes I have to wait for ages for a car to stop,' said a 51 year-old woman who has lived there for 24 years.... 'In the morning I can hear cars speed down the road to the ferry. The noise is so loud that it feels as though they are in my bedroom,' said Josephine Agius."*

**Claudia Calleja**, *The Times, 19th December 2009*

***Awgurju skont l-Eko-Għawdex***

"F'laqgħa li s-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Chris Said kellu mas-Sindki, Viċi-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u impjegati tal-erbatax-il Kunsill Lokali f'Għawdex, huwa qassam kopja tal-liġi dwar il-Kunsilli Lokali bl-emendi li daħlu fis-seħħ fl-aħħar xahar. Fl-istess okkażjoni kull Kunsill f'Għawdex ingħata ukoll għotja ta' siġar taż-żebbuġ biex jitħawlu fil-lokalitajiet madwar Għawdex. Din l-inizjattiva ittieħdet minflok ma ntbagħtu kartolini mis-Segretarjat fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied u ta' l-Ewwel tas-Sena."

*Rapport,* **MaltaRightNow.com**, *31 ta' Diċembru 2009*

***Il-ħaġar prezzjuż ta' Għawdex***

"Is-sejbiet li saru waqt l-iskavi tax-*Xagħra Stone Circle*, u li bħalissa qed jintwerew fil-Mużew tal-Arkeoloġija fir-Rabat Għawdex, fi ftit snin oħra se jkunu esibiti b'mod permanenti fiċ-ċentru tal-viżitaturi fil-Ġgantija. Il-Ministru Giovanna Debono qalet li l-*Heritage Malta*, flimkien mal-Ministeru għal Għawdex, qed jistudja l-aħjar mod ta' kif jista' jiġi ppreservat dan il-monument storiku f'Għawdex. Hi qalet li Għawdex għal darb' oħra qed jikkontribwixxi biex il-poplu Malti u Għawdxi jifhem iktar il-patrimonju tiegħu."

**Neil Camilleri**, *MaltaRightNow.com, 4 ta' Jannar 2010*

**AĦSEB BIEX IĠĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK**

Kummentarju (2)



# Dell is-Salib sar skumdità?



*kitba ta'* **JOE CAMILLERI**

*Kien waħdu fuq il-għolja*
*U minsi minn kulħadd,*
*Bil-qalb maqsuma għall-bniedem,*
*'Mma ħajr ma raddlu ħadd.*

*Niżżluh minn hemm u qalu:*
*"Għalfejn dell il-Mislub?"*
*Serrpet is-saħta f'daqqa*
*U l-għera ġewwa l-qlub.*

**Rużar Briffa**

**Qamet għagħa sħiħa! Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bis-sede fi Strasburgu kienet qetgħetha li d-dehra tal-Kurċifiss fl-iskejjel statali Taljani tmur kontra l-libertà tat-twemmin u ta' edukazzjoni ħielsa. F'telfa ta' stmellija kien hemm min ħares lejn dan il-każ partikulari bħala d-daqqa tal-mannara fuq il-Kristjaneżmu fl-Ewropa. Oħrajn qisuh bħala inċident sporadiku insinifikanti u għalhekk tawh daharhom bil-bruda. Il-verità naħseb li tinsab xi mkien bejn dawn iż-żewġ estremitajiet: dan il-każ partikulari nqisu li ressqilna test ieħor. Jista' jkun ragħda mill-bogħod ta' burraxka li għad tersaq fuqna? Xegħlilna bozza ħamra? Għarrxilna l-kuxjenza? L-Ewropa qiegħda titbiegħed minn għeruqha u titlef ruħha? Dell is-Salib beda jsir skumdità għalina?**

Biex inkunu ġusti rridu ngħidu li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma ordnatx li l-Kurċifissi jitneħħew kollha mill-istituzzjonijiet edukattivi Taljani. Tat deċiżjoni biss fuq il-każ partikulari li kellha quddiemha. Dan il-każ ma kienx wieħed waħdieni. U lanqas ewlieni. Niftakar kawża b'attentat simili fi skola primarja f'Ofena, xi 154 kilometru 'l barra minn Ruma. Jissemma wkoll il-każ ta' maġistrat Taljan li ma riedx jisma' seduti għax kien hemm il-preżenza tal-Kurċifiss fl-awla. Huma każijiet li kollha jippreżentaw sfida, sfida lili u lilek li nistqarru li aħna Nsara u demokratiċi, li nħaddnu l-Fidi, li nemmnu fil-valuri tal-imħabba, tal-ġustizzja, tal-tolleranza, tas-solidarjetà, tal-ugwaljanza, tar-rispett reċiproku u tal-ħelsien. Fejn aħna, u fejn sejrin?

***Min-nuċċali tal-bniedem tat-triq***

La jien teologu u wisq anqas bniedem legali. Għalhekk l-għan ta' din il-kitba mhix li tgħarbel id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea, jekk kellhiex dritt legali ddeffes imneħirha fi kwistjoni li strettament tolqot lill-Gvern Taljan. Lanqas li naraw jekk deċiżjonijiet simili jistgħux jiġu imposti u joħolqux kunflitti mal-kulturi rispettivi tal-pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea. Ser nipprova biss inħares minn wara n-nuċċali tal-bniedem tat-triq, jien li jien bniedem komuni u ordinarju, iżda li nħobb lill-Kurċifiss u nemmen bis-sħiħ fil-valuri nobbli li jippreżentalna. Din il-kitba umli tressaq biss ftit ħsibijiet. Tqanqal biss ftit mistoqsijiet li għandhom iwasslu għar-riflessjoni.

**F'xenarju ta' kultura li tistqarr li tħaddan il-valuri li semmejna aktar 'il fuq, jiġifieri l-imħabba, il-ġustizzja, it-tolleranza, is-solidarjetà, l-ugwaljanza, ir-rispett reċiproku u l-ħelsien – li wara kollox huma l-valuri Nsara – kull tneħħija tal-Kurċifiss minn postijiet pubbliċi tmur kontra dawn l-istess valuri u għalhekk hija assurda u kontradittorja.**

1. Assurda li nemmnu fid-drittijiet ugwali, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi, imbagħad inħallu x-xewqa ta' minoranza timponi fuq minoranzi oħra, jekk mhux ukoll fuq il-maġġoranza. **Il-libertà hi sabiħa fiċ-ċirku tal-ħelsien ta'għajrek; mhux ħaddieħor barra u int kavall.** Kemm hu xieraq u floku r-rispett reċiproku. Id-dinja hija kbira biżżejjed għal kulħadd. Il-konvivenza b'kulturi differenti għandha tagħni l-ħajja ta' xulxin u mhux tnissel il-firda.
2. Lesti nneħħu l-Kurċifiss minn inħawi pubbliċi. **Imma lesti nwarrbu dawk il-bnadar, dawk l-emblemi nazzjonali li fihom is-sinjal tas-salib fuqhom? Ħadd ma joħlomha.** X'hemm aktar pubbliku minn bandiera nazzjonali li ebda ċittadin denju ta' pajjiżu ma jiċħadha? Dawk il-bnadar jiġbru fihom il-ġrajja, it-tiġrib, is-sagrifiċċji, il-kultura, l-imħabba ta' popli. Huma l-għelm tal-għaqda nazzjonali, ta' ruħ ta' poplu. U ġens tista' qatt teqridlu ruħu? Daqskemm tista' tneħħi r-rabta li hemm bejn is-Salib u bejn Kristu Mislub. Permezz ta' Kristu, is-salib – għodda tal-mewt tal-mistħija – inbidel f'sinjal tar-rebħ, tal-ħelsien, tal-għaqda, tal-glorja, tan-nobbiltà spiritwali. Għalhekk iperper is-salib fuq il-bnadar nazzjonali.
3. **Skomdi bid-dehra tas-salib fl-iskejjel tagħna! Imma skomdi b'opri kbar tal-arti minn mgħallma ta' ġenju u li jperrċu quddiemna interpretazzjoni tal-Kurċifissjoni u ta' stadji oħra mill-passjoni ta' Sidna Ġesù?** U m'iniex qiegħed nalludi għall-opri tal-arti fil-katidrali u fil-knejjes sublimi tal-Ewropa li huma ġawhriet, imma li forsi ma nqisuhomx bħala postijiet pubbliċi għalkemm ħadd mhu mbarri minnhom. Qiegħed naħseb f'dawk l-opri eċċellenti fil-mużewijiet statali li jiena nqishom pubbliċi għax jippartjenu għad-dinja kollha minkejja l-fatt li mhux kulħadd jaqbel fuq id-definizzjoni ta' x'inhu "pubbliku." Xi ħadd qatt joħlom li nneħħu l-Kurċifissi tas-seklu tlettax u oħrajn Romaneski mill-mużewijiet bħall-Uffizi u l-Bandini? Lesti narmu *L-Inżul mis-Salib* ta' Rembrandt li hemm fil-Pinakoteka ta' Munich? Inkella *Kristu bejn iż-Żewġ Ħallelin* ta' Rubens fil-Mużew ta' Antwerp? Liema

awtorità qatt tasal toħlom li twarrab *Il-Kurċifissjoni* ta' Grunewald mill-Mużew Unterlinden ta' Colmar?

Ma noħolmux li nkunu daqshekk redikoli! U ebda atew jew bniedem b'rasu fuq għonqu li jħaddan twemmin ta' denominazzjoni oħra qatt jasal jitmeżmeż quddiem xogħlijiet artistiċi bħal dawn. Napprezzawhom għall-valur artistiku intrinsiku. Ngħożżuhom għall-unur li jagħmlulna għax jirriflettu l-kultura u l-patrimonju għani Ewropew. Forsi wkoll għax huma kalamita għat-turisti u għalhekk rifda lill-ekonomija. Imma ninsew il-forza psikoloġika ta' dawn l-opri? Li setgħu ssawru f'waqtiet ta' spiritwalità intensa? Fis-skiet u l-ħemda tal-mużewijiet tagħna, dawn l-opri artistiċi għandhom mnejn li huma wkoll missjunarji siekta u jwasslu messaġġi intimi aktar mill-aqwa predikaturi.

4. Bħalma jwasslu **l-għadd ta' ritratti ta' xbihat ta' Kurċifissi artistiċi magħrufa li nsibu mperrċa fil-kotba tal-arti. Dawn il-kotba huma l-għodda tal-istudju u tar-riċerka għall-istudenti tagħna.** Mhux biss biex jixorbu u jixtarru l-istorja tal-arti, imma wkoll biex l-edukazzjoni tagħhom tkun ħolistika u tgħinhom isawru viżjoni wiesgħa u korretta, ħielsa mill-preġudizzji, mill-konformiżmu u forsi wkoll mill-bruda. Lesti nċaħħdu lil uliedna minn dawn l-opportunitajiet ideali?

5. L-istess iwasslu **l-għadd kbir ta' niċeċ bi xbihat tal-Kurċifiss li nsibu fil-beraħ, fl-imsieraħ, fil-liwjiet tat-toroq, fit-truf tal-imsaġar.** Min qatt biss joħlom li nneħħu Kurċifissi simili li nsibu, ngħidu aħna f'ħafna nħawi tat-Tiroll tal-Awstrija u tal-Bavjiera! Jew f'ċimiterji pubbliċi li huma attrazzjoni turistika bħal dak ta' Salzburgu! Tassew li wħud minn dawn ix-xbihat huma prodott ta' arti popolari. Imma dan il-fatt jagħtihom valur speċifiku: huma prodott dirett tal-ġenwinità ta' ruħ il-poplu. U l-poplu tista' tlibbislu sarima, imma qatt ma tista' toħnoqlu ruħu.

**U forsi dan li qiegħda tinsa l-Ewropa: li jekk twarrab il-Kurċifiss tkun qiegħda tbarri u ġġenneb lill-istess għeruqha. Ħadd ma jista' jiċħad is-sehem siewi tal-Kristjaneżmu fit-tiswir tal-identità Ewropea. Jekk l-Ewropa tiċħad is-simbolu ewlieni tal-Kristjaneżmu tkun qiegħda tiċħad l-istess identità tagħha.**

Irridu u ma rridux, ikollna nammettu li l-Kristjaneżmu ħalla l-marka tiegħu fl-istorja, fil-filosofija, fil-kalendarju, fil-mod tal-għajxien, fl-imġiba, fl-arti kreattiva – l-arti viżiva, il-letteratura, il-mużika eċċ. **Hu bħal vina li tiġri fl-istruttura tal-ħajja soċjo-kulturali tal-Ewropa.** Għalhekk naqbel qatigħ mal-istqarrija tal-Ministru tal-Edukazzjoni tal-Italja, Mariastella Gelmini, li Ewropa magħquda ma tissawwarx billi jkunu eliminati t-tradizzjonijiet tal-pajjiżi rispettivi.

Fuq kollox, qegħdin ninsew li l-Kurċifiss mhux biss l-għelm ta' kategorija ta' nies li jħaddnu twemmin partikulari. Bħalma qal sew kelliemi għall-Vatikan, ir-Rev. Federico Lombardi, il-Kurċifiss hu **simbolu tal-għaqda u mhux ta' esklussjoni**, u għalhekk ikun milqugħ mill-umanità kollha. Qal ukoll li Kristu Mislub hu wkoll simbolu fundamentali tal-importanza tal-valuri reliġjużi fl-istorja u l-kultura Taljana.

**Jiena nżid ngħid li l-Kurċifiss hu simbolu ta' dak kollu li hu sabiħ u nobbli, ta' valuri li jħaddnu l-bnedmin kollha ta' rieda tajba, huma ta' liema denominazzjoni huma. Ġesù Msallab hu l-personifikazzjoni ħajja tal-aqwa valuri kollha miġbura fi MĦABBA sublimi għax totali u assoluta.**

Għalhekk, jekk inneħħu l-Kurċifiss mill-iskejjel tagħna, ma jidhrilniex li nkunu qegħdin inċaħħdu liż-żgħar tagħna mill-aktar mezz viżiv effikaċi li jimmotivahom biex isawru fihom dawk il-valuri u x-xejriet li jagħmluhom ċittadini eżemplari, denji ta' Ewropa u ta' dinja magħquda li suppost tħaddan l-istess attitudnijiet?

### *Ix-xena lokali*

Id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Strasburgu qanqlet diskussjoni wkoll f'Malta, kemm fi nħawi pubbliċi u kemm waqt laqgħat fit-toroq, fil-ħwienet, fil-każini. U hawn ukoll ilmaħt l-estremitajiet li semmejt fil-bidu. Min xammar il-kmiem u wera li lest iħaddan il-palma tal-martirju bil-kliem "xi ħadd jipprova jneħħi l-Kurċifiss; imbagħad naraw!" U min għolla kitfejh b'rasu mistrieħa li l-Kostituzzjoni Maltija hija mħarsa u ebda barrani ma jazzarda jindaħal fil-kultura lokali. Minn fommhom 'l Alla.

**Imma wisq nibża' li bħalma għamilna fl-imgħoddi serraħna wisq rasna għax mingħalina li xejn ma jista' għalina.** Li Malta hija fortizza tal-Kattoliċiżmu u għalhekk nistgħu ngħollu leħenna u nkantaw għalenija *Cristus vincit, Cristus reniat, Cristus imperat.* Imma meta ninħanqu ngħajtu, nisħnu u ninbħu, jinħela l-istim u tiksaħ il-ħeġġa, x'jista' jiġri? Nintelqu bħal qrejjaq? Għandha mnejn li xi darba, f'daqqa jew inkiss inkiss, minn xi mkien tasal il-mewġa tal-ħasda. Forsi mhux minn xi awtorità. Forsi riżultat tal-inklużjoni ta' taħlit kulturali intern; forsi permezz tal-komunikazzjoni, tal-mezzi tal-Mass Media, tal-Internet...

**...Nibża' li meta tasal is-siegħa tal-prova, taħsadna waħda sewwa.** F'din il-gżira fejn hawn mitt purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, Kristu Msallab jista' jibqa' mwarrab fis-sagristija jew fid-dlam tan-niċċa. U jibqgħu jsaltnu biss l-ilwien u t-tlellix tal-*pageant*!

**Għalhekk il-ħtieġa ta' edukazzjoni reliġjuża valida għar-realtajiet kontemporanji, imwassla b'metodoloġija friska, intelliġenti u innovattiva li tappella billi taħkem il-moħħ u l-qalb tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Mhux indotrinazzjoni li tħallik b'passata żebgħa tal-wiċċ. Imma edukazzjoni ta' diskussjoni, riflessjoni, valuri u attitudnijiet korretti. Imbagħad uliedna jifhmu u japprezzaw sew is-sbuħija u l-qawwa tal-Kurċifiss. Ma jibqax Kurċifiss tal-kartapesta. Jitlaħħam fihom bid-dija tal-imħabba, tal-konvinzjoni u tal-aċċettazzjoni.**

Forsi aħna l-kbar ma nkunux hawn għax b'riħ jew b'riefnu minn hawn irridu nsiefru. Għalina hemm il-konsolazzjoni tal-imħabba eterna ta' Ġesù Kurċifiss. **Meta kulħadd jinsina, id-dell tiegħu biss jibqa' b'dirgħajn imberrħa fuq qabarna, sinjal tal-ħniena, tal-maħfra, tal-imħabba eterna u tal-qawmien. Mhux kumment ta' sentimentaliżmu, imma wieħed ta' verità.**

Għaż-żgħar tagħna, hemm il-konsolazzjoni u t-tarġa li tista' tipprovdilhom edukazzjoni reliġjuża soda f'ħajja mimlija sfidi, tensjoni u kunflitti personali u soċjali. Lil min iħaddan il-Kurċifiss b'dak kollu li jirrappreżenta, inħeġġu jqawwi qalbu billi jiftakar kliem Hugh E. Brown:

***"Christianity is not being destroyed by the confusions and concussions of the time; it is being discovered."***

**Lil dawk li jibqgħu jaħsbu li t-tneħħija tal-Kurċifiss minn quddiem għajnejna hi insinifikanti, twarriba biss ta' simbolu, inħeġġiġhom jaħsbu sew fuq l-aħħar kwartina tal-poeżija ta' Rużar Briffa stampata fuq. Fiha ħafna x'tixtarr.**

*"Picture Story" - 7* *minn* **SEQER**

# IT-TRIQ GĦAS-SANTWARJU TA' LOURDES FL-IMĠARR, GĦAJNSIELEM











A Whole New Look

*Sharmain's Styling Salon*

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

LETTERATURA GĦAWDXIJA — Poeżiji

## IL-KNISJA TAL-GĦONQ

*minn* **Joseph Formosa**

Għalkemm mhix fl-imwarrab
jew barra l-ibliet,
narak ftit minsija,
mitlufa fis-skiet.

B'kampnar żgħir imperreċ
ħdejn koppla nofs tond,
bejtiet ta' l-għasafar,
bil-baħar fl-isfond.

Niftakar u nġedded
memorji tant sbieħ,
il-ġrajja ta' xwejjaħ
merfugħ mill-erwieħ.

Tal-Għonq, knisja ħelwa
nitgħaxxaq narak,
min jaf kemm start niket,
ta' dan nammirak.

U d-daqq tqil u kiebi
li ġej mill-kampnar,
jintilef fil-maqbar,
fl-egħlieqi w fid-djar.

Toħroġli dlonk demgħa
x'ħin ngħaddi mill-qrib,
għax t'ommi w' missieri
tifkira inġib.

## IL-KARBA TAL-KNISJA TAL-GĦONQ

*minn* **J.W. Psaila**

Kont darba ftit imwarrba
ngħożż nifs ta' ħemda u skiet,
in-nies quddiemi tgħaddi
u titlob għal min miet.

Ir-raba' kien madwari
bis-silla u bil-qmuħ
u l-arja kienet bnina
kull nifs jagħtini r-ruħ.

In-nies bil-fidi u tama
b'xi ġerħa ruħha mċarrta,
hawn kienet tiftaħ qalbha
fil-ħdan ta' Santa Marta.

Illum ir-raba' nkesa
bil-franka u l-konkrit
u n-nies fi ħdani titlob
ma tantx baqagħlha aptit.

Tgħaddi quddiemi f'ġirja
li tttieħdet mit-tensjoni
u ssib il-faraġ tagħha
fil-pills tad-dipressjoni.

Minn fejni fir-riħ safi
kont tilmaħ lil Sqallija;
illum hawn ħajt ma' wiċċek,
ma nafx ta' min hi l-ħtija!

## IL-FANAL TA' ĠORDAN

*minn* **Joseph Formosa**

Mitluf fi ħsibijietek,
ġirien m'għandek lill-ħadd,
nisthajlek eremita
fil-Festi w nhar ta' Ħadd.

Poġġewk fuq għolja waħdek,
għall-kesħa w għall-bard,
tissielet man-natura
qalbieni u qatt kodard.

Nammira fik il-ħeġġa,
Li int ma tliftha qatt,
u s-sens ta' ubbidjenza
tgħallimna dan il-fatt.

Għidli l-istorja tiegħek,
fanal bil-wisq setgħan,
semmili wkoll il-ħlejqa
għaliex int ta' Ġordan.

U għidli wkoll xi ġrajja,
ta' kemm xwieni salvajt,
kemm ħarsu lejk bit-tama
twennishom int bqajt.

Nissilli tama' f'qalbi
x'ħin le jkolli s-serħan,
Fanal li tant niggosta
msejjaħ ta' Ġordan.

## Dokument Ġdid dwar il-Valuri Nsara tal-Familja



# "THE MANHATTA

Fl-20 ta' Novembru 2009, Grupp ta' Saċerdoti, *leaders*, lajċi mpenjati, professuri u esperti magħrufin tal-Knisja Kattolika, Ortodossi u Evanġeliċi ltaqgħu f'Manhattan, N.Y. u ppubblikaw stqarrija importanti li ġiet insejħa **The Manhattan Declaration.**

L-istqarrija kienet iddrafjata minn esperti magħrufin

- i) il-Prof. Robert George MC Cormick, professur tal-Ġurisprudenza ta' Princeton University
- ii) il-Prof. Timothy George ta' Beeson Divinity School, Samford University
- iii) Chuck Colson, fundatur ta' Chuck Colson Center for Christian WorldView, Lundsdowne V.A.

Din id-Dikjarazzjoni ġiet iffirmata minn 125 personalitajiet prominenti, fosthom l-Arċisqof Donald Wuerl ta' Washington, mill-Kardinal Justin Rigali ta' Philadelphia u mill-awtur George Weigel.

(Min jixtieq isir jaf aktar jista' jfittex il-website: *DeMossNews,com/ Manhattan - Declaration*

***Fuqhiex tittratta:***

- l-ewwel parti: **dwar il-ħajja**
  difiża tal-qdusija tal-ħajja u kundanna lill-kultura tal-mewt; għaldaqstant kontra l-abort, kontra l-ewtanasija u kontra l-*human embryo-destructive research.*



- it-tieni parti: **il-qdusija taż-żwieġ**
- it-tielet parti: **il-libertà reliġjuża**. Hi kundanna kontra dawk li jridu jġegħlu lill-*pro-life institutions*, lill-*pro-life doctors, nurses* u *surgeons* biex jassistu jew jipprattikaw l-abort.

***Siltiet : Dwar iż-Żwieġ***

Fil-Bibbja, il-ħolqien tar-raġel u l-mara u l-għaqda tagħhom f'ġisem wieħed huma l-qofol tal-ħolqien t'Alla. Fit-trasmissjoni tal-ħajja u fit-trobbija tal-ulied, ir-raġel u l-mara miżżewġin flimkien, ingħataw l-unur li jsiru "sieħba" u "partners' ma' Alla nnifsu.

Iż-żwieġ , għalhekk, hu l-ewwel istituzzjoni tas-soċjetà umana. Infatti l-istituzzjonijiet l-oħra huma kollha mibnija u msejsa fuq l-istituzzjoni taż-żwieġ.

***Mill-Esperjenza***

L-esperjenza wiesgħa u twila tal-umanità turi li ż-żwieġ huwa l-istituzzjoni oriġinali u l-aktar importanti biex issostni l-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, u l-ġid tal-persuni kollha tas-soċjetà.

Fejn hemm stima lejn iż-żwieġ u fejn tiffjorixxi l-kultura taż-żwieġ kulħadd jibbenefika – sew il-miżżewġin infushom, uliedhom, u s-soċjetà in ġenerali.

Fejn il-kultura taż-żwieġ tibda titfarrak jitfaċċaw problemi soċjali ta' kull xorta.

***Fl-Istati Uniti tal-Amerika***

Sfortunatament, f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, il-kultura taż-żwieġ bidet titfarrak. Forsi l-aktar indikatur allarmanti hu r-rata ta' **twelid ta' ulied barra miż-żwieġ.** Sa ħamsin sena ilu, ir-rata tat-twelid ta' wlied barra miż-żwieġ kienet biss 5%. Illum saret 'il fuq minn 40%.

Is-soċjetà ta' żmienna qed tħallas prezz qares u għoli fid-delinkwenza, abbuż tad-droga, ħabsijiet, qtugħ ta' qalb u disperazzjoni.

Indikaturi oħra huma: il-koabitazzjoni u r-rata għolja ta' divorzju li qed tagħmel tant ħsara.

***Att ta' Indiema***

Aħna nistqarru b'sogħba li xi nsara naqsu milli jiddefendu l-istituzzjoni taż-żwieġ.

Aħna jisgħobbina li kemm-il darba xi nsara minn fostna

- appoġġjaw il-kultura favor id-divorzju,
- bqajna siekta u ma tkellimniex dwar dawk il-ħwejjeġ li jimminaw id-dinjità taż-żwieġ.

***Għat-tisħiħ tal-Familja***

Biex insaħħu l-familja

1. hemm bżonn li nieqfu u ma nibqgħux nappoġġjaw u nigglorifikaw il-promiskwita (it-taħlit bla rażan) u l-infedeltà.

# N DECLARATION"





2. hemm bżonn li nirkupraw fost iż-żgħażagħ is-sbuħija profonda u l-qdusija u l-fedeltà tal-imħabbà miżżewġa.
3. hemm bżonn li nbiddlu dawk il-liġijiet u l-*policies* ħżiena li jservu biex idgħajfu l-istituzzjoni taż-żwieġ.
4. hemm bżonn li jinbidlu l-liġijiet li jagħtu permess għall-*unilateral divorce (divorce on demand)*.

### *"Same-Sex Marriages"*

Ix-xejra moderna li qisha trid tivvinta definizzjoni gdida taż-żwieġ bl-iskop li tiffavorixxi s-*same-sex marriages* hi sintomu tat-tkissir tal-kultura taż-żwieġ. Dan ifisser li ntilfet it-tifsira vera taż-żwieġ.



Din ix-xejra moderna hemm bżonn li nirreżistuha. Jekk inċedu għaliha jkun ifisser li nkunu abbandunajna l-possibbiltà li nirkupraw it-tifsira awtentika taż-żwieġ. Ikun ifisser ukoll li nkunu abbandunajna t-tama li nibnu mill-ġdid kultura sana favur iż-żwieġ.

### *"De facto unions"*

Ħadd ma għandu d-dritt ċivili li n-*non-marital relationships* jiġu meqjusa daqs li kieku kienu żwieġ.

**Iż-żwieġ huwa realtà oġġettiva – patt ta' għaqda bejn raġel u mara li jagħmilhom it-tnejn miżżewġin lil xulxin. Il-liġi ċivili hija fid-dmir li tirrikonoxxi dan u tappoġġjah f'ġieħ il-ġustizzja u l-ġid komuni.**



Jekk il-liġi ċivili ma tirrikonoxxix u ma tappoġġjax liż-żwieġ, il-konsegwenzi ta' ħsara jkunu bosta.

### KONKLUŻJONI

La darba aħna l-insara nonoraw il-ġustizzja u l-ġid komuni

- **aħna m'aħniex lesti** li noqogħdu għal xi liġi li għandha l-iskop li ġġiegħel lill-istituzzjonijiet tagħna jassistu fl-aborti, f'*embryo destructive research*, f'suwiċidju assistit, fl-ewtanasja jew xi att ieħor kontra l-ħajja.
- **aħna m'aħniex lesti** li nċedu għal xi liġi li ġġegħilna nbierku lill-*immoral sexual partnerships* u nqisuhom qisu kienu żwieġ.
- **aħna m'aħniex lesti** li noqogħdu lura u ma nipproklamawx il-verità kif nafuha dwar il-moralità u l-immoralità, dwar iż-żwieġ u l-familja.
- **Aħna lesti li nagħtu bil-qalb lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari.**

**IŻDA FL-EBDA ĊIRKOSTANZA MA AĦNA SER NAGĦTU LIL ĊESARI DAK LI HU TA' ALLA.**

*Solidarjetà Nisranija (6)*



# Il-virtù tal-ħniena



*kitba ta'*
MONS. ISQOF EMERITU
NIKOL Ġ. CAUCHI

**Il-ħniena hija waħda mill-isbaħ kwalitajiet morali, li bihom jista' jkun imżejjen il-bniedem. Il-virtù morali tal-ħniena hija wieħed mil-effetti tal-karità jew ta' l-imħabba u twassal lill-bniedem sabiex jagħder u jgħin lil dawk li jkunu f'xi bżonn temporali jew spiritwali. In-nisrani għandu d-dmir li juri ħniena lejn dawk li qegħdin ibatu jew li huma ttribulati kif ukoll li jgħinhom b'mod prattiku. Il-ħniena li għandu Alla lejna, għandha bħala oġġett tagħha l-miżerja umana. Hekk ukoll il-bniedem, mqanqal mill-ħtiġijiet ta' l-oħrajn għandu juri ħniena lejhom u b'hekk jimita lil Ħallieq tiegħu.**

## *Il-ħniena fil-Kotba Mqaddsa*

Kif josserva Sant' Wistin (*Liber de Elemosina*) "Alla, fil-Kotba Mqaddsa kollha, kemm tar-Rabta l-Qadima kif ukoll tar-Rabta l-Ġdida, bla ma jieqaf, dejjem u kullimkien jistimola l-poplu tiegħu għall-opri tal-ħniena".

**Fir-Rabta l-Qadima**, dawn is-sejħat ta' Alla għall-ħniena fost il-bnedmin insibuhom:

(i) **Fil-kotba tal-profeti:**

- Hekk il-Profeta **Iżaija** meta jitkellem dwar il-għamla ta' penitenza li togħġob lil Alla, jistaqsi "M'hux li taqsam ħobżok ma min hu bil-ġuħ, u ddaħħal f'darek lill-imsejken bla saqaf? M'hux li tlibbes lil min hu għarwien u n-nies ta' darek ma tinsihomx?" (*Iż* 58,7).
- Il-Profeta **Mikea** jwissi: "Bniedem, huwa wriek x'inhu t-tajjeb u x'jistenna minnek il-Mulej: li tagħmel dak li hu ġust, li tħobb u tkun ħanin" (*Mik* 6,8).
- Hekk ukoll il-Profeta **Żakkarija** "Hekk jgħid il-Mulej ta' l-eżerċti: Agħmlu l-ħaqq fis-sewwa, uru tieba u ħniena bħal aħwa lil xulxin, taħqrux l-armla u l-iltim, il-barrani u l-fqir; tbejtux fi qlubkom deni għal xulxin" (*Żakk* 7,9).

(ii) **Fill-Ktieb tas-Salmi:**

- "Hieni min jaħseb fil-fqir u d-dgħajjef. F'jum il-għawġ, jeħilsu l-Mulej" (*Salm* 41 (40) 2);
- "Dawl fid-dlam ifeġġ għat-tajbin, twajjeb u ħanin il-bniedem sewwa. Tajjeb il-bniedem li jħenn u jislef, li jmexxi ħwejġu bir-reqqa" (*Salm* 112 ,( 111) 4-5).

(iii) **Fill-kotba sapjenzjali:**

Fil-ktieb tal-**Proverbi**: "Min hu ħanin, ġid lilu nnifsu jagħmel, imma ħsara jġib fuqu nnifsu l-kiefer"(*Prov* 11,17); "Ħażin jagħmel min imaqdar lil għajru, imma hieni hu min iħenn għall-fqir" (*Prov* 14,21); "min hu qalbu tajba jkun imbierek, għax hu jaqsam ħobżu ma' min hu fqir" (*Prov* 22,9).

(iv) Fil-ktieb ta' **Tobija**, naqraw "Il-karià teħles lil dak li jkun mill-mewt u ma tħallihx jinżel fid-dlam. Il-karità għal min jagħmilha, hi offerta togħġob lil Alla l-Għoli" (*Tob* 4,10-11).

## *Fir-Rabta l-Ġdida*

Kien Kristu s-Sultan tagħna, li għadda l-ewwel wieħed minn din it-triq tal-ħniena u ried li s-sudditi tiegħu jimxu warajh u jgħaddu minnha huma wkoll. Huwa wettaq f'ħajtu l-beatitudni tal-ħniena, għaliex ħabb, għader, ħafer u ħenn. Din l-imħabba u l-ħniena tiegħu wassluh saħansitra biex iċarċar demmu fuq is-salib, bħal wieħed imgħobbi bil-ħtijiet u bil-għajb.

(i) **Fl-Evanġelju**

Fid-diskors tal-Muntanja Ġesù stqarr: "**Henjin dawk li jħennu għax huma jsibu ħniena**" (*Mt* 5,7). Din il-ħniena li Kristu wiegħed lil bnedmin ta' qalbhom ħanina, hija dik li jagħmel Alla magħhom, meta jilqagħhom fil-hena ta' dejjem. Mela l-ħniena li nagħmlu ma' għajrna hija wieħed mil-meżżi li għandna biex nidħlu fis-Saltna tas-sema. Il-ħniena mqanqla mill-imħabba, Kristu għażilha biex tkun bħal għelm jew sinjal li l-veri nsara jġibu fuqhom u li bih jingħarfu mill-oħrajn li ma jemmnux it-tagħlim nisrani.

L-insara kollha għandhom jagħmlu ħilithom biex jiksbu din il-virtù, għaliex Ġesù qalilna: **"Kunu mela perfetti bħalma hu perfett missierkom li hu fis-smewwiet"** (*Mt* 5,48). Din il-perfezzjoni li Ġesù jitlob mid-dixxipli tiegħu, għandha marbut magħha d-dmir li wieħed ikun ħanin. L-eżerċizzju tal-ħniena għandu jkun mibni fuq l-imitazzjoni tal-Missier bħala xempju tagħna li huwa kollu mħabba u ħniena. Ġesù kkmandana: **"Ħennu, bħal ma hu ħanin Missierkom li hu fis-smewwiet"** (*Lq* 6,36).

Kristu wera li Huwa ried li l-bnedmin ikollhom f'qalbhom u juru f'għemilhom l-imħabba u l-ħniena lejn il-proxxmu

meta qal: **"Morru tgħallmu x'jiġifieri; 'Ħniena rrid u mhux sagrifiċċju**; għax mhux lil ġusti ġejt insejjaħ iżda lill-midinbin". Dan il-kliem Ġesù ssellfu mill-Profeta Hosea, (*Mt* 9,13) u ( Mt 12,7);

Kif jingħad fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb, (*Lq* 10,30-37) permezz ta' din il-ħniena, aħna nsiru proxxmu ma' kull persuna sfortunata li niltaqgħu magħha u nkunu tgħajniha l-għajnuna li kienet teħtieġ.

Kif qalilna l-Imgħallem Divin tagħna, aħna għad inkunu ġġudikati skont il-ħniena li nkunu għamilna mal-proxxmu tagħna li, forsi bla ma nintebħu, inkunu għamilniha mal-persuna ta' Kristu stess għaliex fil-ġudizzju lit-tajbin Hu jgħidilhom :**"Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi"** (*Mt* 25,40).

**(ii) Mill-ittri ta' l-Appostli**

- L-Appostlu Missierna San Pawl jinsisti: **"Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu"** (*Ef* 4,31-32); **"Ibsu sentimenti ta' ħniena, tieba, umiltà, ħlewwa u sabar"** (*Kol* 3,12).
- Imbagħad San Ġakbu jwissina; **"Għax il-ħaqq ikun bla ħniena, għal min ma jurix ħniena, u l-ħniena tirbaħ fuq il-ħaqq"** (*Ġk* 2.13); jgħallimna ukoll li "L-għerf li ġej mis-sema, qabel kollox huwa għerf safi, it-tjubija u l-ħlewwa, huwa kollu ħniena u frott tajjeb.
- Lill-insara ta' żmienu, San Pietru jħeġġiġhom: **"Ħossu għal xulxin, inħabbu bħal aħwa, b'qalb ħanina u umli"** (*1 Pt.* 3,8).
- San Ġwann, fl-ewwel ittra tiegħu kiteb: "Jekk wieħed għandu biex jgħix fid-dinja u jara 'l ħuh fil-bżonn u jagħlaq qalbu għalih, kif tista' l-imħabba ta' Alla tgħammar fih? Uliedi, **ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa**" (*1 Ġw*, 3,17-18).

### *Virtù mhix ħafifa, iżda meħtieġa*

Il-ħniena mhix xi virtù ħafifa u komuni. Il-ħniena nisranija hija frott tal-imħabba fi grad l-iktar għoli, u ma tista' qatt tkun mifruda mill-umiltà. Difatti, l-imħabba jekk tkun ġenwina, tgħallimna nħossu ruħna ugwali ma' l-oħrajn u meta din l-imħabba tkun imdawla bil-għerf ta' Kristu, twassalna wkoll biex nitbaxxew u nħossu ruħna iċken mill-oħrajn.

Biex ngħaddu mid-dlam u l-jasar tal-ħajja għad-Dawl tas-saltna ta' Kristu, jeħtieġilna nagħmlu żewġ passi kbar u diffiċli. Min ma jħobbx, jaħseb li huwa 'l fuq minn ħutu, aqwa minnhom u għalhekk jistmerr lill-oħrajn u dejjem isib f'hiex imaqdarhom. Iżda min ma jħobbx qiegħed fi stat tal-mewt. Kif jgħallimna l-Evanġelista San Ġwann: **"Min ma jħobbx jinsab fil-mewt; kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel, u intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja ta' dejjem"** (1 *Ġw* 3,15).

Min iħobb, iħoss li huwa bħall-bnedmin l-oħra, bħalhom mimli difetti, bħalhom suġġett għall-waqgħat u jeħtieġ kontinwament il-ħniena u l-maħfra t'Alla. Iżda biex ikollna l-ħajja ġdida mwegħda minn Kristu, jeħtieġ li nħobbu l-proxxmu tagħna. **"Min iħobb lil ħuh igħammar fid-dawl, u fih ma hemm ebda tfixkil"** igħidilna San Ġwann fl-ewwel ittra. Dan huwa mela l-ewwel pass, il-pass li bih ngħaddu mill-mewt għall-ħajja; il-pass li jwassalna biex inħobbu lill-oħrajn bħalna nfusna, għax huma aħwa tagħna u ndaqs magħna fid-dinjità tagħna ta' bnedmin.

Però biex ikun hemm il-ħniena nisranija, meħtieġ pass ieħor, li huwa iktar tqil minn ta' qablu. Min iħobb ħafna u jħobb bil-karità li għallimna Kristu, jiċċekken quddiem l-oħrajn u jkun lest li jaqdihom. Hekk għamel ma' dak ir-raġel li kien mitluq fit-triq nofsu mejjet is-Samaritan it-tajjeb, li Kristu jfaħħar fil-parabbola tiegħu. "Wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu" (*Lq* 10,33-34). Ma baqax sejjer għal għonq it-triq bħall-oħrajn, iżda tbaxxa fl-art biex jiġbor lill-midrub u jagħtih għajnuna. Dan il-grad ta' mħabba li tiċċekken quddiem il-ħtiġijiet tal-proxxmu, li tagħdirhom u tagħtihom għajnuna, mhux ħaġa oħra ħlief qdusija awtentika li għaliha ried iwassalna Kristu meta xandrilna l-beatitudni tiegħu.

Għad li l-ħniena hija diffiċli, iżda hija assolutament meħtieġa fil-ħajja tan-nisrani. Mingħajrha ma nistgħux nagħtu xhieda quddiem id-dinja li aħna ma' Kristu u segwaċi tiegħu. Meta nħennu għall-oħrajn, aħna nkunu qed naqsmu magħhom, dak li rċievejna minn għand Alla. Huwa ħenn għalina u ħafrilna; aħna wkoll inħennu għal ħutna u nagħdruhom. F'dan inkunu nimitaw lil Kristu li qal **"Jien ma ġejtx biex nagħmel ħaqq mid-dinja, iżda biex insalva d-dinja"** (*Ġw* 12,47).

**Jekk irridu li Alla jkun twajjeb magħna u jħenn għalina, jeħtieġ li aħna wkoll nuru ħniena mal-proxxmu tagħna. Kristu stess iwiddibna: "għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom"** (*Mt* 6,14-15).

Din il-kwalità ta' ħniena hija meħtieġa wkoll sabiex jirnexxielna nagħtu s-sehem tagħna ħalli tinbena dinja aħjar fejn issaltan l-imħabba ta' Kristu.

Kif jgħallimna l-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika "*Għani fil-Ħniena*": "Is-soċjetà tista' ssir aktar umana, jekk ir-relazzjonijiet ta' kull xorta, tal-bnedmin bejniethom u bejn is-soċjetajiet, indaħħlu mhux biss il-ġustizzja, imma wkoll dik 'l-imħabba kollha ħniena' li hi l-qofol tal-messaġġ messajniku ta' l-Evanġelju. **Is-soċjetà tista' ssir aktar umana biss jekk fir-relazzjonijiet kollha tal-bnedmin bejniethom...ikun hemm żmien u lok għall-maħfra li hi l-qofol tal-messaġġ tal-Evanġelju. Il-maħfra turi li fid-dinja hemm imħabba li hi aktar qawwija mid-dnub.** Il-maħfra hija kondizzjoni li mingħajrha ma jistax ikun hemm rikonċiljazzjoni, mhux biss bejn Alla u l-bniedem, imma wkoll bejn bniedem u ieħor" (Enċ. *Dives in Misericordia*, n.14).

Forsi qatt ma kienu meħtieġa fl-imgħoddi, daqs kemm huma meħtieġa fis-siegħa tal-lum din il-ħniena u din il-maħfra, meta nisimgħu b'għadd hekk kbir ta' każijiet ta' intolleranza, ta' vandaliżmu, ta' vendetta, ta' vjolenza, ta' kriminalità li qegħdin jiġru fid-dinja. **Illum, meta fid-dinja qed jidhru sintomi koroh u jinħassu l-effetti diżastrużi tal-egoiżmu u l-mibegħda, wisq izjed minn qabel, l-insara għandhom iħossu u josservaw id-dmir li bħal Kristu, Feddej tagħhom, jitgħallmu jħennu u jaħfru għall-imħabba t'Alla.**




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sitta u Għoxrin Parti )*

## IX-XOGĦOL TAL-BIZZILLA F'GĦAWDEX (4)

***L-Iżvilupp tal-Bizzilla f'Għawdex***

Biex inkunu nafu kif żviluppat il-bizzilla ta' Għawdex matul is-seklu dsatax, tajjeb li naraw kif kienet tkun marret meta kienet tieħu sehem fil-wirjiet organizzati matul dak is-seklu.

***Wirja ta' l-1851.*** Din il-wirja saret fil-Palazz ta' Hyde Park, Londra. Il-bizzilla ta' Malta u Għawdex ma kienet rebħet xejn. Imma talanqas kienet saret magħrufa u ammirata, hekk li saħansitra ġiet ikkupjata. Imma kienet għadha ma laħqitx dik il-perfezzjoni li timmerita li tieħu premju.

***Wirja ta' Santa Marija, 1855.*** Din kienet l-ewwel wirja ta' Santa Marija, fit-13 u l-14 ta' Awwissu, li saret fl-iskola tal-Gvern tal-Vajrinġa li kienet għadha kif inbniet. Għall-ewwel wirja ma kinux iddaħħlu affarijiet ta' l-artiġanat, imma ftit snin wara xogħlijiet tal-bizzilla bdew jiġu esibiti fit-taqsima ta' l-industrija Għawdxija. Dejjem kienu jissemmew b'tifħir. Il-bizzilli ta' Marjanna u Ġinesja Attard kienu jiddaħħlu wkoll għal din il-wirja ta' Santa Marija.

Fl-1869 f'Għawdex il-għadd ta' ħaddiema tal-bizzilla kien diġà tela' għal 2597. Mela x-xogħol ta' kull xorta ta' bizzilel kien diġà ċċentrat fil-gżira Għawdxija.

***Wirja Internazzjonali ta' Londra 1862.*** Din il-wirja saret f'Ġunju, 1862. Fost it-tifħir li qalgħet Malta għall-prodotti tagħha spikkat fuq quddiem nett il-bizzilla. Skont ir-rapport tat-*Times* ta' Londra, l-iżjed li ġibed ammirazzjoni kien ix-xall kbir tal-ħarir iswed maħdum bil-bizzilla ta' Għawdex. Skont il-*Portafoglio Maltese* dan ix-xall kien inxtara bil-prezz ta' 52 lira sterlina mill-Altezza Rjali Tagħha, il-Prinċipessa Alice biex tilbsu għall-għerusija tagħha li kellha ssir ma ddumx mal-Prinċep Luigi ta' Hesse.

Din l-okkażjoni wriet kemm verament il-bizzilla ta'-ċombini kienet qabdet għeruq fondi f'Għawdex.

***Wirja Industrijali Maltija fl-1864.*** Din il-wirja saret fis-sala tal-Bibljoteka Rjali, il-Belt Valletta. Fost il-prodotti esibiti kien hemm bċejjeċ tal-bizzilla mdaħħlin minn Ġinesja Attard, Ġ. Saliba u Giovanni Cilia, it-tnejn negozjanti Għawdxin. Vittorio Cilia kien daħħal ukoll ġbejniet friski Għawdxin.

Fl-1871 il-ħaddiema tal-bizzilla Għawdxin kienu telgħu għal 3,390. Minkejja l-isforzi kollha tal-Gvern biex ix-xogħol tal-bizzilla jiżdied f'Malta wkoll, il-qofol baqa' f'Għawdex; għandu mnejn għax Malta kien aktar faċli għat-tfajliet li jsibu xogħol ieħor u li jħalli iżjed qligħ ta' malajr.

Fl-1881, il-ħaddiema tal-bizzilla f'Għawdex komplew jiżdiedu: 4,158 nisa u 12-il raġel.

***Colonial and Indian Exhibition: Cyprus and Malta1886.*** Għal darb'oħra f'din il-wirja reġgħet spikkat il-bizzilla tal-ħarir maħduma Għawdex. Skont l-*Illustrated London News* tad-9 ta' Ottubru, 1886, "Il-bizzilla ta' Malta, dejjem sabiħa, kienet l-aqwa industrija li ġiet esibita b'mod eleganti. L-esibitur ewlieni kien is-Sur Mikiel Borg (Malti li jinnegozja l-bizzilla Għawdxija) li jaf jadatta disinni sbieħ u ġodda għall-bizzilla maħduma bis-sengħa u bir-reqqa, hekk li ġibdet l-attenzjoni ta' membri tal-familja rjali. Il-bizzilla ta' Malta maħduma bil-ħjut tal-ħarir mibrumin għal darbtejn, kif applikaha s-Sur Borg, saret b'saħħitha u tiflaħ iżjed għall-istrapazz.

Fl-1891 insibu total ta' 3,718-il ħaddiem tal-bizzilla, nisa u rġiel, daqsxejn inqas.

Iżda fl-1901 it-total tela' għal 5,304 u 8 irġiel.

***(Jissokta)***

*Kummentarju (3)*

# *Il-Konkubinaġġ sar Problema Soċjali ta' żmienna: "Partners"!*



*kitba ta'* **PAWLU SALIBA**

**Qiegħda fin-natura tal-bniedem li, meta jitwebbel li jagħmel xi ħaġa li l-kuxjenza tiegħu tgħidlu li mhix xierqa u għalhekk mhux sewwa li jagħmilha, huwa jipprova jsikket il-kuxjenza billi jipprova jagħtiha *image* jew bixra ġdida, permezz ta' isem ieħor jew kliem aktar attraenti u aċċettabbli u b'hekk, mingħalih, l-azzjoni tiegħu tkun tista' tintlaqa' tajjeb jew b'inqas kritika. Dan hu li qed jiġri fi żmienna.** Il-bniedem qed isib ruħu mdawwar b'kull xorta ta' *comfort* li jaf jagħti l-progress li d-dinja tinsab għaddejja minnu f'kull qasam tal-ħajja — xjentifiku, teknoloġiku, soċjali. Fl-istess ħin, l-għajta dominanti hija dik ta' drittijiet, dejjem aktar drittijiet, assoluti, bla kontroll jew restrizzjoni, u ftit ferm tinstema' l-għajta ta' dmirijiet u responsabbiltajiet li l-bniedem, fl-interess u l-ġid tiegħu nnifsu u tas-soċjetà li jgħix fiha, hu msejjaħ biex jeżerċita f'ħajtu.

**Ispirat minn din il-filosofija falza ta' żmienna, il-bniedem ħaffer fil-profondità ta' moħħu biex isib kliem sabiħ li bih, filwaqt li jqarraq bih innifsu, jagħti passata verniċ ta' leġittimità u rispettabbiltà, lil ċerti sitwazzjonijiet, u saħansitra delitti, li minnhom infushom huma u jibqgħu ħżiena u kundannabbli minn kull aspett. Hekk, biex nagħti xi eżempji, illum il-qtil ta' tarbija fil-ġuf b'abort qed jissejjaħ *"the mother's right for choice"* jiġifieri d-dritt tal-omm li tagħżel hi jekk toqtolx il-wild tagħha; il-qtil, permezz tal-ewtanasja, ta' persuna marida terminali qed jissejjaħ *"mercy killing"*; id-daqqa t'id li wieħed jagħti lil persuna f'saħħitha li tkun xebgħet minn ħajjitha qiegħda tissejjaħ *"assisted suicide;* it-tkissir ta' familja permezz tad-divorzju qed jissejjaħ *"the right to build a new family in love"*; u s-sodomija (id-dnub kontra n-natura tan-nies ta' Sodoma) qed jissejjaħ *"gays' right to marry"*.**

*Il-Koabitazzjoni*

Hekk ukoll illum, billi l-kelma konkubinaġġ, bħala stat ta' għajxien, ma ddoqqx tajjeb fil-widnejn ta' ħafna individwi u tas-soċjetà ta' żmienna, din "tgħammdet" **bil-kelma attraenti ta' koabitazzjoni, u l-kelma "poġġut/a" tbiddlet fil-kelma, aktar soċjalment milqugħa, ta' *partner*. U tistagħġeb kif, billi dan l-istat ta' koabitazzjoni tant qed jitqies fis-soċjetà tal-lum bħala stat normali ta' ħajja, issib min ma jiddejjaqx li jsemmi l-*partner* saħansitra fl-*obituary* fl-okkażjoni tal-mewt ta' xi ħadd minn qrabatu.**

F'artiklu mxandar mill-aġenzija tal-aħbarijiet *Zenit* tal-Vatikan, is-soċjologu Amerikan David Popenoe jgħid illi "ebda bidla fil-familja ma tfaċċat daqstant drammatikament u b'ħeffa fiż-żminijiet moderni daqs il-koabitazzjoni ta' persuni eterosesswali barra miż-żwieġ. **F'dawn l-aħħar tletin sena, fil-pajjiżi l-aktar progrediti l-koabitazzjoni barra miż-żwieġ minn prattika mwarrba sew u wkoll illegali għaddiet għal waħda li, kull ma jmur, qiegħda titqies bħala parti normali mill-kors tal-ħajja, u bħala preludju neċessarju, jekk mhux ukoll bħala sostituzzjoni, għaż-żwieġ."**

Wara li jagħti xi tagħrif dwar il-prattika tal-koabitazzjoni f'xi pajjiżi żviluppati, bħall-Isvezja u l-Istati Uniti tal-Amerika, dan is-soċjologu jistaqsi: Xi tfisser din it-*trend* fiż-żieda fir-relazzjoni bejn persuni li jikkoabitaw fuq il-futur taż-żwieġ u l-ġid tal-ulied? U kif għandna nwieġbu aħna, bħala individwi u flimkien bħala soċjetà, għal din il-bidla soċjali qawwija? Huwa jgħid li hu importanti li ninfurmaw irwieħna dwar dak li ġara u qed jiġri f'pajjiżi oħra li ntlaqtu minn dan il-fenomenu (biex nagħrfu l-effetti u l-konsegwenzi tal-koabitazzjoni), iżda, fl-istess ħin, iwissi li mhux kull ma jitqies bħala li jogħġob f'pajjiżi oħra jgħodd għas-soċjetà ta' pajjiżna.

*Il-ġid tal-ulied*

Popenoe iżid jgħid illi **"l-unjonijiet barra miż-żwieġ saru komuni għaliex it-tifsira tal-familja tbiddlet billi l-valuri individwalisti u soċjali żviluppaw progressivament minn tmiem is-snin '40 'l hawn.** Kif juru x-xejriet mill-aħħar Gwerra Dinjija 'l hawn, iż-żwieġ m'għadux jitqies (minn xi wħud) bħala istituzzjoni qaddisa u permanenti bħal qabel. **Id-divorzju, iż-żwieġ mill-ġdid ta' persuni miżżewġa, il-familji ġodda ta' koppji divorzjati jew li jikkoabitaw, il-ġenituri mhux miżżewġa, ittrasformaw l-istituzzjoni tal-familja. B'dawn it-tibdiliet strutturali (fil-familja), unjoni bejn persuni mhux miżżewġa saret dejjem aktar permissiva."**

Huwa jżid jgħid illi: *"In most countries, marriage is perceived as the most secure and legitimate union when children are involved."* Jiġifieri, fejn jidħol il-ġid tal-ulied, iż-żwieġ (nisrani) jibqa' l-aktar istituzzjoni stabbli u leġittima.

**Ma nħossx li għandi x'inżid ma' dan il-kliem ċar ta' dan il-magħruf soċjologu.**

Ftit fatti u kummenti

# Għawdex - Gżira Ekoloġika! Viżjoni grandjuża... jew ħolma fiergħa?



kitba ta' DR. MARIO SALIBA

Il-fantasija ta' qabel l-elezzjoni tixgħel f'moħħ il-politiċi. Wara kollox din kienet idea ta' wieħed ambjentalist Taljan li malli ġie bija aħna mill-ewwel għamilniha tagħna wara ftit sekondi. Ma hemm xejn ħażin nikkuppjaw affarijiet tajbin. Il-kunċett kien jidher jappella ħafna għall-widna u l-idea għoġbitna imma milli jidher lanqas konna nafu xi tfisser. Illum tant ilna nirrepetuha l-frażi li saret parti mill-vokabolarju tagħna u mhux talli hekk talli ħloqna viżjoni li **rridu nagħmlu minn Għawdex Gżira Ekoloġika sas-sena 2020 jew fi żmien 10 snin oħra. Viżjoni grandjuża... jew ħolma fiergħa?**

*X'jiġi l-ewwel?*

Hemm madwar 80 proposta x'jitwettqu. Diversi proposti kieku ilhom snin jiġu mwiegħda fil-baġits preċedenti. Hemm ukoll 25 miljun ewro għal "Eko-Għawdex", skont l-aħħar baġit. Din hija somma verament ġeneruża għal Għawdex. Nisperaw li dawn il-fondi jintefqu biex nagħmlu lil Għawdex gżira ekoloġika ta' veru u mhux għal affarijiet oħrajn biex nirfdu baġits oħrajn li jkunu spiċċaw b'telf. **Qabel ma' nwettqu dan kollu rridu nibdew inbiddlu ftit il-mentalità tagħna lejn il-ħarsien tan-natura u l-ambjent ta' madwarna, u nfehmu lill-poplu sewwa xi rridu nfissru bih dan it-terminu u fejn irridu naslu. Jekk għandna f'moħħna li l-Mepa tiffriża l-applikazzjonijiet ta' żvilupp pendenti li ser iġibu ħsara lill-ambjent, forsi xi darba naslu biex nibdew.** Imma din hija ħolma ta' l-ambjentalisti jew ta' xi wieħed bħali li fil-biżniż u l-kummerċ ma nifhimx saħta? Billi issa għandna lill-Mepa għaddejja minn riforma, nistgħu inserrħu moħħna bid-dikjarar li minn issa'l quddiem mhux ser ikun hemm permessi għal żviluppi mhux sostenibbli f'Għawdex? **Naħseb li l-Mepa tkun għamlet l-aqwa ħaġa li setgħet tagħmel lil Eko-Għawdex jekk tħares lil Għawdex minn xi żviluppi li f'dawn l-aħħar snin offrew theddida għall-wirt naturali u arkeoloġiku ta' Għawdex.** Jew biex nagħmlu proġett id-Dwejra hemm bżonn noħolqu monstru arkitettoniku bħal dak li ġie msejjaħ "ċentru interpretattiv" (sic)!?

*Il-widien insejnihom?*

Il-Mepa tista' jekk trid tagħti nifs lill-widien ħalli dawn jitnaddfu mit-terrapien u mbarazz li fihom, biex ikunu jistgħu jilqgħu l-ilma tax-xita li ħafna minnu qed jispiċċa



Il-Wied ta' Marsalforn

l-baħar moħli. Dawn huma affarijiet sempliċi li huma possibbli u ma hemmx bżonn ta' affarijiet speċjali biex jitwettqu. **Sfortunatament il-widien imkien ma kienu msemmija fid-dokument ta' viżjoni għal Eko-Għawdex. Forsi mill-25 miljun ewro ma kienx hemm ftit eluf ta' ewro biex isir dan ix-xogħol tant meħtieġ?** Biex ikollna gżira ekoloġika jixraq ukoll li l-passaġġi fil-kampanja jitnaddfu u jkun hemm aċċess lill-pubbliku fuq l-art pubblika kollha u mhux min għandu s-saħħa qed jokkupa art li mhix tiegħu. Ma jagħmilx sens li nirreklamaw il-passiġġati sbieħ fil-kampanja, mbagħad inħallu ż-żibel u l-imbarazz 'l hemm u 'l hawn, jew passaġġi magħluqa kontra l-liġi. Forsi l-iktar li jagħtu fil-għajn huma xi karozza antika u xi tankijiet imsadda li għadhom imperrċin mal-ħitan tas-sejjieħ mwaqqa'!

*L-arja mniġġsa... x'sar jew x'qed isir?*

Fir-Rabat t'Għawdex wieħed iħossu jifga bid-dħaħen tat-traffiku. X'sar biex din il-problema tat-traffiku fir-Rabat tittaffa? Wegħdi u wegħdi ta' qabel l-elezzjoni biss. **Fejn hu l-*multi-level parking* li kellu jsir numru ta' snin ilu fir-Rabat? Dan kien imwiegħed sa mill-1992.** Qabel ma' l-Qorti jitlaq minn ġoċ-Ċittadella tista' ssir xi miżura biex jitnaqqsu l-karozzi minn dan il-post waqt il-ħin tal-

Qorti? In-numru ta' vetturi huwa eżaġerat meta jkun hemm il-Qorti. Forsi servizz ta' *"park and ride"* jista' jsolvi xi ftit il-problema. Jew forsi xi forma ta' *"cable car"*? Jew forsi qed nerġa' noħlom? L-użu ta' *"electric cabs"* hija favur l-ambjent, imma xorta hemm il-problema ta' l-ispazju biex tħaddem numru minn dawn il-karozzi.

### *Enerġija mix-xemx*

**Tajjeb ħafna li f'Għawdex nibdew niġġeneraw l-enerġija li nużaw b'modi naturali mix-xemx u mir-riħ. Din hija ħolma sabiħa. Min irid jinvesti billi jpoġġi pannelli fotovoltajiċi fuq il-bejt tad-dar tiegħu biex jaqbdu l-enerġija tax xemx mhux qed isib l għajnuna kollha. 50% mill-ewwel 3000 ewro li tonfoq huma ftit meta tqis li dawn is-sistemi għadhom għoljin ħafna.** Familja li taħli iktar minn 10 t'elef unit ta' elettriku mhux bilfors hi kapriċjuża imma għax familja kbira qatt ma tista' tgawdi la mill-kont ta' l-elettriku u l-anqas mis-sussidju. Biex tkun tista' tlaħħaq mal-konsum ta' iktar minn 10 t'elef unit trid sistema li tiswa' madwar 20,000 ewro. Irid ikun hemm iktar sussidju fuq is-sistema biex familji kbar ikunu mgħejjuna u mhux ikunu ttimbrati li huma ħalja u qed jaħlu l-enerġija bla bżonn. Dan huwa sussidju fjakk għal familji kbar. Barra minnhekk, ċerti NGOs għax mhux qed ikunu mgħejjuna b'sussidju qawwi jekk jiġġeneraw l-enerġija elettrika mix-xemx? Qed jiġini f'moħħi, bħala eżempju, l-Oratorju Don Bosco. Dan il-post li jservi ta' ċentru rekreattiv, ċiviku u edukattiv għażżgħażagħ tagħna naħseb li jkollu kont kbir mhux ħażin ta' dawl elettriku. Dawn huma miżuri li jaffettwaw lil numru ta' familji li għalkemm mhux fil-maġġoranza xorta għandhom bżonn l-għajnuna wkoll. **Min-naħa l-oħra nisperaw li l-viżjoni ta' Gżira Ekoloġika ma tkunx tfisser biss xi erba' irdieden 'l hawn u 'l hemm. Tajjeb li nużaw l-enerġija solari u mir-riħ imma dan irid isir fuq pjan serju u b'mod prattiku u mhux bil-paroli biss.**

### *Toroq kollha ħofor*

Kemm smajna wegħdi s'issa? Kemm ser indumu nreqqgħu t-toroq kollha ħofor li għandna? Fuq il-karta bil-kulur Għawdex ġa sar ġżira li ma tingħarafx! Din il-kitba mhix intiża bħala kritika distruttiva lejn dan il-kunċett, anzi hija karba biex dan il-proġett jirnexxi mija fil-mija **imma mhux bit-tirqiegħ.** Jiena qatt ma kont nilgħab bil-kliem. Il-biża' tiegħi hu li jekk noqogħdu fuq l-esperjenzi ta' l-imgħoddi ftit għandi tama li ser jirnexxielna nagħmlu xi ħaġa gwappa. Forsi naslu biex nagħmlu nofs dak li qed nipproponu, minkejja li nkunu nfaqqna il-25 miljun ewro, j'Alla! Ċerti proposti huma biss pjani biex jitwaqqfu kumitati biex jistudjaw l-affarijiet. Nafu x'jiġri meta l-affarijiet isir bl-istudji. Mhux l-ewwel darba li dawn l-istudji jispiċċaw fuq l-ixkaffa u l-flus ivvutati jisparixxu.... **Mhux kulħadd huwa konvint li l-fondi li kien hemm imwiegħda mill-Ewropa għal Għawdex ittieħdu kollha jew li l-proġetti tlestew fil-ħin u skont il-pjani li kien hemm. Eżempju ċar hija t-triq tal-Għarb li ġiet tiswa' d-doppju li kienet stmata, filwaqt li t-triq tax-Xlendi baqgħet ma saritx.** Forsi din kienet l-ewwel esperjenza ta' fondi mill-Ewropa u min kien involut ried jitgħallem ukoll. Iżda hemm toroq oħrajn li ġew kompletament abbandunati u għadek tkisser karozza jekk iddur dawra minn raħal għal ieħor. **Diversi toroq jissemmew minn sena għal oħra u jibqgħu kif inhuma. Mbagħad fil-ġimgħat ta' qabel xi elezzjoni, kulħadd iraqqa' u jgħatti l-ħofor biex forsi l-poplu nikkuntentawh qabel l-elezzjoni. Sirna gżira tat-tirqiegħ.**



Naħseb li tkun qed tqarraq bl-Għawdxin jekk wara tant snin ta' telqa ekoloġika u żvilupp li jmur kontra l-ambjent, tiġi twiegħed ġenna ta' l-art li jisimha Eko-Għawdex mingħajr pjan serju u sostenibbli. Ngħiduha kif inhi: pjanijiet ta' tul ta' għaxar snin lili jħassbuni. Aħjar nagħmlu l-affarijiet konkretament pass pass u tajjeb. **Viżjonijiet kbar fuq il-karta ġeneralment jibqgħu fuq il-karta. Taf x'naf fiż-żgur: li "min mhux fidil fil-ftit lanqas mhu se jkun fidil fil-wisq!" U dan mhux kliemi. Għaxar snin oħra nkunu nafu!**



*Għawdex, l-Għawdxin u Jien*

# Kif naf lil Għawdex

## *Tant Għawdxin ta' żgħożiti, fil-qasam ta' l-edukazzjoni fil-Moviment ta' Kana u fl-Attivitajiet Kulturali...*



*kitba ta'* **NAZJU ABELA**

Niftakar sew l-ewwel darba li ġejt Għawdex. Kien Jannar 1952, meta ħija ta' qabli daħal novizz kapuċċin u ġejna Għawdex bil-familja kollha għall-vestizzjoni tiegħu fil-knisja sabiħa u antika tal-Kapuċċini fil-Belt Victoria. Niftakar tajjeb li dakinhar kienet maltempata kbira. Il-"Banċinu", il-famuż vapur li kien jittraġitta bejn Malta u Għawdex dik il-ħabta, bilkemm kien se jagħmel it-traġitt daqs kemm kien baħar imqalleb. Konna biss il-familji tas-7 novizzi ġodda li kienu se jibdew il-ħajja fl-Ordni Franġiskan tal-Kapuċċini. Eventwalment dawn kienu ħadu l-Quddiesa fl-1960 fis-sena taċ-Ċentinarju Pawlin, f'okkażjoni unika meta Mons. Arċisqof Gonzi kien ordna 50 saċerdot f'daqqa, eżattament 50 sena ilu.

Is-seħer ta' dak iż-żmien, il-knisja armata sew u tilqgħek, il-ġnien kbir mimli siġar tal-larinġ u tal-lumi li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-Kunvent, il-kjostru tal-kunvent b'dawk is-siġar, qsari u l-ġiebja fin-nofs, il-qabar ta' Fra Baskal fil-kripta tal-knisja huma xi ħaġa li ma tinsiex malajr. U jien ma nsejtx għax ta' kull sena nħobb nattendi għall-festa ħelwa tal-Madonna tal-Grazzja li ssir fl-aħħar Ħadd t'Awwissu. L-okkażjoni tal-Vestizzjoni ta' ħija kompliet imbagħad fi żjajjar oħra ta' kull xahar għall-famuż parlatorju.

Meta mbagħad kbirt u bdejt ngħallem, ersaqt pass ieħor lejn il-konnessjoni tiegħi mal-gżira Għawdxija u l-Għawdxin. Kont is-*St. Michael's College of Education* fis-snin 1961-63 fejn allura dak iż-żmien konna residenti fil-Kulleġġ ġimgħa sħiħa. Inzerta li kelli miegħi numru ta' studenti-għalliema Għawdxin li kont ningwala ħafna magħhom, xi wħud minnhom bqajna ħbieb kbar sa llum. Niftakar li *senior* tiegħi kelli lil Mro. Joe Vella, li kien diġà beda jġennen lill-istudenti kollha bid-daqq tal-pjanu speċjalment filgħaxijiet wara l-ħin taċ-ċena u bil-*plays/ musical* li kien itella fis-sala tal-*College*; lil George Aquilina, għalliem gwapp ta' l-Ingliż u dilettant kbir tal-palk, lil Joe Sacco li kien *fooballer* tajjeb ħafna u lil Peter Paul Said min-Nadur u li llum ta' spiss niltaqgħu fil-*weekend* għall-quddies fil-Bażilika ta' dan ir-raħal sabiħ. Ma' dawn nista' nżid lil Michael Camilleri li kien miġnun fuq l-isport u li konna nieklu fuq l-istess mejda u li spiċċa l-karriera bħala surmast.

Fis-sena tiegħi kelli lil (Alla jaħfrilhom) Toni Vella – li temm il-karriera bħala surmast u mingħalija kien ukoll fil-Kumitat ta' l-Istilla għal diversi snin u lil Tarċisju Zammit. Ċisju u Toni kienu ħafna qrib tiegħi, u d-destin ried li iben Ċisju, Tony, għamel żmien jaħdem qrib tiegħi fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni f'Malta. Lil Tony nafu wkoll illum bħala membru assidwu tal-Kor *"Laudate Pueri"*. Kelli wkoll lil ċertu Joe Attard mix-Xagħra u lil Vincent (is-"Surġent") Said. Fis-sena ta' warajja, allura kienu *junior* tiegħi, bqajt niftakar lil ċertu Hili li kien dilettant kbir tal-fotografija u fuq kollox lil Joe Psaila li 'l quddiem kkollaborajna flimkien fil-qasam ta' l-appostolat tal-familja fi ħdan il-Moviment ta' Kana.

Niftakar li kienet id-drawwa u t-tradizzjoni li l-bottegin ta' l-istudenti fil-Kulleġġ ta' l-għalliema kien dejjem immexxi mill-istudenti Għawdxin u din tagħtik impressjoni ta' l-għawdxin bħala nies ħawtiela u imprendituri sa minn età żgħira.

F'Novembru 1964, tliet xhur wara li żżewwiġt, meta allura kont diġà fil-Kunsill Eżekuttiv tal-Moviment ta' Kana, Dun Charles Vella ħolom li jrid jagħmel Ġimgħa tal-Familja għall-ewwel darba f'Malta. U din saret f'Ħaż-Żebbuġ fejn noqgħod jien. Il-qofol ta' din l-attività kien il-*home visiting* li sar għall-ewwel darba fil-gżejjer tagħna u li kien jinvolvi *team* ta' 40 saċerdot – qassisin u patrijiet – li fi żmien ġimgħatejn, żaru kull familja f'Ħaż-Żebbuġ, dak iż-żmien b'popolazzjoni ta' madwar 10,000. Jien u l-mara tiegħi konna nkarigati minn din l-operazzjoni tat-tqassim ta' dawn is-saċerdoti fid-djar Żebbuġin. Fost dawn l-40 saċerdot kien hemm 3 Għawdxin li Dun Charles alloġġjahom għal diversi ġranet fid-dar tiegħi. Dawn kienu Dun Manwel Curmi, Dun Karm Mercieca, llum Arċipriet tax-Xewkija u Dun Ġużepp Camilleri li mbagħad mar jagħmel xogħol pastorali fi New York u dawn l-aħħar snin missjunarju fil-Guatemala. Ma' dawn it-tliet saċerdoti ħabrieka, dak iż-żmien għadhom fil-bidu tal-ħajja saċerdotali tagħhom, qsamna diversi ljieli ħelwin nieklu u niċċajtaw u kienu jispiċċaw jirrakkontaw l-avventuri ta' meta kienu seminaristi flimkien. Bqajna ħafna ħbieb magħhom, l-aktar ma' Dun Ġużepp.

La darba qed insemmi l-Moviment ta' Kana, bilfors ikolli nsemmi l-ħbieb u kollaboraturi li ksibt fil-perijodu twil li għamilt niġi Għawdex bħala konferenzier fil-Kors Tħejjija għaż-Żwieġ kif ukoll meta kont editur għal 10 snin tar-rivista "FAMILJAKANA". Fil-Kunsill kelli miegħi għal snin twal lil (Alla jaħfirlu) Mons. Dun Ġużepp Buttiġieg mill-Qala li għamel żmien twil bħala Assistent Direttur tal-Moviment ta' Kana għal Għawdex. Jikkontribwixxu



regolari għar-rivista kelli lil Joe Psaila ħafna drabi b'poeżiji sbieħ u mimlija għerf kif ukoll lill-Kavallier Joe M. Attard, li kien jieħu ħsieb il-Paġna t'Għawdex, xahar wara xahar għal bosta snin. Irrid ngħid, li fis-snin li għamilt editur ta' dik ir-rivista, Joe kien ikun l-ewwel wieħed bl-aħbarijiet tal-Moviment u tal-familja f'Għawdex u qatt ma falla ħarġa waħda. Imbagħad, wieħed mill-pilastri tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex kien (Alla jaħfrilu) Joe Micallef, ta' Triq Sant'Ursula, li kien id-distributur ewlieni tar-rivista f'Għawdex. Niftakar li bil-ħidma sfiqa tiegħu, Joe rnexxielu jtella l-bejgħ tar-rivista f'Għawdex għal terz tan-numru kollu li kienet tinbiegħ fiż-żewġ gżejjer. Kont inċempillu li r-rivista hi stampata u hu kien jiġborha mill-vapur u jmur iqassamha personalment raħal, raħal. U fi żmienu l-abbonati kienu dejjem jikbru. Grazzi Joe, ta' kemm għamilt ġid f'Għawdex.

Niftakar ukoll il-ftuħ tad-Dar ta' Kana f'Għawdex, bil-ħidma u l-insistenza ta' Mons. Buttigieg, l-ewwel fi Triq il-Madonna ta' Pompej, qrib is-Seminarju, imbagħad fiċ-ċentru spazjuż fil-bidu ta' Triq it-Tiġrija.

Fiż-żmien li kont uffiċjal tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, niftakarni ngħin lis-Sur Joe Sammut itella' l-*Careers Convention* fil-Padiljun ta' l-Isport f'Għawdex. Meta bdiet, bl-inizjattiva tal-Ministru għal Għawdex, il-*Convention* kienet issir sena f'Malta u sena f'Għawdex. Fl-ewwel *Convention* fil-gżira Għawdxija, niftakar il-wirja kbira li kienu taw grupp ta' żgħażagħ mis-6th Form t'Għawdex, magħrufa dak iż-żmien bħala *"Helping Hands"* u li jekk minix sejjer żball, għadhom itellgħu wirjiet mużikali sallum. Eventwalment, fl-aħħar snin tal-karriera tiegħi fil-Ministeru u bħala Uffiċjal Edukattiv inkarigat min-*Non-State Schools*, kelli kuntatt sicwi u ta' spiss ma' l-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex. Kont nagħmel ħilti biex inżurhom almenu darba kull *term* skolastiku flimkien mas-Sur Joe Sammut li kien Direttur ta' dan id-Dipartiment. Niftakar is-sodisfazzjon li kont nieħu nżur l-iskejjel St. Francis fil-Belt Victoria u fi rħula oħra, il-Laura Vicuna fl-Għasri, is-Seminarju, is-St. Theresa f'Kerċem u fuq kollox il-Konservatorju ta' l-Isqof li kelli x-xorti nagħti l-kontribut żgħir tiegħi biex jiżviluppa fl-unika skola sekondarja tal-Knisja għall-bniet f'Għawdex.

F'dawn l-aħħar snin, minħabba l-ħidma tiegħi fil-Kumitat Festi Nazzjonali bħala *Chairman* ġejt f'kuntatt ta' spiss mat-Taqsima tal-Kultura f'Għawdex u kabbart ir-rapport tiegħi ma' Vincent Grech u ma' Kevin Sciberras, żewġ pilastri ta' l-attivitajiet kulturali u reġjonali f'Għawdex. Dawn it-tnejn, min-naħa tagħhom intrigawni sew fl-attivitajiet tal-Karnival u nieħu gost nattendi għall-attivitajiet kotrana li huma jorganizzaw li ħafna drabi jservuni ta' skuża biex żgur niġi Għawdex aktar ta' spiss milli fil-fatt nista'. Hawn bi pjaċir niftakar il-kunċert nazzjonali ta' l-Indipendenza li jiena bħala *Chairman* tal-KFN, flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u bil-kunsens ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ħabrikt biex jittella' fi Pjazza San Franġisk fl-2002 u li kien suċċess kbir speċjalment fl-attendenza..

Bħala membru ta' l-FECC (*Federation of European Carnival Cities*) niftakar il-*Convention* kbira li saret fin-Nadur f'għeluq il-125 sena mit-twaqqif ta' din il-federazzjoni dinjija. Niftakar l-attendenza kbira ta' delegati barranin – xi 450 - igawdu s-sbuħija u l-ospitalità ta' l-Għawdxin bl-attivitajiet kbar li saru fin-Nadur, fil-Belt Victoria u fix-Xagħra, u bil-monument tal-Karnival jitwaqqaf fit-triq li tagħti għar-Ramla l-Ħamra.

Meta għidt dan kollu, ma nistagħġeb xejn li malli beda joqrob iż-żmien li nirtira mill-ħidma tiegħi fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni ma' pjani oħrajn kif se nibda nqatta' s-suppost ħafna ħin liberu li kien se jkolli, bdejt naħseb minnufih biex infittex dar żgħira u permanenti f'Għawdex ħalli niġi aktar ta' spiss. Kont ixxurtjat li ma domtx biex insib dan il-post fejn jagħtini l-opportunità li niġi Għawdex għal ġranet u *weekends* twal u mmur nagħmel mixjiet sbieħ fil-kampanja, indur il-bosta postijiet storiċi u meraviljużi, ingawdi l-festi sbieħ tas-sajf u ħin biżżejjed għall-kitba u qari. Ovvjament, il-familja tiegħi wkoll iddakkru minn din l-attrazzjoni Għawdxija u n-neputijiet tiegħi ta' spiss jiġu magħna u jimmarkaw fuq il-mappa Għawdxija l-postijiet fejn żorna jew fejn għad irridu mmorru: il-Fanal tal-Ġordan, iċ-Ċittadella, it-toroq dojoq u sbieħ ta' madwar San Ġorġ, Mġarr ix-Xini, l-Għadira ta' Sarraflu, il-Qbajjar, il-Wied tal-Lunzjata, l-Għolja ta' Gelmus u sintendi Daħlet Qorrot u Ħondoq ir-Rummien għall-għawm fis-sajf.

Fl-aħħarnett nikkonferma li jiena grat ħafna lejn Għawdex, mhux biss għax illum sar it-tieni dar naturali tiegħi iżda għax huwa punt ta' riferenza f'ħajti li miegħu norbot fost l-isbaħ ġrajjiet u ħafna u ħafna jiem ta' paċi u serenità.

Mil-Lenti tat-Telekamera

# Esperjenza indimentikabbli fl-Awstrija għal kor ta' żgħażagħ Għawdxin



kitba u ritratti ta' ALVIN SCICLUNA

**B'xorti tajba għall-gżiritna, huma diversi l-korijiet stabbiliti Għawdxin li jħabbtuha mal-aqwa eżempji li nsibu f'Malta. Mhuwiex l-għan tagħna li tqabbel wieħed mal-ieħor għas-sempliċi raġuni li huma kollha korijiet mgħallma tajjeb b'direzzjoni professjonali. Kollha kemm huma għandhom l-esperjenza ta' impenji 'l barra minn xtutna. U jkun f'dawn l-okkażjonijiet li l-kor jiġi apprezzat l-aħjar meta l-udjenza tkun barranija. Ikun ukoll waqt dawn is-safriet li l-kor u l-membri tiegħu jiksbu esperjenza li tarrikkixxi l-karattru kulturali, b'mod speċjali l-aspett mużikali.**

Wara li sentejn ilu, l-i*Schola Cantorum Jubilate* kienu żaru l-Italja, f'Settembru li għadda, dan il-kor iffurmat minn żgħażagħ, għex esperjenza fl-Awstrija, pajjiż ieħor sinjur f'dik li hija mużika. Hi wkoll pajjiż mużiċisti ta' fama mondjali, fosthom Strauss, Mozart u Bruckner.

Fi Vjenna, l-i*Schola Cantorum Jubilate* ġew mistiedna jkantaw waqt konċelebrazzjoni fil-katidral ta' San Stiefnu. Quddiem knisja mimlija nies, il-kor minn Għawdex interpreta diversi bċejjeċ mużikali u anima l-liturġija. Dan il-katidral gotiku, il-knisja ewlenija ta' l-arċidjoċesi ta' Vjenna, imur lura iktar minn disa' mija u ħamsin sena u kien inbena fuq il-fdalijiet ta' knejjes eqdem. Jirrappreżenta d-diversi wċuħ tal-istorja Awstrijaka. Fih insibu bosta opri kbar, ewlieni fosthom il-pulptu mnaqqax fil-ġebla lejn nofs is-seklu ħmistax. Fi tmiem il-konċelebrazzjoni, il-pubbliku preżenti wera l-apprezzament b'ċapċip, filwaqt li Monsinjur Anton Faber, l-arċipriet tal-katidral ta' San Stiefnu, stqarr li qatt ma basar li kor iffurmat minn element daqshekk żagħżugħ seta' jinterpreta mużika li normalment hi iktar assoċjata ma' korijiet kbar stabbiliti.

Fi Vjenna wkoll, il-kor sellem lill-Eminenza tiegħu il-Cardinal Christophe Schönborn meta żaruh fil-kurja arċiveskovili. Il-kor ta kunċert ieħor fil-Haus der Muzik, mużew magħruf tal-mużika. F'dan il-mużew, li hu tassew popolari ma' dawk li jħobbu l-mużika fid-diversi forom tagħha, insibu preżentazzjoni edukattiva mill-aqwa. Jingħata tagħrif fuq il-kompożituri kbar tal-Awstrija, fuq ċerti kompożizzjonijiet u, saħansitra fuq ix-xjenza tas-smiegħ. Alex Vella Gregory, pjanist u kompożitur li akkumpanja l-i*Schola Cantorum Jubilate*, esegwixxa għall-ewwel darba l-*piano sonata* numru 4 li kkompona hu stess.

Iż-żagħżugħ Philip Attard mhuwiex biss korista. Hu wkoll sassofonista u fid-diversi kunċerti, Philip ingħata l-opportunità li juri t-talenti tiegħu bħala mużiċist.

Fil-palazz imperjali ta' Schonbrunn, il-kor ħa sehem fil-proġett *Voices of the World* li jirrekjedi kant fid-daħla tal-palazz. Il-koristi kantaw xi biċċiet profani ta' Elgar, Sullivan u ta' Charles Camilleri. Claudia Werba, mis-sinerġija għat-turiżmu ta' Vjenna ppreżentat iċ-ċertifikat tal-parteċipazzjoni lill-*leader* Stefan Attard fi tmiem il-kunċert. Il-kor ġab ukoll permess speċjali u rnexxielu jkanta ġewwa l-kappella tal-palazz ta' Schonbrunn.

Fi Vjenna, il-kor ta kunċert ieħor li niżel tajjeb ħafna mal-udjenza sabiħa li nġabret fil-knisja ġojjell ta' San Pietru. Tinsab fiċ-ċentru storiku tal-belt, ftit metri 'l bogħod mill-Graben u hija meqjusa bħala waħda mill-knejjes tad-deheb f'din il-belt kapitali tal-Awstrija. Kif stqarr magħna Dr Christian Spalek, il-kappillan tal-knisja, f'St Peters jittellgħu kunċerti tista' tgħid kuljum. Il-mużika ħelwa u l-kant sabiħ jingħaqad mat-tlellix barokk tal-knisja biex jirriflettu xi ftit is-sbuħija ta' Alla. Kemm fl-animazzjoni tal-liturġija fil-Katidral ta' San Stiefnu, kif ukoll fil-kunċert li l-i*Schola Cantorum Jubilate* taw ġewwa l-knisja ta' San Pietru, huma kienu akkumpanjati mill-organista Ewald Gargitter mill-monasteru ta' Krems. Matul dawn l-aħħar xhur, nibtet ħbiberija speċjali bejn il-kor u dan l-organista magħruf.

F'Linz, *l-iSchola Cantorum Jubilate* kantaw fil-katidral il-qadim tal-belt, l-*alter dom*, iddedikat lill-qaddis patrun



tal-Ġiżwiti, San Injazju. Beda jinbena mill-Ġiżwiti fis-sena 1669, sar il-katidral ta' Linz fl-1785 u baqa' l-katidral sas-sena 1909. Interessanti l-fatt li l-ikbar wild mużikali ta' Linz, Anton Bruckner, kien l-organista bejn l-1856 u l-1868. Il-barokk sinjur jispikka, forsi sabiex ipatti xi ftit għall-istil pjuttost mudest minn barra.



Din is-sena, Linz laqgħet l-unur li ngħatat bħala l-kapitali kulturali tal-Ewropa u għamlet tħejjija kbira sabiex taffronta din l-isfida kulturali. Ta' kull sena, belt Ewropea tingħata dan ir-rwol. L-għarfien internazzjonali jġib lejn il-post magħżul xalata ta' attivitajiet kulturali u influss ta' turiżmu minn madwar id-dinja.

Il-koristi u mużiċisti tal-i*Schola Cantorum Jubilate* żaru wkoll il-belt ta' Salzburg. Din hi l-belt ta' Mozart li tiġbed lejha miljuni ta' turisti ta' kull sena li jimlew it-toroq dojoq tal-belt.

Sabiex ivarja r-repertorju, il-kor żar il-palazz u l-ġonna ta' Helbrunn li huma tant famużi għall-funtani li nsibu fihom. Dan kien il-palazz tas-sajf tal-arċisqof prinċep ta' Salzburg mibni erba' mitt sena ilu. Fis-sena 1964, parti mill-ġonna tal-palazz intużaw sabiex tinġibed xena mill-film *The Sound of Music* li kien ta pubbliċità enormi lill-belt. Il-kor kiseb il-permessi sabiex jinterpreta siltiet minn dan il-*musical* proprju fil-post fejn inġibdu x-xeni tal-film.

Żjara oħra memorabbli kienet dik li l-kor għamel lill-abbazija benedittina ta' Melk, imwaqqfa iktar minn disa' mitt sena ilu. Hu meqjus bħala wieħed mill-monasteri l-iktar importanti fuq wiċċ id-dinja. Il-binja enormi barokka li naraw illum, nbniet fil-bidu tas-seklu tmintax. Fil-mużew, wieħed għad jista' jgawdi teżori imprezzabbli tal-imgħoddi, fosthom il-bibljoteka fejn għadd sabiħ ta' manuskritti medjevali huma kkonservati. Din hi l-aktar knisja barokka miżmuma tajjeb fl-Ewropa. L-imperatriċi Maria Tereza kienet ta' spiss iżżur din l-abbazija fejn kienet torganizza festini. Ġie li stiednet lil Mozart sabiex iferraħ lill-mistednin bil-mużika tiegħu. Hekk għamlu ż-żgħażagħ Għawdxin meta taw dan il-kunċert f'din il-knisja.

Żjara oħra li l-kor għamel sabiex juri t-talenti mużikali tiegħu kienet fil-monasteru ta' Gottweig, ftit kilometri 'l bogħod mill-belt ta' Krems. Din l-abbazija benedittina tinkuruna għolja oħra li ġġib l-istess isem. Il-monasteru twaqqaf fis-sena 1072 u bħall-abbazija ta' Melk, ħamsa u tletin kilometru 'l bogħod, l-istruttura hi waħda massiva u imponenti. Tirrifletti wkoll xi ftit ir-realtà storika ta' żminijiet imqallba meta l-monasteru ma kienx iservi biss ta' post ta' meditazzjoni u talb, iżda rifuġju għall-kenn mill-għadu.

L-i*Schola Cantorum Jubilate* kantaw fil-knisja barokka tal-monasteru u għal darba oħra, stajna nammiraw l-arkitettura u t-tiżjin. Dawn kienu u għadhom jiffurmaw parti mill-espressjoni spiritwali tal-Awstrijaċi u huma meqjusa bħala importanti sabiex iwassluna lejn id-divin.

**L-esperjenzi ġewwa Vjenna u fil-bliet l-oħra tal-Awstrija issa huma arkivjati u huma biss tifkiriet. Iżda l-ġid li joħroġ u li jinkiseb minn dawn l-esperjenzi u oħrajn bħalhom, jibqgħu preżenti f'moħħ kull min ikun għexhom. Fuq kollox, flimkien mal-kor, jirbaħ Għawdex għaliex it-talent ta' spiss mistur tal-membri tal-komunità tal-gżira jiġi espost fi ċrieki li huma bil-wisq ikbar mill-ambjenti familjari tal-gżira ċkejkna tagħna.**

*Alvin Scicluna hu l-producer u d-direttur tal-programm **Għawdex Illum** li minn żmien għall-ieħor itella' dokumentarji televiżivi minn artijiet imbiegħda tal-missjoni sabiex iwassal il-messaġġ ta' ħbiebna l-missjunarji lill-poplu ta' Malta u Għawdex.*


# Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- *Cruises...*
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- *Lukandi... u akkomodazzjoni oħra*
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

**Passiġġata Biblika - 51**

*"Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li ma humiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu" (Ġw 20 :30-31).*

# Ħarsa Ġenerali lejn l-Evanġelju skont San Ġwann

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *L-Awtur tar-Raba' Evanġelju*

L-awtur tar-raba' evanġelju huwa Ġwanni l-appostlu, huwa meqjus bħala d-dixxiplu l-maħbub ta' Ġesù u dan għaliex kien għadu żagħżugħ meta ġie msejjaħ minn Kristu u għalhekk forsi kellu bżonn ta' attenzjoni partikulari. Kien sajjied flimkien ma' ħuh Ġakbu u missieru Żebedew. Kien imqabbad minn Ġesù biex flimkien ma' Pietru jipprepara għall-aħħar ċena. L-uniku wieħed mill-appostli kollha li baqa' preżenti fil-ġrajja tal-Passjoni fejn minn fuq is-salib Ġesù jafdalu lill-Madonna bħala ommu. Flimkien ma' Pietru mar jiġri ħdejn il-qabar ta' Kristu. Kien appostlu prominenti fil-bidu tal-Knisja. Huwa ppriedka fis-Samarija, fil-Greċja u fl-Asja Minuri, jiġifieri fit-Turkija tal-lum b'mod partikulari ġewwa l-belt importanti ta' Efesu fejn illum hemm fdalijiet ta' bażilika li kienet iddedikata proprju lilu. Flimkien mar-raba' evanġelju, kiteb tliet ittri u l-Apokalissi. Miet f'età avanzata ħafna, ġewwa Efesu madwar is-sena 100 W.K. Huwa ċert li ma mietx martri.

### *Ir-Raba' Evanġelju*

Ir-raba' evanġelju huwa differenti mill-evanġelji sinottiċi, jiġifieri dak ta' San Mattew, San Mark u San Luqa. Per eżempju fl-evanġelju insibu seba' mirakli ta' Ġesù li għalihom San Ġwann juża dejjem il-kelma Griega '*semeion*' li tfisser 'sinjal' u mhux '*dynamis*' li tfisser att ta' qawwa kif insibu fis-sinottiċi: "Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih" (Ġw 2:11). Is-'sinjal' insibuh kontinwament fl-evanġelju tiegħu u jittraduċi l-Ebrajk '*hot*' li jinsab f'Eżodu 3:11-12, Imħ 6:17-18 u 1 Sam 10:1-7. Il-kelma '*semeion*' turi garanzija ta' missjoni, 'sinjal' li għandu karattru messjaniku u sens eskatoloġiku. Il-kelma hija marbuta mas-sinjali li twassal għall-fidi sabiex nagħrfu l-messjaniċità ta' Kristu: "Il-qassisin il-kbar u l-Fariżej laqgħu s-Sanhedrin u l-kunsill u qalu: "X'sejrin nagħmlu? Għax dan il-bniedem jagħmel ħafna sinjali" (Ġw 11:47).



Fih hemm ukoll seba' diskorsi twal ta' Ġesù u jiddedika nofs l-evanġelju għad-deskrizzjoni tal-Passjoni tal-Mulej, fil-fatt l-ewwel parti minn kap 1 sa kap 12, hija magħrufa bħala l-ktieb tas-Sinjali, fejn fiċ-ċentru ta' din il-parti nsibu l-kapitlu dwar l-Ewkaristija, il-kapitlu sitta; u t-tieni parti mill-kap 13 sal-21 bħala l-Ktieb tal-Glorja, għall-Passjoni tal-Mulej fejn naraw l-ikbar siegħa (bil-Grieg: *hora*) tal-glorja ta' Bin il-Bniedem fuq is-salib, iċ-ċentru ta' din il-parti jkun il-kapitlu 17 fejn għandna t-talba Saċerdotali ta' Ġesù lill-Missier. Inkiteb għas-snin 90 u 100 W.K., jiġifieri għall-aħħar ta' l-ewwel seklu, saħansitra hemm min jgħid wara l-Apokalissi u għalhekk aktarx wieħed mill-aħħar kotba ispirati tat-T.G. San Ġwann jikteb l-evanġelju lill-komunità ta' Efesu li kellha l-influss qawwi tal-kultura Griega u Ellenistika, magħrufa bħala belt kapitali ċivili ta' l-Asja Prokonsulari, u fejn hu għadda l-aħħar snin ta' ħajtu. Għalhekk Efesu huwa l-post l-aktar probabbli li nkiteb l-evanġelju. Għalhekk huwa importanti li wieħed ikun jaf il-kuntest storiku u filosofiku ta' Efesu, mżejna b'kultura ta' filosofi kbar Griegi bħal: Platun, Aristotele, Epikretu u filosofi Stojċi. F'kultura u żmien fejn l-injostiċiżmu bid-diversi forom tiegħu kien fl-aqwa tiegħu. Iżda minkejja dan kollu, San Ġwann ma jiġix influwenzat.

Skont Raymond Brown, biblista magħruf b'mod partikulari għall-kummentarju bibliku dwar l-evanġelju ta' San Ġwann, isostni li l-ewwel sors għal San Ġwann huwa l-A.T. Insemmu hawnhekk per eżempju s-simbolu tat-tinda tad-deżert (ara 1:14: "u għammar fostna" li litteralment bil-Grieg oriġinali miktuba: « waqqaf il-għarix tiegħu fostna »), f'kap 3 fid-djalogu ma' Nikodemu għandna s-

serp tal-bronż, il-manna f'kap 6 fid-diskors tal-Ewkaristija, l-ilma tal-blata f'kap 7 fl-okkażjoni tal-festa tal-għerejjex, u nkomplu nsemmu: il-ħaruf tal-Għid, ir-ragħaj it-tajjeb, il-glorja ta' Alla (bil-Lhudi: *kavod*, bil-Grieg: *doxa*), għandna riferenza ukoll għall-profetiżmu u s-salmi.

L-Evanġelju miktub bil-Grieg, għandu kompożizzjoni Griega, b'influwenzi ta' Aramajiżmu u Ebrajiżmu (kliem bil-Grieg li hu translitterazzjoni ta' kliem Aramajk jew Ebrajk). Dan kollu jkomplu jagħmlu differenti mis-sinottiċi. Per eżempju t-terminu Grieg '*kosmos*', 'dinja' jinsab f'San Ġwann l-iktar (it-terminu 'dinja' huwa terminu ġovannej per eċċellenza u fil-Ġ.T jinsab 185 darba, fejn f'San Ġwann insibuh 105 darba), waqt li t-termini Griegi sinottiċi bħal '*basilea*' għas-saltna u '*parabole*' għall-parabbola huma rari f'San Ġwann. San Ġwann juża t-terminu Grieg '*Logos*' (bil-Latin: *Verbum*) għal Kristu, sabiex il-komunità tagħraf li hu l-Iben ta' Alla u b'hekk jaqilgħu l-milja tal-ħajja (Ġw 20:21).

Rigward il-bidu tal-evanġelju, Boismard jgħid li l-prologu għandu forma ta' innu u huwa stqarrija ta' fidi ta' l-ewwel insara. Filfatt l-evanġelju jibda bil-Prologu, Innu Kristoloġiku mill-1:1-18. Huwa ħsieb għoli ħafna mqabbel mal-ġeneajoloġija ta' Ġesù li nsibu f'San Mattew u San Luqa. F'San Ġwann għandna mela kristoloġija għolja u żviluppata dwar il-figura ta' Ġesù, infatti nsibu l-frażi 'Jiena hu' (bil-Grieg: *ego eimi*) li fl-Antik Testment hija applikata biss għal Alla, Jahweh kif naraw f'Eżodu 3:14. Iżda hija figura ta' Alla fostna, li jgħammar fostna. Fl-evanġelju naraw: Jien hu l-ħobż tal-ħajja (Ġw 6:35); Jiena hu d-dawl tad-dinja (Ġw 8:12); Jiena hu l-bieb tan-nagħaġ (Ġw 10:7 u 9), Jiena hu r-ragħaj it-tajjeb (Ġw 10:11 u 14), Jiena hu l-qawmien u l-ħajja (Ġw 11:25), Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja (Ġw 14:16) u Jiena hu d-dielja vera (Ġw 15:1). Insibu ukoll it-tislima ta' Ġesù 'il-paċi magħkom' (Ġw 20:19), fejn San Mattew juża: "Qawwu qalbkom. Jien hu. Tibżgħux" (Mt 14:27). Insibu espressjonijiet identiċi ma' Qumran, per eżempju l-korla t'Alla, xhud tal-verità, ulied id-dwal u l-ħajja ta' dejjem.

Temi importanti huma l-fidi (bil-Grieg: *pistis*) li għal San Ġwann il-verb 'temmen' (*pisteuo*) huwa espress bil-kelmiet: tara (bil-Grieg: *horao* u *teaomai*), tilqa', xhieda (bil-Grieg: *martureo*), kelma, tisma', dixxipulat, tibqa' u tħobb (bil-Grieg: *agapao*). Għandna t-tema tal-ħajja (*zoe*) u l-mewt (*tanatos*). Dan id-duwaliżmu narawh ukoll fit-termini 'id-dawl u d-dlam', bil-Grieg: '*phos* u *skotia*'. '*Phos*' insibuha 73 darba fil-ĠT, fejn f'San Ġwann biss insibuha 33 darba; '*skotia*' 17 il-darba fil-Ġ.T., fejn f'San Ġwann insibuha 14 il-darba: "Jien hu d-dawl tad-dinja. Min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam imma jkollu d-dawl tal-ħajja" (Ġw 8:12).

Mela, l-evanġelju ta' San Ġwann huwa l-vjaġġ ta' Ġesù mill-Galilija għal Ġerusalemm, vjaġġ lejn il-glorja. Evanġelju li jirrifletti postijiet marbuta mal-komunità ġovanneja, liema postijiet ma nsibuhomx fl-evanġelji sinottiċi bħal: Betanja, Kana, il-Bir ta' Ġakobb, Golgota. Mela l-iskop tar-raba' evanġelju huwa biex idawwal l-għarfien tal-fidi u jqawwi l-qarrejja li lilhom kien qiegħed jikteb.

### *Il-figura ta' Ġesù skont San Ġwann*

Għedna li l-kristoloġija li nsibu fir-raba' evanġelju hija waħda għolja, kif ifisser tajjeb is-simbolu tar-raba' evanġelju ta' l-ajkla, l-ajkla li tittajjar fil-għoli sabiex tara kollox minn fuq. Fl-Evanġelju ta' San Ġwann, il-figura ta' Ġesù tilħaq il-perfezzjoni tal-Kristoloġija, Ġesù ta' Nazaret, il-Bniedem veru, hu ukoll Alla. Huwa jibda fil-fatt l-evanġelju tiegħu, kif rajna diġà bin-nota mill-iktar sollenni tal-Prologu (1:1-18). Ippreżenta mill-ewwel lil Ġesù bħala Alla veru, l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier u bħala bniedem veru, il-*Logos* li nkarna, li ħa l-ġisem tal-bniedem u ġie jgħammar fostna (1:14). Dan hu mela Ġesù ta' Ġwanni, Alla u bniedem. Mhux bniedem li sar Alla jew li għamluh alla d-dixxipli tiegħu. Hu l-bniedem li, qabel ma ħa l-ġisem kien minn dejjem Alla. Ġesù t-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità, huwa bniedem tassew u San Ġwann jenfasizza dan l-aspett uman ta' Ġesù, minħabba t-tagħlim qarrieqi tad-doċetisti li kienu jgħidu li Ġesù ma kellux ġisem veru bħal tagħna u għalhekk ċaħdu l-inkarnazzjoni vera u għalhekk it-tbatijiet ta' Ġesù fil-passjoni. Ġwanni jinqeda bil-kelma Griega '*sarks*' (laħam) biex jenfasizza b'qawwa aktar ir-realtà tal-ġisem uman ta' Ġesù. Ġesù hu l-Iben waħdieni ta' Alla, '*ho hyios*' (1:18) u Alla veru. Naraw fl-aħħar tal-evanġelju l-istqarrija ta' Tumas: "Mulej tiegħi (*Kyrios*) u Alla tiegħi (*Theos*)!" (20:28).

Dan kien l-iskop li għalih kiteb San Ġwann: "Dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija, Bin Alla, '*ho huios tou Theou*' (20:31). Din il-frażi jew aħjar dan it-titlu insibuh 28 darba fl-evanġelju u 21 darba fl-ewwel ittra u darbtejn fit-tieni ittra tiegħu. L-artiklu huwa importanti (għandu valur teoloġiku importanti) għaliex jiddetermina li Ġesù biss hu l-Iben, hu l-Iben il-waħdieni ta' Alla, bil-Grieg: *monogenes*, bil-Latin: *unigenitus*. Ġesù li huwa ħaġa waħda mal-Missier (ara Ġw 5:18; 8:18;14:10), li kien mal-Missier sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja (Ġw 17:5) u li għandu l-istess glorja tal-Missier. "Qabel ma kien Abraham, jiena hu, '*ego eimi*'" (Ġw 8:25). Biha afferma l-pre-eżistenza tiegħu sa minn qabel iż-żmien, għax hu kien 'fil-bidu' ma' Alla u hu nnifsu 'kien Alla' (Ġw 1:1). Din għal-Lhud, li Ġesù kien qiegħed jattribwixxi għalih innifsu l-isem u d-dinjità ta' Alla, kienet l-akbar dagħwa u għalhekk qabdu l-ġebel biex iħaġġruh (Ġw 8:59).

**Biblijografija**


ASHTON, J., *Studying John: Approaches to the Fourth Gospel*, New York 1995.

BARRET, C.K., *The Gospel according to St. John*, London 1970.

BROWN, R.E., *The Gospel according to John*, I, II, AB 29 – 29a, New York 1966.

CARDELLINO, L., "Leggere Giovanni", in *Bibbia e Oriente* 38 (1996) 129-201.

*The New Jerome Biblical Commentary*, R.E. BROWN – J.A. FITZMYER – R.E. MURPHY (eds.), London 1991.

PARINTER, J., *The Quest for the Messiah. The History, Literature and Theology of the Johannine Community,* Edinburgh 1993.

SCHNACKENBURG, R., *The Gospel According to St. John*, I /II, New York 1968, 1980.

SCHNEIDER, J., *Das Evangelium nach Johannes*, Berlin 1976.

**Għawdex Qabel ir-Ritratti (21)** minn JOHN CREMONA

# Imkien li jgħaġġeb 'l allat

Pl. 11.



A. Drulin d'après le dessin de L. Mazzara. Lith. de Engelmann à Paris

VUE DE LA GROTTE DE CALYPSO.

dans l'Ile de Gozo

Is-sbuħija ta' Għawdex ġiet immortalizzata fl-epika magħrufa ta' Omeru, l-Odissea, li tirrakkonta l-vjaġġ ta' l-eroj Ulisse mill-gwerra fi Trojja lura lejn art twelidu Ithaca. Ir-rakkont tal-qagħda ta' seba' snin ta' Ulisse fil-gżira ta' Calypso, magħrufa bħala Ogygia, poġġiet lil Għawdex fuq il-mappa dinjija tal-letteratura klassika. Hawn ser inġib silta qasira mill-Odissea li tiddeskrivi s-sbuħija tal-gżira ta' Calypso.

*'Madwar il-għar kien hemm siġriet iwarrdu,*
*riħan, sebbuq u żnuber milli jfuħ*
*u agħsafar kbar ġo fihom kienu jbejtu:*
*kokk u isqra u ċawl sewdien li jgħix mill-ħut.*
*Mgħarrsin ma' bieb il-għar kien hemm xi dwieli*
*mgħobbija egħnieqed tqal tal-għeneb iswed*
*u kien hemm erba' egħjun igelglu l-ilma*
*imsewqa sew bis-swieqi ħdejn xulxin.*
*L-egħlieqi jfewħu bit-tursin u l-vjoli*
*li jferrħu l-qalb ta' kull maħluq li jxommhom.*
*Milqut minn din is-sbuħija, nħasad Hermes*
*u kollu mgħaġġeb waqaf mit-tijir*
*u f'bieb il-għar hu waqaf ħdejn Kalypso....'*

(L-Odissea - Traduzzjoni ta' V.Xuereb
– Ministeru ta' l-Edukazzjoni Malta 1989)

Fl-1699, Françoise de Salignac de la Mothe Fènelon Arċisqof ta' Cambrai ippubblika ktieb li jkompli ma' l-Odissea u li jitratta dwar it-tfittxija ta' Telemacus għal missieru Ulisse. Dan il-ktieb qajjem interess partikolari fil-postijiet imsemmija fl-Odissea fosthom it-tfittxija għall-gżira ta' Calypso. Id-deskrizzjonijiet ta' Omeru fl-Odissea joqogħdu tajjeb ħafna għal Għawdex aktar minn kull gżira oħra fil-Mediterran, u għalhekk, ħafna jaħsbu li l-gżira li kellu f'moħħu Omeru kienet Għawdex.

Naturalment, hemm gżejjer oħrajn fil-Greċja li kkontestaw din l-attribuzzjoni u mhux fil-Greċja biss għax anke f'Malta' propju fil-Mellieħa hemm għar li wkoll jissejjaħ ta' Calypso.

Il-veduta li qed nuri llum turi veduta romantiċizzata ta' l-Għar ta' Calypso fuq ir-riħ tar-Ramla l-Ħamra. Tant hija veduta romantiċizzata li l-artist saħansitra pinġa d-dielja fid-daħla ta' l-għar li jsemmi Omeru fid-deskrizzjoni tiegħu.

Din il-veduta ġiet ippubblikata l-ewwel darba bħala litografija minn Luigi Mazzara fil-ktieb tiegħu '*Temple ante-diluvien dit des geants dans l'Ile de Calypso aujourd'hui Gozo pres de Malte*' ippubblikat f'Pariġi fl-1827. L-istess veduta iżda inċiżjoni fir-ram minn G.Maina u V.Stanghi ġiet ippubblikata fl-1832 minn Attilio Zuccagni Orlandini fil-ktieb *'Atlante Geografico dell'Italia'*. L-istess inċiżjoni ġiet ippubblikata wkoll f'format ħafna iżgħar minn L.E. Audot fil-ktieb *L'Italie, la Sicile, les Ilse Eoliennes, L'Ille d'Elbe, La Sardigne, Malte. L'Ille de Calypso ecc.* Stampat f'Pariġi fl-1835

Il-litografija li qed nippubblika hija dik ta' Mazzara. Hija intitolata *'Grotte de Calypso dans l'isle de Goze'*. Għandha qisien ta' 190 x 290 mm u ġiet litografata minn A. Drulin fuq disinn ta' Mazzara nnifsu.

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 179
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2010

Għad-**dsatax**-il sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' *Il-Ħajja f'Għawdex* ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin ippubblikajna dokumenti ta' 400 sena ilu, mid-disa' sena bdejna nġibu dokumenti ta' 300 sena ilu, għax ta' 400 sena ilu huma nieqsa. Sejrin nkomplu b'dawk ta' 300 sena ilu. Id-dokumenti, bħas-snin ta'qabel, huma meħudin mill-*Acta* ta' l-Universitas, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Dawn jinsabu miġbura fl-Arkivju Nazzjonali, sezzjoni ta' Għawdex. Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni jiġu stampati fi ktieb.

# *Il-maħżnier tal-qmuħ tal-Università*

**Id-dokument numru mija u disgħa u sebgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu rikors imressaq minn Ġużeppi Cassar, il-maħżnier tal-Università ta' Għawdex, fil-bidu tas-sena 1710. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 40r-v (NAG, UG, *Acta*, 10/1709–1710, f. 40r-v).**



Din hi t-traskrizzjoni tar-rikors:

*Serenissimo Signore,*

*Giuseppe Cassar della sua Isola del Gozzo, umilissimo servitore e vassallo fidelissimo di V.A.S., con ogni riverenza espone – merce la buona gratia di V.A.S. – ritrovasì da otto anni a questa parte servendo attualmente in detta Isola in qualità di magazzinero della sua Università di detta Isola con il dritto, cioè per lì primi due anni a Tarì due per salma; per altri tre anni con tarì uno e grani diecinove; e per l'altri anni tre con il dritto di Tarì uno e grani diecidotto; et attualmente e nel corrente anno a Tarì uno e grani diecisette per salmo; con sodisfazione di tutti quelli populi senza che mai havesse rimasto disunerto deliture della sudetta Università; che però desiderando l'haver continuare nel mestiere sudetto, essendo già per spirare il tempo della sua amministrazione.*

*Ricorre per tanto da V.A.S., supplicandola che si degnasse aggraziarlo con la renovazione della carica sudetta di magazzinero;*

*Che della gratia restava obbligatissimo. Et quod Deus vult.*

Ġużeppi Cassar għal tmien snin sħaħ kien il-persuna responsabbli mill-imħażen tal-qmuħ tal-Università. Dawn l-imħażen kienu fl-inħawi ta' Triq Bieb l-Imdina, qrib il-Kavallier ta' San Ġwann, fiċ-Ċittadella.

L-Università kienet tagħżel bħala maħżnier lil dik il-persuna li kienet titlob l-inqas kummissjoni fuq l-amministrazzjoni tal-imħażen u l-bejgħ tal-qamħ. Il-kummissjoni kienet titħallas fuq kull salma qmuħ li tinbiegħ. *Salma*, li bil-Malti kienet tingħad *modd*, kien fiha 16-il tomna; kull tomna kien fiha 0.2909 metri kubi. Dan ifisser li salma kien fiha 4.65 metri kubi. Il-maħżnier kien jinħatar għal sena.

Il-persuna li kienet titfa' l-offerta riedet tkun mhux biss kapaċi għall-bejgħ, iżda wkoll persuna li taf tamministra u żżomm il-kontijiet. Għaldaqstant ma jidhirx li kienu ħafna li kienu jitfgħu l-offerta tant li dan Cassar ħadha għal tmien snin konsekuttivi.

L-ewwel sentejn ħadha b'żewġ tarì (irbigħajn) kull salma li jiġu 0.032 ewro jiġifieri ftit iktar minn tliet Ewro ċentezmi. It-tliet snin ta' wara ħadha ħarira inqas, b'tarì u dsatax-il gran; irbigħi u dsatax-il ħabba. Reġa' ħadha mill-ġdid għal tliet snin oħra konsekuttivi ħarira inqas, b'tarì u tmintax-il gran; irbiegħi u tmintax-il ħabba.

Fis-sena 1710, tliet mitt sena ilu, jidher li kien hemm xi ħadd ieħor li kien interessat jagħmilha ta' maħżnier. Cassar beża' li ma jiħux l-offerta hu u bagħat dan ir-rikors lil Raymond Perellos y Rocaful, Granmastru ta' Malta, biex jenfasizza l-ħila tiegħu bħala maħżnier. Hu beda billi tah tagħrif dwar kemm kien ħa l-offerta tul it-tmien snin ta' qabel. Kompla jgħidlu li dmiru qdieh bl-ikbar sodisfazzjon tal-poplu tant li l-Università qatt ma sabet xi tgħid fih dwar l-amministrazzjoni tiegħu u qatt ma kellu tgergir min-naħa tagħha. Insomma ried jurih li mal-esperjenza tiegħu ma jħabbatha ħadd.

Għaldaqstant talab lill-Granmastru biex jerġa' jaħtru bħala maħżnier.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Maria Anna Ciantar

*(1890-1965)*



Il-ħajja ta' kuljum hija sfida wkoll biex wieħed jgħix il-ħajja nisranija. Iżda hija okkażjoni fejn wieħed jista' jagħmel ħafna ġid. Dan narawh proprju fil-ħajja ta' Mananni Ciantar.

Mananni twieldet f'Għajnsielem fil-5 ta' Frar 1890. Tgħammdet kif kienet l-użanza ta' dak iż-żmien fl-istess jum fil-knisja parrokkjali ta' Għajnsielem minn Dun Franġisk Cassar. Meta tfarfret bdiet tmur l-iskola, li dak iż-żmien kellha ambjent reliġjuż ħafna. Fit-3 ta' Frar 1903, li allura kellha tlettax-il sena nħatret *Assistant teacher* fl-Iskola ta' Għajnsielem. Qdiet il-bqija ta' ħajjitha bħala għalliema f'raħal twelidha kif ukoll kienet *Acting Headmistress*, barra sena sakemm irtirat fil-5 ta' Frar 1950.

Il-missjoni ta' għalliema qdietha bis-serjetà. Kienet għalliema dħulija, twajba, u devota. Meta rtirat deher apprezzament il-Ġimgħa 17 ta' Frar 1950 bit-titlu *Retirement of Miss M. Ciantar (Half a centenary ago)* fejn isemmi li Miss Ciantar qdiet il-missjoni tagħha b'tattika, diliġenza, u fedeltà. Jgħid ukoll: "Miss Ciantar, ta' mara eżemplari li kienet, ma interessatx ruħha biss fil-ġid temporali tal-istudenti tagħha, għax għal qalbha kellha wisq il-ġid spiritwali tagħhom u għalhekk hija għenet ħafna fit-tixrid tat-tagħlim nisrani. In-nies ta' Għajnsielem iħossuhom midjunin lejn Miss Ciantar, għalhekk jixtiequ pubblikament jesprimu l-gratitudni tagħhom lejha."

Fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar l-għalliema tal-iskola kienu jieħdu lit-tfal għall-quddies. Miss Ciantar kienet tintona kant komuni ta' dak iż-żmien kif ukoll tmexxi l-kant. U bħall-għalliema l-oħra kienet tieħu ħsieb it-tfal tal-iskola waqt il-quddies.

Barra li kienet għalliema kienet ukoll tieħu ħsieb lit-tliet ħutha rġiel u neputi. Iżda l-bieżel ma jaqtax qalbu u donnu xi drabi jasal li jagħmel anki l-impossibbli. Kienet ukoll tgħin ħafna fil-kitba tar-reġistri tal-parroċċa lill-Kappillan Franġisk Mizzi . Kellha ortografija sabiħa ħafna.

Minkejja din l-attività kollha kienet issib ħin ukoll għall-quddiesa ta' kuljum. Kienet ġeneralment tattendi għall-quddiesa tal-ewwel, titqarben u titlob. Dan ma kienx faċli għaliha. Kienet toqgħod ftit 'l bogħod mill-knisja u għalhekk fix-xitwa kellha tiffaċċja r-riħ, ix-xita u l-bard kif ukoll in-nuqqas ta' dawl. Imma min iħobb verament lil Alla ma jibżax mis-sagrifiċċju u jkun pront li jagħmel kollox għall-Mulej.

Ġarrbet l-aħħar marda tagħha b'sabar u rassenjazzjoni. U ħalliet din id-dinja kkonfortata mis-sagramenti fid-29 ta' Lulju 1965.

***Angelo Xuereb***


RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.

• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

Għawdex Online (15)



## Kappelli Għawdxin Online (9)

# Mawra sax-Xlendi



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicepace@mail.global.net.mt

"Inheġġiġkom sabiex dan is-sajf titilgħu sa Għawdex biex tqattgħu xi jumejn hemm, tinsewx tagħtu titwila lil din il-ġawhra fdata f'idejn il-Madonna tal-Karmnu." Invit li ssib *online* fil-websajt **www.kappellimaltin.com** fl-aħħar tal-paġna dedikata lill-kappella li ssib hekk kif toqrob il-bajja tax-Xlendi. Jien dan l-invit nestendieh lil kulħadd u mhux fis-sajf biss. Nerġa' nirrepeti. Hu dnub kbir li din il-websajt tista' tinqara bil-Malti biss għax li kieku hija wkoll b'lingwi oħrajn tkun tista' tingħadd mal-prodott turistiku ta' Malta u Għawdex. M'ilux iltqajt ma' turist li ġie hawn biex jara n-niċeċ kollha li jinsabu f'Għawdex. Urieni pubblikazzjoni bil-Ġermaniż. Nappella lid-Diretturi tal-websajt li jkellmu lis-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu dwar fondi meħtieġa biex proġett bħal dan iseħħ.

Il-kappella dedikata lill-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi għandha importanza partikulari fl-istorja tal-Knisja Għawdxija, għax din kienet l-ewwel kappella li nbniet minn mindu kienet ġiet promulgata d-djoċesi ta' Għawdex fl-1864. F'dik is-sena kienet tqegħdet l-ewwel ġebla u l-knisja ġiet imbierka fl-1869 mill-Isqof Mons. Anton Grech Delicata. Is-sit issemmi li l-art li fuqha nbniet il-kappella kienet tal-patrijiet Karmelitani tal-Imdina. Jista' jkun li l-għażla tat-titlu tal-kappella kellu x'jaqsam ma' dan il-fatt. Kienet il-familja sinjura tan-Nutar Niccolo Cauchi li wasslet biex tara x-xewqa tagħhom isseħħ billi ħallsu għall-bini tal-kappella. Fil-fatt il-bini kien jappartieni wkoll lil din il-familja tant li meta miet in-Nutar, kienet bintu Carolina li kellha l-intrigu li ssib rettur biex jieħu ħsieb il-kappella u jaqdi l-bżonnijiet tad-devoti fix-Xlendi, kollox għas-spejjeż tagħha. Il-kappella ġiet mogħtija lid-djoċesi mis-sorijiet Dumnikani li kienu l-werrieta ta' Carolina wara l-mewt tagħha fl-1907. L-ewwel retturi ħadmu ħafna biex il-kappella tkun attrezzata b'dak kollu li kien meħtieġ.

Kien l-istess Nutar Cauchi li qabbad u ħallas artist Malti jpitter il-kwadru titulari. Il-pittur Salvatore Micallef wera kapaċità kbira speċjalment fil-perspettiva li għażel x'aktarx b'sens ta' affinità mal-Ordni tal-Karmelitani. Il-pittura tal-Madonna bil-Bambin tagħti l-labtu lil San Xmun Stock turi l-muntanji tal-Karmel f'Iżrael, bi kmamar żgħar fejn kienu jgħixu fis-solitudni l-eremiti li minnhom żviluppa l-istess Ordni Reliġjuż. Fil-kappella hemm xogħol ieħor tal-arti li jsaħħaħ din ir-relazzjoni bejn il-kappella u l-patrijiet Karmelitani. Fis-sit issib deskrizzjoni dettaljata tal-kapaċità li wera l-pittur tat-titular bl-użu tal-kuluri fix-



xogħol tiegħu. Issib ukoll tagħrif dwar kif il-kappella rnexxilha tattrezza l-kampnar b'sett ta' ħames qniepen.

Fil-kultura tagħna l-vara hija ta' importanza. Għalkemm kien hemm ħsieb li ssir vara, l-imbuttatura għal dan il-proġett saret wara li maltempata kbira u tal-biżà f'Awwissu 1964 ħelset lil din il-kappella minn kull ħsara. L-istatwa simpatika tal-Madonna tal-Karmnu ġiet inawgurata, imbierka u nkurunata mill-Isqof Ġużeppi Pace meta saret l-ewwel purċissjoni bl-istatwa nhar id-29 ta' Awwissu 1965. Illum il-kappella qed tqawdi minn estensjoni fuq pjanta tal-Perit Joseph Dimech. Ix-xogħol kien beda fis-sena taċ-ċentinarju tal-kappella fl-1969 u tlesta fl-1972 meta l-Isqof Nikol Cauchi fetaħ u bierek il-partijiet il-ġodda tal-kappella. Il-festa fil-Wied tax-Xlendi llum għandha postha fil-kalendarju soċjo-reliġjuż tad-djoċesi kif tassew jixraq għal post daqstant imfittex mill-Għawdxin, mill-Maltin u mit-turisti. Ir-Rettur tal-Kappella llum hu Fr. John B. Cremona.

P

Peter's Butcher Shop

For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...

St. Joseph Square, Qala Gozo

Mob: 7905 5051 · Tel: 2785 5051

*TIEQA FUQ L-AMBJENT (14)*

# IL-BUFULA ĦAMRA



*(Dan huwa r-raba' artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

Skont il-letteratura ornitoloġika tal-imgħoddi, il-**Bufula Ħamra** kienet l-unika bufula indiġena li tbejjet fil-Gżejjer Maltin. Fil-fatt l-ispeċi tal-buful l-oħrajn li llum ibejtu fil-Gżejjer Maltin bdew ibejtu ħafna snin wara. Il-Bufula Sewda, kif ktibna fit-tieni artiklu minn din is-sensiela, bdiet tbejjet għal bidu ta' l-aħħar kwart tas-seklu dsatax. Il-Bufula tal-Imrewħa u l-Bufula tal-Għollieq bdew ibejtu fis-sebgħinijiet tas-seklu li għadda u l-Bufula tal-Qasab bdiet tbejjet regolarment fis-Simar f'Malta mill-1995. Din ta' l-aħħar għadha mhix irrekordjata li tbejjet f'Għawdex,

L-isem xjentifiku tal-**Bufula Ħamra** huwa ***Sylvia conspicillata***. *Sylvia* ġejja mill-kelma bil-Latin *sylva* li tfisser masġar. *Conspicillata* ġejja mil-Latin *spicillum* li tfisser nuċċali; dan għax għandha ċirku rqiq abjad madwar għajnejha. Fil-fatt bl-Ingliż hija magħrufha bl-isem ***Spectacled Warbler*** (Bufula bin-nuċċali). F'Malta magħrufa b'diversi ismijiet. Fil-fatt anki fil-kotba antiki min sejħilha mod u min mod ieħor. Fl-ewwel ktieb xjentifiku tal-Għasafar ta' Malta (*Catalogo Ornitologico del Gruppo di Malta*), Antonio Schembri nizżilha bl-isem **Għasfur il-Ħarrub** u **Għasfur tal-Gamiem**. It-Tabib Ġiovanni Gulia, li kien naturalista, fil-kitba tiegħu, niżżilha bħala **Buliff**, filwaqt li Ġiuseppe Despott, naturalista ieħor, iniżżilha bħala **Bukħajla**. Meta xi snin ilu bdejt niġbor l-ismijiet vernakulari tagħha, sibt li f'Ħal Balzan jgħidulha **Buċaqqa tax-Xagħri**; fil-Mellieħa u f'Kemmuna **Ġurina** jew **Ġorlina**, f'Ħad Dingli **Buċeqċieqa**, u f'Marsaxlokk **Buċiċra**.

Il-**Bufula Ħamra** hija għasfur żgħir, b'tul ta' minn 12 sa 13-il ċentimetru. Kannella bil-ġwienaħ qastnin. Rasha griża fil-blu, b'dabra griża skura madwar għajnejha. Minn taħt tagħti fir-roża. Denbha kemxejn twil, griż bil-ġnub bojod. Il-mara mhix kulurita daqs ir-raġel u rasha kannellija.

Fl-imgħoddi kienet komuni u mxerrda sew f'Għawdex, iżda llum skarsa. Il-Bufula Ħamra kemxejn imgerrxa u ma tħobbx l-inħawi fejn jabitaw in-nies. Tinstab l-iżjed f'inħawi bħal Ta' Ċenċ, id-Dwejra, u l-Wardija (ara l-mappa). Residenti, għax tinstab hawn is-sena kollha. Tħobb kampanja għerja b'arbuxelli żgħar u bi ftit jew xejn siġar. Fi żmien in-namra r-raġel spiss jgħanni, anki waqt it-titjijra tan-namra, meta jittajjar qisu farfett fuq it-territorju tiegħu. Jagħmel dan kemm biex jiġbed lejh xi mara kif ukoll biex iwissi lil irġiel oħra li dak il-post okkupat minnu.



*Bufula Ħamra raġel bl-ikel għall-frieħ fuq ix-xitla endemika is-Sempreviva ta' Għawdex*



*Bufula Ħamra - mara bl-ikel għall-frieħ f'arbuxell tar-Xurbebb*




*Mappa t'Għawdex li turi fejn tinstab tbejjet il-Bufula Ħamra*

Ġeneralment ir-raġel jagħżel il-post tal-bejta u jibda jibni il-qafas tagħha. Meta l-mara taċċettah tkompli tibniha hi. L-bejta jibnuha f'xi xitla jew arbuxell baxx, spiss madwar 20 ċentimetru għolja mill-art, iżda ġieli tkun kważi tmiss ma' l-art. Jekk ix-xitwa tkun qasira u t-temp jippermetti, jibdew jibnuha anke minn nofs Frar. Tbid minn tlieta sa ħames bajdiet, ġeneralment erba', ta' lewn abjad ħadrani u ttikjati b'kannella ċar.

Il-mara ssaħħan il-bajd, iżda r-raġel ġieli jgħinha u jidħol isaħħanhom meta hi tħalli l-bejta biex tfittex l-ikel. Il-frieħ ifaqqsu wara tnax-il jum, u jtajru wara madwar tnax-il jum ieħor. Kemm il-mara kif ukoll ir-raġel iżoqqu lil frieħ. Wara li jittajru jagħmlu xi ġranet mal-ġenituri tagħhom li jibqgħu jżoqquhom sakem jibdew jitgħallmu jfittxu l-ikel huma u mbagħad jibdew ifendu għal rashom

L-akbar għadu tal-bejtiet tal-**Bufula l-Ħamra** huwa s-**Serp Iswed**. Minn studju li kont għamilt f'diversi nħawi, sibt li dan is-serp jieħu 20 fil-mija tal-bejtiet ta' din l-ispeċi. Bejtiet oħra jeħduhom il-firien, u xi ftit anke l-klieb li jkunu jħufu fil-kampanja, speċjalment fix-xagħri.



*Bejta bil-bajd tal-Bufula Ħamra*



*Żewġt ifrieħ għadhom kif ittajru mill-bejta tal-Bufula Ħamra*



*Bejta tal-Bufula Ħamra bil-frieħ ta' jumejn*

The Liqueur Shop
THE LEADING WINES, SPIRITS, & TOBACCO MERCHANTS IN GOZO
14, ST. GEORGE'S SQR., VICTORIA, GOZO.
TEL: 21 556 531
FAX: 21 555 809
Prop. J.C. Mejlak Zammit
FREE HOME DELIVERY

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# "Pariri Saċerdotali tal-Kurat ta' Ars"

*Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u awturi oħra,* ***"Pariri Saċerdotali tal-Kurat ta' Ars"****, Lumen Christi Publications, Gozo Press, Nov. 2009, pp. 48, 2 ewro.*




Bħal f'dawn l-aħħar snin, il *Lumen Christi Publications* dis sena ukoll mhix tħallina nieqsa minn diversi pubblikazzjonijiet marbuta ma' suġġett jew tifkira li l-Knisja tkun qed tiċċelebra. F'rabta mas-Sena Saċerdotali (2009 – 2010) bdiet "Servizz Speċjali" bl-ewwel ktieb: ***"Nitolbu mal-Papa għall-Qdusija tas-Saċerdoti",*** waqt li issa ħareġ it-tieni wieħed, fis-sensiela "Spirtu u Ħajja", li jikkonsisti f'**100 parir ta' San Ġwann M. Vianney,** miġbura għall-okkażjoni minn Mons. Isqof N. Cauchi, u xi kitbiet oħra. Kotba oħra qed jitħejjew għax-xhur li ġejjin.

Skont il-kriterji tal-bnedmin, meta wieħed għaqli jfittex parir, arah jagħmel l-almu tiegħu kollu biex isib għand min l-aħjar imur. Iżda l-istorja wrietna li mhux kull min għandu l-ogħla dehen uman seta' kien kapaċi jgħin lil min kellu bżonn kelma siewja għal ħajtu; kif ukoll mhux dejjem l-aħjar pariri bilfors se ssibhom għand l-aqwa esperti, jekk ma jkunux frott tal-verità u tal-Għerf Divin.

Eżempju ta' dan għandna l-Qaddis Kurat ta' Ars li kellu kliem sempliċi, f'ħajja l-iktar umli u ta' ftit intelliġenza straordinarja, imma li seta' jqanqal u jdawwal il-kuxjenzi. Hawn japplika preċiż dak li Kristu stess stqarr f'espressjoni ta' tifħir 'l Alla: *"Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, għax inti dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin" (Mt 11, 25).*

Din il-ġabra ta' pariri spiritwali tmiss il-qofol tal-ħajja nisranija b'dak li wieħed jeħtieġ jistqarr u jipprattika għas-salvazzjoni tiegħu. Dawn iħaddnu t-twemmin f'Alla, fl-Ewkaristija, fl-Imqaddsa Verġni Marija, dwar it-talb, il-grazzja, il-kruha tad-dnub, il-ħtieġa tal-qrar, it-taħriġ fit-tbatija u l-ħwejjeġ tal-aħħar.

F'dan l-istess librett ta' 48 paġna nsibu wkoll il-ħajja fil-qosor tal-Qaddis Kurat miktuba minn Ġorġ Borg, kif ukoll tip ta' ġurnata mill-ħajja tiegħu miġbura mill-Kappillan Dun Nazju Borg.

Barra li huwa ktejjeb għal kull nisrani devot, joqgħod tajjeb f'idejn il-katekisti wkoll li flimkien mal-għalliema tar-Reliġjon iservu ta' għajnuna f'għaqda mal-ġenituri fl-edukazzjoni taż-żgħar tagħhom. Il-pariri ta' dan il-Qaddis Patrun tas-Saċerdoti kollha, huma prinċipji bażiċi li ħadmu, għax waqt li l-Kurat Qaddis għex fis-sempliċità tiegħu biddel ta' taħt fuq il-parroċċa kollha ta' Ars.

Kopji għall-bejgħ jinkisbu m'għand il-librara tal-kotba reliġjużi għall-prezz ta' 2 ewro biss, imma l-ġid spiritwali li jista' joħroġ minn kotba żgħar bħal dan, huwa ferm ogħla! Nistgħu nsejħulhom essenza spiritwali fi fliexken żgħar!

***Mons. Salv Grima***

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*APPREZZAMENT*

# Mons. Tumas Curmi

13-01-1931 - 29-11-2009



Tard filgħaxija ta' nhar is-Sibt, 28 ta' Novembru ġriet l-aħbar li kien miet Mons. Tumas Curmi fl-età ta' 78 sena. Minħabba l-kontribut tiegħu, Mons. Curmi, mill-Fontana, Għawdex, kien qassis magħruf f'bosta ċrieki minkejja l-fatt li għal snin, il-mard u n-nuqqas ta' mobilità illimitawlu l-kuntatti u l-attività tiegħu.

Mons. Curmi – jew aħjar Dun Tumas kif kien l-aktar magħruf mill-poplu – twieled fit-13 ta' Jannar, 1931, fil-Fontana fejn għamel żmien jaqdi l-funzjonijiet saċerdotali tiegħu. F'dan iż-żmien kien waqqaf ukoll iċ-ċirklu għaż-żgħażagħ ta' din il-parroċċa. Iżda l-enerġija dinamika tiegħu ma ħallitux magħluq biss fil-konfini ta' parroċċa żgħira. Niftakruh fil-bidu tas-sittinijiet meta introduċa f'Għawdex l-Għaqda Żgħażagħ Ħaddiema Nsara u ferrixha kważi fl-irħula kollha Għawdxin. Kien ġabar madwaru bosta żgħażagħ Għawdxin u ħolqilhom skop ieħor biex juru t-talenti tagħhom permezz ta' inizjattivi soċjo-kulturali u sportivi. Imma aktar minn hekk, ippreżenta Għaqda moderna u proattiva. Billi l-Għaqda kienet għaż-żgħażagħ immexxija miż-żgħażagħ, liż-żgħażagħ bniet u subien Għawdxin ipprovdielhom ukoll mezz biex jibdew jerfgħu responsabbiltajiet, juru sens ta' organizzazzjoni u *leadership*, u fuq kollox sens ċiviku billi jiflu, jiddiskutu, janalizzaw u jieħdu azzjoni dwar problemi soċjali li kienu jolqtu l-interessi tal-ħaddiema u tal-ambjent ċiviku inġenerali.

Fi żmien il-veskovat ta' Mons. Nikol Cauchi, Dun Tumas serva ta' Segretarju Amministrattiv fil-Kurja ta' Għawdex. Kien amministratur kuraġġuż u dinamiku li ħa bosta deċiżjonijiet siewja biex jirriforma u jorganizza l-amministrazzjoni tal-Kurja Veskovili. Kien responsabbli għat-twaqqif ta' bosta uffiċċji fil-Kurja, kif ukoll ta' inizjattivi soċjali, fosthom it-tqassim ta' artijiet tal-Knisja bil-għan li fuqhom jitla' bini residenzjali għall-familji. Uħud minn dawn il-proġetti kienu fil-qasam magħruf bħala taċ-Ċawla, barra r-Rabat, fejn inbnew ukoll knisja u ċentru għall-qadi u l-edukazzjoni reliġjuża. Kien strumentali wkoll għar-riforma li saret fl-Istamperija tal-Istitut ta' San Ġużepp, Għawdex, billi kien introdott apparat modern tal-istampar. Dun Tumas kien għamel ukoll xogħol pastorali f'parroċċi f'Sydney u f'Melbourne.

Fl-1972, Dun Tumas Curmi laħaq monsinjur kuġitur ta' Mons. Ċelestinu Galea. Aktar tard fl-istess sena sar monsinjur effettiv fejn wettaq ħidma diversa, anki fl-uffiċċju tal-proprjetà tal-istess Katidral.

Minkejja li l-mard irrestrinġielu l-attività u rabtu mal-għeluq tad-dar, b'mod indirett u forsi wkoll diskret, Mons. Curmi baqa' involut fl-amministrazzjoni tal-Knisja permezz ta' konsulenza u pariri. Minħabba l-esperjenza twila u l-kuntatti tiegħu, kien imfittex ukoll għal pariri amministrattivi u dwar organizzazzjoni ta' beni, minn għaqdiet u Ordnijiet Reliġjużi. Minkejja t-tbatija li għadda minnha f'dan iż-żmien diffiċli, qatt ma qata' qalbu. Kien dejjem lest li jgħin b'dik il-kelma faċli u bis-soluzzjoni dejjem lesta fil-komma.

Il-korteo funebri numeruż u s-servizz reliġjuż li sarlu fil-Katidral jixhdu r-rispett li kien igawdi Mons. Tumas Curmi f'bosta ċrieki ekkleżjastiċi u soċjali. Nieħdu din l-okkażjoni biex inwasslu l-kondoljanzi tagħna lill-familjari, b'mod speċjali lil ħuh, Mons. Manwel Curmi.

Mulej, agħti lil Mons. Tumas Curmi l-mistrieħ ta' dejjem u ilqgħu fi ħdanek għad-dawl etern.

***Joe Camilleri***



*Esperjenza*

# Żjara edukattiva ġewwa Berlin



*kitba ta'* **LUCIENNE SULTANA u ANGELE XERRI**

**Dan l-aħħar, flimkien ma' numru ta' studenti sħabna li jattendu ċ-Ċentru Sir Mikelanġ Refalo, kellna esperjenza unika; dik li nżuru l-Belt ta' Berlin, biex nattendu għaċ-ċelebrazzjoni fl-anniversarju tal-għoxrin sena mill-waqgħa tal-ħajt ta' Berlin.**

Tlaqna minn Malta kmieni l-Ħadd, 8 ta' Novembru fis-sebgħa ta' filgħodu. Nammettu li din l-ewwel ġurnata kienet kemmxejn iebsa. Konna għamilna lejl imqajmin u meta wasalna Berlin, sibna kesħa kbira. Biss, malajr qomna fuq tagħna peress li konna sejrin lejn '*Bernauer Strasse*', fil-qalba ta' Berlin. Hawn wieħed għad jista' jilmaħ u jmiss fdalijiet mdaqqsa tal-Ħajt li tħallew hemm biex ifakkru l-istorja ta' din il-belt. F'din it-triq jinsab il-'*Berlin Wall Documentation Centre*' fejn hemm esebizzjoni interessanti ħafna b' bosta ritratti u vidjows tal-ħajt. Wieħed seta' jara u jmiss b'idejh '*barbed wire*' li kien tpoġġa fuq il-ħajt biex ħadd ma jkun jista' jaħrab. Hawnhekk iltqajna ma' grupp ta' studenti barranin li wkoll kienu ġew biex jieħdu sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Minn hawnhekk imxejna lejn il-'*Bundestag*', il-Parlament Ġermaniż fejn sibna gwida tisnenniena biex iddawwarna mal-post. Għal xi wħud minna din kienet l-ewwel darba li dħalna ġo parlament. B'xorti tajba kellna ċ-ċans li nidħlu fejn jiltaqgħu l-membri parlamentari.

It-tieni ġurnata, d-9 ta' Novembru 2009, l-aktar ġurnata mistennija minna lkoll, fl-aħħar waslet. Dakinhar qomna kmieni ħalli nilħqu nieħdu l-kolazzjon, però billi kien għadu l-ewwel lejl tagħna, tista' taħseb kważi ħadd ma kien fil-ħin. Bdejna billi qbadna l-*underground* li ħaditna f'*Neue Synagage*'. Din is-sinagoga sofriet ħsarat darbtejn. L-ewwel waqt il-pogrom Nażista magħruf '*Kristallnacht*', f'Novembru tal-1938, u darb'oħra waqt it-tieni gwerra dinjija. Però llum li ġiet irrestawrata, fiha tinsab esebizzjoni dwar l-istorja tal-komunità Lhudija ġewwa Berlin. Imxejna lejn il-'*Pergamon Museum*', l-akbar mużew li wieħed jista' jsib f'Berlin. Bejn wieħed u ieħor konna nafu x'se naraw peress li l-għalliema kienu għarrfuna minn qabel dwar dak kollu li konna se naraw. Rajna l-altar tal-belt ta' Pergamon, xogħol tat-tieni seklu qabel Kristu li kien iddedikat lil Zeus, l-'*Ishtar Gate*' ta' Babilonja, kif ukoll id-daħla tas-suq ta' Miletus. Minn hawn mxejna lejn '*Brandenburg Gate*', il-monument simbolu ta' Berlin, fejn stajna nsegwu ċ-ċelebrazzjoni li kienet impressjonanti għall-aħħar. Preżenti kien hemm diversi mexxejja ewlenin fosthom Angela Merkel, Gordon Brown, Nicholas Sarkozy, Hillary Clinton u Dimitri Medvedev.

It-Tlieta kienet ġurnata oħra impenjattiva, għaliex ridna nilħqu l-ferrovija li teħodna għal Potsdam. Hawn rajna l-Palazz li kien ir-residenza tas-sajf tar-Re Federiku l-Kbir, '*Sanssouci Palace*' fejn barra l-ġonna kbar stajna nammiraw ukoll il-kmamar fejn kien jgħix dan ir-Re. Wara, erġajna morna l-'*Brandenburg Gate*', imbagħad żorna l-memorjal għal-Lhud li mietu fl-Ewropa. Hemmhekk, stajna nirriflettu fuq dak li seħħ matul it-tieni gwerra dinjija fejn tant miljuni ta' nies, minn kull klassi soċjali, spiċċaw maqtula sempliċement minħabba r-razza tagħhom. Dan kien żgur wieħed mill-mumenti l-iżjed emottivi ta' din il-mawra tagħna.



*Il-grupp ta' studenti u għalliema fil-ġonna tal-Palazz Sanssouci*

Fl-aħħar jum ġewwa l-kapitali Ġermaniża żorna l-'*Berliner Dom*', katidral protestant mibni madwar mitt sena ilu. Il-gwida tal-post tagħna tatna tagħrif interessanti ħafna fuq dan il-maqdes, fosthom dwar il-koppla imponenti u l-orgni ta' William Sauer. Kellna l-opportunità li ninżlu ġewwa l-kripta fejn jinsabu midfunin membri tal-familja Hohenzollern. Minn hawn morna l-'*Fernsehturm*', kif inhu magħruf it-Torri tat-Televiżjoni, li jinsab ġewwa Alexanderplatz. Ix-xenarju li rajna minn hemm fuq, f'għoli ta' iżjed minn mitejn metru, kien wieħed spettakolari. Għalkemm konna Berlin għal ftit jiem biss, u l-enfasi kien fuq żjarat kulturali, ma setax jonqos li kellna ftit ħin liberu li ddedikajnih għax-xiri. Berlin hija belt moderna ħafna u wieħed isib jixtri dak kollu li jista' jimmaġina.

**Nagħlqu billi ngħidu li f'din il-mawra barra l-pajjiż, iċ-ċajt bejnietna ma naqasx u ħassejna li konna tassew familja waħda. Kienet bla dubju waħda mill-aktar esperjenzi sbieħ li qatt kellna f'ħajjitna, żjara kulturali u edukattiva li se tibqa' mnaqqxa f'moħħna għal bosta snin. Inroddu ħajr bil-bosta lis-Surmast u lill-għalliema li kellna magħna għaliex kien bis-saħħa tagħhom li dan kollu seta' jkun possibbli.**

MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX minn Joe Bajada



# Aktar attivitajiet f'Għawdex mill-Kunsill Malti għall-iSport

Il-Kunsill Malti għall-iSport kompla bil-ħidma tiegħu favur iktar prattika sportiva miċ-ċittadini Għawdxin f'Għawdex stess. Dan seħħ fl-aħħar tmiem il-ġimgħa ta' Ottubru fejn ġew organizzati iktar attivitajiet miftuħa għal kulħadd. L-ewwel attività li saret kienet dik ta' nhar il Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2009 meta fil-Grawnd ta' l-Oratorju fir-Rabat inżamm il-programm *Girls on the Move* li kien organizzat bil-kollaborazzjoni tal-*Gozo Football Association* u l-Kunsill Lokali tar-Rabat. L-għada s-Sibt 31 ta' Ottubru 2009 fin-nofs ta' nhar ta' fil-għodu fil-grawnd ta' Sannat inżamm festival ieħor Sportiv bil-kollaborazzjoni mal-*Gozo Football Association* bħala parti mill-ftehim milħuq bejn iż-żewġ entitajiet. Għal dan il-festival attendew iktar minn madwar 130 tifel u tifla fejn hawn ġew ipprattikati diversi *fun games* u tipi ta' sport differenti fosthom anke logħob tal-*football*. Matul il-programm il-Kunsill Malti għall-iSport offra wkoll fliexken ta' ilma lil kulħadd. L-istess parteċipazzjoni kienet mingħajr l-ebda ħlas.



Membri tal-Fergħa Għawdxija tas-Salib l-Aħmar kienu wkoll preżenti fl-eventwalità ta' xi ħtieġa. Din l-attendenza qawwija ta' tfal li ħadu sehem tkompli timla iktar bil-kuraġġ lill-organizzaturi fejn apparti l-*football*, it-tfal ikunu jistgħu jintegraw iktar ma' tfal ta' lokalitajiet oħra, kif ukoll li jidraw jipparteċipaw mingħajr l-ebda kompetizzjoni.

Matul din is-sena l-Kunsill Malti għall-iSport qed iżid l-attivitajiet tiegħu f'diversi lokalitajiet f'Għawdex b'parteċipazzjoni flimkien ma' diversi Kunsilli Lokali Għawdxin. Fost dawn qed jinżammu lezzjonijiet tal-*Aerobics*, *Pilates*, *Basketball* u *Volleyball*, kif ukoll *Sports After School* u l-*Walking to School*.



B'attivitajiet bħal dawn il-Kunsill Malti għall-iSport qed jesprimi b'mod attiv u prattiku li m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fejn jidħol l-isport u li kulħadd għandu jingħata l-opportunità li jieħu sehem fl-isport għax dawn l-attivitajiet sportivi jirrispettaw id-dinjità umana. B'hekk ukoll it-tifsira ta' l-isport u dawn il-prinċipji mhux biss isiru magħrufa u aċċettati aktar, imma li jkun implimentat b'mod konkret u strateġiku fil-ħajja ta' kuljum. Dan kollu fl-isfond li l-isport huwa għodda b'saħħitha u effikaċi biex il-poplu tagħna jkun jista' anke jilħaq miri ambizzjużi fit-titjib ta' l-i*standards* tal-kwalità tal-ħajja.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Cafè & Wine Bar*
KAPUTA
*Pizza & Local Dishes*
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

# L-Għoljiet t'Għawdex

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratt ta' Joe Attard*

## 1. TA' MERŻUQ jew TAS-SALVATUR



*Fost l-għoljiet kollha t'Għawdex*
*hemm waħda Ta' Merżuq,*
*qisha lenbut enormi*
*maqlub bil-ponta 'l fuq.*

*Xi ħadd mar darba ħaseb*
*li kienet xi vulkan,*
*munġbell in-nar itajjar*
*irmied, lava u duħħan.*

*'Mma le, dan ma kienx minnu,*
*din għolja ċkejkna Għawdxija*
*bis-sura ta' piramida*
*u mżejna b'kull sbuħija.*

*Tas-seklu għoxrin fil-bidu*
*fuqha twaqqaf salib*
*minn bdiewa u kaċċaturi*
*biex fuqna l-barka jġib.*

*U floku mbagħad tellajna*
*statwa tas-Salvatur*
*biex lil dil-gżira jħares*
*u tagħna jkun l-unur.*

*Mhux darba u tnejn iġġarrfet*
*l-istatwa tal-Feddej,*
*'mma flokha saret oħra*
*biex m'n hemm ma tinżel b'xejn.*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Richard Grech

## WIDIEN U GĦOLJIET FIL-KAMPANJA GĦAWDXIJA



Fit-triq lejn Marsalforn



Fit-triq lejn Daħlet Qorrot

# Il-Ħajja f'Għawdex

# GĦAL EWRO FIX-XAHAR!




## *Minjiera ta' Tagħrif u Tagħlim dwar Għawdex u l-Għawdxin*

*Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil- posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (2 Ewro l-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2010, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla l-formola li ssib taħt jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-*

**Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",**
**Lumen Christi Media Centre,**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria VCT 2579, Għawdex.**















Isem ____________________________________________

Indirizz __________________________________________

________________________________________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ☐ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2010* ☐

☐ €10 Abbonament Regolari

☐ €20 Abbonament Benefattur (b'rigal tal-ktieb ġdid: '***Pariri tal-Kurat ta' Ars***')

Data __________________ Firma ____________________

